

Европейски омбудсман

El Defensor del Pueblo Europeo

Evropský veřejný ochránce práv

Den Europæiske Ombudsmand

Der Europäische Bürgerbeauftragte

Euroopa Ombudsman

Ο Ευρωπαίος Διαμεσολαβητής

The European Ombudsman

Le Médiateur européen

An tOmbudsman Eorpach

Il Mediatore europeo

Eiropas ombuds

Europos ombudsmenas

Az Európai Ombudsman

L-Ombudsman Ewropew

De Europese Ombudsman

Europejski Rzecznik Praw Obywatelskich

O Provedor de Justiça Europeu

Ombudsmanul European

Európský ombudsman

Evropski varuh človekovih pravic

Euroopan oikeusasiamies

Europeiska ombudsmannen

■ Rapport Annwali **L-Ombudsman Ewropew**

2009

■ Rapport Annwali

L-Ombudsman

Ewropew

© L-Unjoni Ewropea, 2010

Ir-riproduzzjoni għal skopijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija awtorizzata, diment li jiġi rikonoxxut is-sors.

ISBN 978-92-9212-211-9

ISSN 1725-9762

DOI 10.2869/19379

Dan ir-rapport huwa ppubblikat fuq l-internet fuq: <http://www.ombudsman.europa.eu>

Stabbilit f'Cambria, Calibri u Etelka — Pierre Roesch typo-graphisme, Strasbourg.

Ir-ritratti kollha © Unjoni Ewropea, sakemm ma jiġix indikat mod ieħor.

Printed in Luxembourg

Stampat fuq CyclusPrint, karta fina għall-istampar magħmula esklussivament minn fibri riċiklati.

<http://www.ombudsman.europa.eu>

L-OMBUDSMAN EWROPEW



P. NIKIFOROS DIAMANDOUROS

Is-Sur Jerzy Buzek
President
Parlament Ewropew
Rue Wiertz
1047 Brussell
IL-BELĠJU

Strasburgu, 19 ta' April 2010

Sur President,

B'konformità mal-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 3(8) tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-Regolamenti u l-Kundizzjonijiet Ġenerali li Jirregolaw il-Qadi tad-Dmirijiet tal-Ombudsman, jien hawnhekk qiegħed nippreżenta r-Rapport tiegħi għas-sena 2009.

Dejjem tiegħek,

P. Nikiforos DIAMANDOUROS

Werrej

Daħla 7

1 Sommarju Eżekuttiv 11

2 Il-mandat u l-proċeduri tal-Ombudsman 21

- 2.1 Id-dritt li tilmenta mal-Ombudsman Ewropew 23
- 2.2 Il-bażi legali tal-ħidma tal-Ombudsman 23
- 2.3 Il-mandat tal-Ombudsman 25
- 2.4 L-ammissibbiltà u r-raġunijiet għall-investigazzjonijiet 28
- 2.5 Il-proċeduri tal-Ombudsman 29

3 Ilmenti u investigazzjonijiet 33

- 3.1 Deskrizzjoni ġenerali tal-ilmenti eżaminati 35
- 3.2 Analiżi tal-investigazzjonijiet miftuħa 40
- 3.3 Sejbiet tal-investigazzjonijiet tal-Ombudsman 42
- 3.4 Każijiet saljenti li jagħtu eżempju tal-aħjar prassi 48
- 3.5 Analiżi tematika tal-investigazzjonijiet magħluqa 49
- 3.6 Trasferimenti u pariri 68

4 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet, ombudsmen, u partijiet interessati oħrajn 71

- 4.1 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet tal-UE 73
- 4.2 Relazzjonijiet ma' ombudsmen u korpi simili 77
- 4.3 Relazzjonijiet ma' partijiet interessati oħrajn 80

5 Riżorsi 87

- 5.1 Il-Persunal 89
- 5.2 Baġit 94

Kif tikkuntattja lill-Ombudsman Ewropew 97

Daħla



HUWA pjaċir tiegħi li nippreżentalek ir-*Rapport Annwali 2009*, li jiddokumenta l-ħidma tal-Ombudsman għaċ-ċittadini, in-negozji u l-organizzazzjonijiet matul is-sena li għaddiet. Nittama li tagħtik ħarsa ġenerali tajba lejn il-progress li għamilna sabiex nippromwovu l-ogħla standards ta' amministrazzjoni fl-istituzzjonijiet tal-UE. Bħal dejjem, aħna nkunu qegħdin nistennew bil-ħerqa biex nirċievu l-feedback tiegħek.



Sena importanti għall-ombudsmen

Is-sena 2009 kienet il-mitejn anniversarju tal-istituzzjoni tal-ombudsman u kollegi minn madwar id-dinja kollha ċelebraw dan l-avveniment fi Stokkolma f'Ġunju. Mill-perspettiva tal-Ombudsman Ewropew, din is-sena kienet tfixx il-bidu tal-ħmistax-il sena ta' operat tagħna. Ġabet ukoll fi tmiemu l-ewwel mandat sħiħ tiegħi bħala Ombudsman. Jien nemmen li d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew fl-20 ta' Jannar ta' din is-sena li jerġa' jelegġini għat-tieni mandat sħiħ tikkostitwixxi fiduċja fix-xogħol li kien qiegħed jagħmel dan l-uffiċċju u ttejjgħna biex inkomplunishqu għal amministrazzjoni tal-UE aktar miftuħa, aktar affidabbli, li tkun iffokata fuq is-servizz u ċċentrata fuq iċ-ċittadin.

Huwa żmien eċċitanti għat-tmexxija ta' din l-istituzzjoni. Waħda mill-prioritajiet ewlenin tal-Ombudsman matul il-ħames snin li

ġejjin sejra tkun li jgħin jiżgura li l-UE tagħti liċ-ċittadini dawk il-benefiċċji mwiegħda mit-Trattat ta' Liżbona. Ta' importanza partikolari hija l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li issa torbot legalment. F'dan il-kuntest, jien sejjer nippromwovi, b'mod partikolari, id-dritt fundamentali għal

Waħda mill-prioritajiet ewlenin tal-Ombudsman matul il-ħames snin li ġejjin sejra tkun li jgħin jiżgura li l-UE tagħti liċ-ċittadini dawk il-benefiċċji mwiegħda mit-Trattat ta' Liżbona.

amministrazzjoni tajba, kif stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta. Diġà f'Diċembru 2009, bħala parti mill-kontribut tagħna għall-konsultazzjoni pubblika dwar ir-riforma tar-Regolament Finanzjarju tal-UE, l-Ombudsman enfażizza li r-regoli rilevanti għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-Artikolu 41 billi tiġi pprovduta

gwida lill-uffiċjali fuq kif għandhom jiżguraw ġestjoni finanzjarja soda u amministrazzjoni tajba. Permezz ta' eżempju, ir-Regolament Finanzjarju għandu, f'każijiet eċċezzjonali, jipprovdi għal ħlasijiet *ex gratia*, bħal rimedju għal inkonvenjenza serja jew periklu sever ikkawżat minn amministrazzjoni ħażina. Ir-riforma tar-Regolament Finanzjarju toffri opportunità eċċellenti sabiex id-dritt fundamentali għal amministrazzjoni tajba jitpoġġa fil-prattika.

Minħabba n-numru kbir ta' inkjesti li jagħmel l-Ombudsman kull sena fir-rigward tan-nuqqas ta' trasparenza (36 % tal-inkjesti fl-2009), jien sejjer inkompli ninsisti wkoll fuq id-dritt fundamentali tal-aċċess għad-dokumenti, kif stabbilit fl-Artikolu 42 tal-Karta u fl-Artikolu 15 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Minbarra dan, sejjer niżgura li d-dritt li wieħed jindirizza lill-Ombudsman u li jressaq petizzjoni lill-Parlament (Artikoli 43 u 44 tal-Karta rispettivament) ikunu magħrufin tajjeb u wżati kif meħtieġ, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jfittxu rimedju.

It-Trattat ta' Liżbona jintroduċi wkoll forma ġdida ta' parteċipazzjoni pubblika fil-ħajja demokratika tal-Unjoni: l-"inizjattiva taċ-ċittadini". Din għandha tagħmel kontribut importanti għall-awtorizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej. Kmieni fl-2010, jien irrispondejt għall-konsultazzjoni pubblika fuq kif l-inizjattiva taċ-ċittadini għandha taħdem fil-prattika. Huwa importanti li ttipprova

tantiċipa mistoqsijiet li jistgħu jirriżultaw fl-operat tagħha, speċjalment dawk li jistgħu jirriżultaw f'ilmenti lill-Ombudsman. Billi jidentifika tali mistoqsijiet minn qabel u jipproponi tveġibiet effettivi, l-Ombudsman jimmira biex jippromwovi amministrazzjoni tajba mill-Kummissjoni Ewropea u għalhekk jikkontribwixxi għas-suċċess ta' dan l-istrument siewi g'did għaċ-ċittadini. L-għan tiegħi għandu jkun ukoll li niżgura li ċ-ċittadini, assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u s-soċjetà ċivili jibbenifikaw mid-dispożizzjonijiet ġodda fit-Trattat li jikkonċernaw il-konsultazzjoni, id-djalogu u l-opportunità li jsemmgħu l-fehmiet tagħhom u jaqsmuhom mal-pubbliku.

Sena tajba f'termini ta' riżultati

It-tieni prijorità għall-Ombudsman sejra tkun it-tisħiħ tal-kultura ta' servizz fl-amministrazzjoni tal-UE. Huwa ovvju mir-risposti tagħhom għall-inkjesti tiegħi li l-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organii tal-UE diġà jaderixxu ma' standard għoli ta' prattika amministrattiva. F'aktar minn nofs il-każijiet magħluqa fl-2009 (56 %), l-istituzzjoni kkonċernata aċċettat soluzzjoni amikevoli jew solviet il-kwistjoni. Dan jitqabbel ma' 36 % fl-2008. Total ta' disa' każijiet saljenti, enfasizzati f'dan ir-Rapport, iservu ta' eżempji tal-aqwa prattika fir-reazzjoni għall-ilmenti.

Ġew immedija erba' inkjesti mwettqa fuq inizjattiva proprja fuq kwistjonijiet sistemiċi fil-Kummissjoni, bħall-ħlas fil-ħin u l-aċċess għad-dokumenti f'każijiet ta' ksur. L-Ombudsman ittratta wkoll ma' firxa ta' każijiet dwar punti ta' prinċipju importanti, bħall-ħtieġa li l-laqqgħat u r-reviżjonijiet rilevanti jiġu ddokumentati b'mod xieraq. Dawn il-każijiet jissemew ukoll fil-qosor f'dan ir-Rapport.

Filwaqt li l-Ombudsman kellu jagħmel biss rimarki kritiċi lill-istituzzjonijiet f'35 każ, meta mqabbla ma' 44 fl-2008 u 55 fl-2007, xorta waħda għad hemm spazju għal aktar titjib. Għal dak il-għan, jien sejjer inkompli nsegwi r-rispons tal-istituzzjonijiet għal rimarki kritiċi u rimarki oħrajn billi nippubblika studju annwali fuq is-sit elettroniku tiegħi. L-istudju tal-2009 wera li, meta tiegħu r-rimarki kritiċi u rimarki oħrajn flimkien, ir-rata ta' segwitu sodisfaċenti kienet ta' 79 %. Is-segwitu għal rimarki oħrajn kien sodisfaċenti fil-każijiet kollha, waqt li r-rata ta' segwitu sodisfaċenti tar-rimarki kritiċi kienet sinjifikament aktar baxxa fi 62 %. Dan juri li għad hemm xogħol importanti li jrid isir, mill-Ombudsman u mill-istituzzjonijiet infushom, sabiex l-uffiċjali jiġu pperswaduti li approċċ difensiv għall-Ombudsman jirrappreżenta opportunità mitlufa għall-istituzzjoni tagħhom u riskji li jħassru l-immaġini tal-Unjoni Ewropea.

It-titjib tal-kwalità tal-amministrazzjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini huwa l-bażi tal-azzjonijiet kollha tal-Ombudsman. Fir-rigward tal-ħidma tal-uffiċċju tiegħi stess, jien kuntent li nirrapporta li

It-titjib tal-kwalità tal-amministrazzjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini huwa l-bażi tal-azzjonijiet kollha tal-Ombudsman.

ż-żmien li haċt biex inlesta l-inkjesti naqas minn medja ta' 13-il xahar fl-2008 għal disa' xhur fl-2009. Aħna qegħdin nimmiraw li saħansitra nkomplu nnaqqsu ż-żmien li nieħdu biex niksbu r-riżultati permezz tal-inkjesti.

Sena impenjattiva nikkomunikaw

Is-sena 2009 bdiet bit-tnedija tas-sit elettroniku g'did tal-Ombudsman, li fih gwida interattiva li tgħin fl-identifikazzjoni tal-aktar korp adegwat għand min wieħed għandu jirrikorri bl-ilmenti tiegħu. Il-gwida kienet suċċess kbir, u offriet pariri lil aktar minn 26 000 ruħ matul is-sena. In-numru ta' ilmenti fl-uffiċċju tagħna naqas minn 3 406 fl-2008 għal 3 098 fl-2009 minħabba li aktar individwi bdew isibu l-korp it-tajeb mill-ewwel lil min jindirizzaw. Dan huwa sors ta' inkoraġġiment kbir

għaliġa. Sabiex inkomplu niżguraw dan, matul is-sena, aħna saħħaħna l-kooperazzjoni b'netwerks oħrajn ta' informazzjoni u ta' soluzzjoni tal-problemi, bħal Europe Direct u SOLVIT.

Aħna intensifikajna l-isforzi tagħna biex nilħqu lill-ilmentaturi potenzjali, billi organizzajna firxa ta' avvenimenti ma' NGOs, gruppi ta' interess, negozji, u gruppi konsultattivi. Dawn l-attivitajiet ta' popolarizzazzjoni, ikkombinati mar-riżultati impressjonanti miksuba għall-ilmentaturi, wasslu għal żieda ta' 85 % fil-kopertura tal-midja tal-ħidma tal-Ombudsman. Din il-kopertura miżjuda hija essenzjali sabiex titqajjem kuxjenza dwar id-dritt li wieħed jilmenta u dwar l-irwol tal-Ombudsman li jżomm l-amministrazzjoni tal-UE responsabbli. Iż-żieda fin-numru ta' inkjesti miftuħa, minn 293 għal 335, fuq il-bażi tal-ilmenti rċevuti fl-2009, għandha tiġi attribwita wkoll parzjalment għal dawn l-attivitajiet.

Fi kważi 80 % tal-każijiet irreġistrati, aħna stajna ngħinu lill-ilmentatur billi ftaħna inkjesta fuq il-każ, għaddejnih lill-korp kompetenti, jew tajnih parir fejn għandu jirrikorri. Aktar minn 55 % tal-każijiet kienu fil-kompetenza ta' membru tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen, u għalhekk dan jikkonferma l-ħtieġa li nkomplu nsaħħu l-kooperazzjoni fost l-ombudsmen Ewropej, nazzjonali u reġjonali u l-kumitati tal-petizzjonijiet fin-Netwerk. Is-Seba' Seminar tal-Ombudsmen Nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi kandidati, li sar f'Ċipru f'April, offriela opportunità tajba biex nagħmlu dan.


Żvilupp finali importanti fl-2009 kien l-adozzjoni ta' dikjarazzjoni tal-missjoni għall-istituzzjoni. Din taqra kif ġej:

L-Ombudsman Ewropew ifittex soluzzjonijiet ġusti għall-ilmenti kontra l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, jinkoraġġixxi t-trasparenza u jippromwovi kultura amministrattiva ta' servizz. Huwa għandu l-għan li jibni l-fiduċja permezz tad-dialogu bejn iċ-ċittadini u l-Unjoni Ewropea u li jrawwem l-oġġla standards ta' imġiba fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

Billi nibda minn kmieni fl-2010, jien għandi l-ħsieb li niżviluppa strateġija bbażata fuq din il-missjoni sabiex tkun tkopri l-mandat sħiħ ta' ħames snin tal-Ombudsman.

Jien ħerqan li nkompli nservi liċ-ċittadini fuq din il-bażi fis-snin li ġejjin.

Strasburgu, 16 ta' Frar 2010



P. Nikiforos DIAMANDOUROS



Sommarju Eżekuttiv

L-ĦMISTAX-IL Rapport Annwali tal-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew jipprovdi rendikont tal-attivitajiet tal-Ombudsman fl-2009. Huwa s-seba' Rapport Annwali ppreżentat mis-Sur P. Nikiforos DIAMANDOUROS, li beda l-ħidma tiegħu bħala Ombudsman Ewropew fl-1 ta' April 2003.

■ Struttura tar-Rapport

Ir-Rapport jikkonsisti minn ħames kapitoli. Jibda b'daħla personali mill-Ombudsman segwita b'dan is-Sommarju Eżekuttiv, li jikkostitwixxi l-Kapitolu 1.

Il-Kapitolu 2 jispjega l-mandat tal-Ombudsman u jiddeskrivi l-proċeduri tal-Ombudsman li bihom jittratta l-ilmenti u jmxexxi l-investigazzjonijiet. Jinkludi kwalunkwe żvilupp notevoli li seħħ matul is-sena li għaddiet.

Il-Kapitolu 3 jagħti ħarsa ġenerali lejn l-ilmenti li ġew indirizzati matul is-sena, kif ukoll studju dettaljat tal-investigazzjonijiet li saru. Hemm sezzjoni dwar każijiet saljenti identifikati mill-Ombudsman, kif ukoll analiżi tematika li tkopri l-aktar sejbiet sinjifikanti tal-liġi u tal-fatti li jinsabu fid-deċiżjonijiet tal-Ombudsman fl-2009. Il-Kapitolu jagħlaq b'ħarsa lejn il-każijiet li l-Ombudsman irrefera lill-korpi oħrajn li jindirizzaw l-ilmenti.

Il-Kapitolu 4 jikkonċerna l-attivitajiet ta' popolarizzazzjoni tal-Ombudsman, u jkopri r-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet, korpi u organi oħrajn tal-Unjoni Ewropea, ir-relazzjonijiet mal-komunità ta' ombudsmen nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Ewropa, u ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Ombudsman.

Il-Kapitolu 5 jipprovdi dettalji dwar il-persunal u l-baġit tal-Ombudsman.

■ L-irwol tal-Ombudsman Ewropew

L-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew ġie stabbilit fit-Trattat ta' Maastricht bħala parti miċ-ċittadinanza tal-Unjoni. L-Ombudsman jinvestiga ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi tal-Unjoni¹, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea² waqt li tkun qiegħda taġixxi fl-irwol ġudizzjarju tagħha. Bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, l-Ombudsman iddefinixxa 'amministrazzjoni ħażina' b'tali mod li jitlob rispettt għall-istat tad-dritt, għall-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u għad-drittijiet fundamentali.

L-Ombudsman jinvestiga ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea waqt li tkun qiegħda taġixxi fl-irwol ġudizzjarju tagħha.

1. L-Artikolu 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU) (li qabel kien l-Artikolu 195 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea) jestendi l-mandat tal-Ombudsman minn ilmenti li jikkonċernaw amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' "istituzzjonijiet jew korpi tal-Komunità" għal "istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni". Waqt li r-Rapport Annwali tal-Ombudsman qabel juża t-terminu "istituzzjonijiet u korpi", issa aħna nużaw, f'postijiet xierqa, it-terminu "istituzzjonijiet" sabiex nirreferu għall-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi kollha tal-UE.

2. It-Trattat ta' Liżbona biddel l-ismijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u tal-Qorti tal-Prim Istanza. Issa ssir referenza għalihom, flimkien, bħala l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u separatament bħala l-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali rispettivament.

Minbarra li jwieġeb għall-ilmenti li jsiru minn individwi, kumpaniji u assoċjazzjonijiet, l-Ombudsman jaħdem b'mod proattiv, billi jniedi investigazzjonijiet fuq l-inizjattiva tiegħu stess, jiltaqa' ma' Membri u uffiċjali ta' istituzzjonijiet tal-UE, u jilħaq liċ-ċittadini sabiex jinformatom dwar id-drittijiet tagħhom u dwar kif għandhom jeżerċitaw dawn id-drittijiet.

■ Ilmenti u investigazzjonijiet

Deskrizzjoni ġenerali tal-ilmenti eżaminati

L-Ombudsman irreġistra 3 098 ilment fl-2009, imqabbla ma' 3 406 fl-2008. Kważi 60 % ta' dawn l-ilmenti ntbagħtu fuq l-Internet, l-aktar bl-użu tal-formola elettronika tal-ilmenti, li hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman fi 23 lingwa.

B'kolloxx ġew ipproċessati 3 119 ilment³, imqabbla ma' 3 346 fl-2008. Mill-ilmenti kollha li ġew ipproċessati, 55 % (1 704 ilmenti) instabu li kienu fi ħdan il-kompetenza ta' membru tan-Netwerk

Fi kważi 80 % tal-każijiet, l-Ombudsman seta' jgħin lill-ilmentatur billi s'tħarreġ il-każ, irrefera l-ilment lill-korp kompetenti, jew billi ta pariri dwar fejn wiehded għandu jirrikorri għal soluzzjoni immedjata u effikaċi għall-problema.

Ewropew tal-Ombudsmen, bi 23 % (727 ilment) instabu li kienu fil-mandat tal-Ombudsman Ewropew. B'kolloxx kien hemm 11 % li taw bidu għal investigazzjoni. Fi kważi 80 % tal-każijiet, l-Ombudsman seta' jgħin lill-ilmentatur billi s'tħarreġ il-każ, irrefera l-ilment lill-korp kompetenti, jew billi ta pariri dwar fejn wiehded għandu jirrikorri għal soluzzjoni immedjata u effikaċi għall-problema.

B'kolloxx, l-Ombudsman indirizza kważi 5 000 ilment u talba għal informazzjoni matul is-sena inkwistjoni.

Analiżi tal-investigazzjonijiet miftuħa

Fl-2009 infetħu b'kolloxx 335 investigazzjoni ġdida (minn 293 fl-2008) fuq il-bażi tal-ilmenti. Minn dawn, 84 % ġew sottomessi minn ċittadini individwali, filwaqt li 16 % ġew sottomessi minn kumpaniji u assoċjazzjonijiet.

L-Ombudsman ta bidu wkoll għal erba' investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess, sabiex jindirizza l-problemi sistemiċi possibbli li jikkonċernaw il-Kummissjoni Ewropea.

Kif ikun il-każ kull sena, il-maġġoranza tal-investigazzjonijiet miftuħa mill-Ombudsman fl-2009 kienu jikkonċernaw lill-Kummissjoni (191 investigazzjoni jew 56 % tat-total). Minħabba li l-Kummissjoni hija l-istituzzjoni ewlenija tal-UE li tiegħu deċiżjonijiet li jkollhom impatt dirett fuq iċ-ċittadini, huwa loġiku li din tkun l-oġġett prinċipali tal-ilmenti taċ-ċittadini. Madankollu, ta' min jinnota li l-figura komparabbli għall-2008 kienet 66 % tat-total. Kien hemm 38 investigazzjoni (11 %) li jikkonċernaw l-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew, 30 (9 %) li jikkonċernaw l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO), 12 (4 %) li jikkonċernaw il-Kunsill tal-UE, u 9 (3 %) li jikkonċernaw il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Fir-rigward tal-Qorti, huwa importanti li nsemmu li l-Ombudsman jista' jiftaħ biss investigazzjonijiet rigward il-ħidma mhux ġudizzjarja tagħha. Tlieta u għoxrin istituzzjoni, korp u organu tal-UE kienu s-suġġett ta' 59 investigazzjoni oħra.

It-tipi ewlenin ta' amministrazzjoni ħażina allegati fl-investigazzjonijiet li nfetħu fl-2009 kienu n-nuqqas ta' trasparenza, inkluż ir-rifjut tal-informazzjoni (121 każ jew 36 % tat-total), nuqqas ta' ġustizzja jew abbuż tal-poter (48 każ, 14 %), dewmien li seta' ġie evitat (45 każ, 13 %), proċeduri mhux sodisfaċenti (44 każ, 13 %), negliġenza (22 każ, 6 %), nuqqas ta' assigurazzjoni tar-rispett tal-obbligi, jiġifieri, li l-Kummissjoni naqset li tiżvolġi l-irwol tagħha bħala għassiesa tat-Trattati vis-à-vis l-Istati Membri (21 każ, 6 %), l-iżball legali (19-il każ, 6 %), u d-diskriminazzjoni (17-il każ, 5 %).

3. Il-kategorija statistika "ipproċessata" tfisser li l-analiżi mfassla biex jiġi ddeterminat jekk l-ilment (i) jaqax fi ħdan il-mandat tal-Ombudsman, (ii) jilħaqx il-kriterji tal-ammissibilità, u (iii) jipprovdix raġunijiet validi sabiex tinfetħu investigazzjoni, fil-fatt tkun saret. Minħabba ż-żmien meħtieġ biex isir dan, in-numru ta' ilmenti "ipproċessati" f'sena partikolari huwa differenti min-numru ta' ilmenti "rreġistrati" fl-istess sena.

L-Ombudsman lesta 318-il investigazzjoni fl-2009 (imqabbla ma' 355 fl-2008). Minn dawn, 311 kienu relatati ma' ilmenti u seba' kienu fuq inizjattivi personali. Il-parti l-kbira tal-investigazzjonijiet ingħalqu fi żmien sena (70 %). Aktar minn nofshom (55 %) ingħalqu fi żmien tliet xhur. L-investigazzjonijiet ħadu medja ta' disa' xhur biex jingħalqu.

Sejbiet tal-investigazzjonijiet tal-Ombudsman

Kull meta jkun possibbli, l-Ombudsman jipprova jikseb eżitu pożittiv li jissodisfa kemm lill-ilmentatur kif ukoll lill-istituzzjoni li kontrihha jsir l-ilment. Il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE hija essenzjali għas-suċċess fil-ksib ta' eżiti bħal dawn, li jgħinu biex itejbu r-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini u sabiex tkun tista' tiġi evitata l-ħtieġa ta' kawża li tiegħu ż-żmien u li tiswa l-flus. Riżultat pożittiv inkiseb fil-pront għall-ilmentatur f'179 każ li ngħalqu fl-2009 (56 % tat-total). Dawn il-każijiet jew kienu solvuti mill-istituzzjoni jew inkella ntlaħaq ftehim fuq soluzzjoni bonarja. Dan jittqabbel ma' 129 każ fl-2008, li fih innifsu kien id-doppju tan-numru ta' tali każijiet sentejn biss qabel, jiġifieri fl-2006.

Fi 18 % tal-każijiet (58), ma nstabet l-ebda amministrazzjoni ħażina. Dan ma jfissirx bilfors riżultat negattiv għall-ilmentatur, li għallinqas jibbenifika milli jirċievi spjegazzjoni sħiħa mill-istituzzjoni kkonċernata ta' dak li għamlet, kif ukoll l-opinjoni tal-Ombudsman dwar il-każ.

L-Ombudsman ikkonkluda li kien hemm amministrazzjoni ħażina fi 12 % tal-każijiet (37), iżda madankollu kien kapaċi jikseb riżultat pożittiv għall-ilmentatur fi tnejn minn dawn il-każijiet permezz tal-aċċettazzjoni tal-abbozz tar-rakkomandazzjonijiet li huwa għamel. Matul is-sena inkwistjoni ma ġie sottomess ebda rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. F'35 każ, l-investigazzjoni ngħalqet b'rimarka kritika. Rimarka kritika tikkonferma lill-ilmentatur li l-ilment tiegħu jew tagħha kien iġġustifikat u tindika lill-istituzzjoni kkonċernata x'għamlet ħażin, biex b'hekk tgħinha tevita milli terġa' twettaq amministrazzjoni ħażina fil-futur.

Huwa bl-istess ħsieb li titjeb il-prestazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE fil-futur li l-Ombudsman għamel użu akbar mir-rimarki ulterjuri, meta jidentifika opportunità biex itejjeb il-kwalità tal-amministrazzjoni. L-Ombudsman għamel rimarki ulterjuri f'total ta' 28 każ fl-2009.

Huwa importanti għall-istituzzjonijiet li jsegwu rimarki kritiċi u ulterjuri mill-Ombudsman u li jieħdu azzjoni biex isolvu l-problemi pendenti. B'dan il-ħsieb, fl-2009, l-Ombudsman ippubblika fuq is-sit elettroniku tiegħu, studju tas-segwitu mwettaq mill-istituzzjonijiet involuti għar-rimarki kritiċi u r-rimarki ulterjuri li nħarġu fl-2008.

Każijiet saljenti li jagħtu eżempju tal-aħjar prassi [→→→]

Disa' każijiet li ngħalqu fl-2009 jikkostitwixxu eżempji li jispjegaw sew l-aħjar prassi u li ġew ikklassifikati bħala każijiet saljenti. Dawn iservu bħala mudell għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi

Disa' każijiet li ngħalqu fl-2009 jikkostitwixxu eżempji li jispjegaw sew l-aħjar prassi u li ġew ikklassifikati bħala każijiet saljenti.

kollha tal-UE fir-rigward ta' kif jirreaġixxu bl-aħjar mod għal kwistjonijiet li jqajjem l-Ombudsman.

Tnejn minn dawn il-każijiet jikkonċernaw l-indirizzar ta' każijiet ta' ksur mill-**Kummissjoni** fil-qasam tad-drittijiet tal-passiġġieri

tal-ajru (2980/2008/GG) u l-ambjent (791/2005/(IP)FOR). F'żewġ każijiet addizzjonali, il-Kummissjoni wriet approċċ kostruttiv billi qablet (i) li tikkanċella ordni ta' rkupru f'każ tal-persunal (1908/2007/JF) u (ii) li teżamina jekk hija tistax tikkanċella ordni ta' rkupru ta' EUR 500 000 f'każ kuntrattwali (2119/2007/ELB).

Fil-qasam tat-trasparenza, l-**Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)** qabel li joħroġ lista twila ta' dokumenti għal żewġ kumpaniji Belġjani (fil-każijiet konġunti 723/2005/OV u 790/2005/OV), waqt li l-**Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO)** qabel li jagħti ċ-ċans lill-kandidati kollha, u mhux biss lil dawk il-kandidati li ma jintgħażlux, li jkollhom aċċess għall-marki tal-eżamijiet tagħhom (2346/2007/JMA).

Finalment, tliet aġenziji eżekuttivi rrispondew b'mod eżemplari għall-proposti tal-Ombudsman: l-**Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (1562/2008/BB)** u l-**Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (2003/2008/TS)** f'każijiet ta' reklutaġġ, u l-**Aġenzija**

Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura f'każ li jikkonċerna r-rifjut ta' applikazzjoni għal għotja (1537/2008/(TJ)GG).

Analiżi tematika tal-investigazzjonijiet magħluqa

Id-deċiżjonijiet li jagħlqu l-każijiet normalment jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman (<http://www.ombudsman.europa.eu>) bl-Ingliż u, jekk differenti, fil-lingwa tal-ilmentatur. Numru ta' każijiet magħżula jinsabu disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman f'forma qasira fit-23 lingwa uffiċjali kollha tal-UE. Dawn is-sommarji jirriflettu l-firxa ta' suġġetti u ta' istituzzjonijiet, korpi u l-organi tal-UE koperti mit-318-il deċiżjoni li għalqu każijiet fl-2009, kif ukoll ir-raġunijiet differenti għall-għeluq tal-każijiet.

It-Taqsima 3.5 ta' dan ir-Rapport tanalizza l-aktar sejbiet sinjifikanti tal-liġi u tal-fatti fid-deċiżjonijiet tal-Ombudsman fl-2009. Hija organizzata f'termini ta' klassifikazzjoni tematika tas-suġġett ewlieni tal-investigazzjonijiet, mibnija madwar seba' kategoriji prinċipali⁴:

- Trasparenza, aċċess pubbliku u dejta personali;
- Il-Kummissjoni bħala għassiesa tat-Trattati;
- Aġġudikazzjoni ta' offerti u għotjiet;
- Eżekuzzjoni ta' kuntratti;
- Amministrazzjoni u regolamenti tal-persunal;
- Kompetizzjonijiet u proċeduri tal-għażla;
- Kwistjonijiet istituzzjonali, politiċi u oħrajn.

L-ewwel taqsima tal-analiżi tematika tagħti ħarsa lejn id-deċiżjonijiet tal-Ombudsman fl-2009 dwar ilmenti li jikkonċernaw (i) l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, (ii) l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni u (iii) l-protezzjoni tad-dejta personali u d-dritt tas-suġġetti tad-dejta li jkollhom aċċess għad-dejta tagħhom. Il-kwistjonijiet eżaminati jvarjaw minn dewmien fir-reġistrazzjoni tat-talbiet u fl-għoti tal-aċċess għad-dokumenti għal interpretazzjonijiet diverġenti tal-eċċezzjonijiet ipprovduti bir-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti⁵. Ġew eżaminati wkoll dawk il-każijiet li fihom kienet ikkonċernata l-protezzjoni ta' dejta personali.

It-tieni kategorija ta' każijiet tikkonċerna ilmenti kontra l-Kummissjoni fl-irwol tagħha bħala għassiesa tat-Trattati. L-Ombudsman jista' jittratta kemm l-aspetti proċedurali kif ukoll dawk sostantivi tat-trattament tal-Kummissjoni ta' dawn il-każijiet. Fost l-allegazzjonijiet eżaminati fl-2009 kienu n-nuqqas tar-reġistrazzjoni tal-ilmenti, dewmien fit-teħid tad-deċiżjonijiet u n-nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni lill-ilmentaturi, flimkien ma' nuqqas ta' qbil fuq id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li ma tkomplex issegwi ilmenti partikolari.

It-tielet taqsima tal-analiżi tematika tittratta ilmenti dwar l-għoti, jew in-nuqqas ta' għoti, ta' sejħiet għall-offerti u għotjiet. L-investigazzjoni tal-Ombudsman f'każijiet bħal dawn hija limitata għall-ivverifikar dwar jekk ir-regoli li jirregolaw il-proċedura ġewx issodisfati, jekk il-fatti humiex korretti, u li ma sar l-ebda żball ovvju ta' evalwazzjoni jew użu ħażin tal-poter. Huwa jista' jinves-tiġa wkoll jekk l-istituzzjonijiet ikkonformawx mad-dmir tagħhom li jagħtu raġunijiet u jekk dawn humiex koerenti u raġonevoli. Fl-2009, l-Ombudsman eżamina kwistjonijiet ta' trattament inġust, l-esklużjoni żbaljata jew inġusta ta' tenders jew offerti, u dewmien.

Ir-raba' kategorija tħares lejn każijiet li fihom l-ilmentaturi jikkontestaw in-nuqqas min-naħa tal-istituzzjonijiet li jissodisfaw l-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratti. Fir-rigward ta' tilwim kuntrattwali, l-Ombudsman jikkunsidra ġustifikat il-fatt li jillimita l-investigazzjoni tiegħu għal evalwazzjoni ta' jekk l-istituzzjoni tal-Unjoni involuta pprovditlux rendikont koerenti u raġonevoli tal-bażi legali għall-azzjonijiet tagħha u għaliex jemmen li l-opinjoni tiegħu dwar il-pożizzjoni kuntrattwali hija

4. Fuq il-bażi tal-inkjesti li saru fl-2009, it-tqassim f'termini tas-suġġett prinċipali tal-inkjesti huwa kif ġej: trasparenza (31%), regolamenti tal-persunal u l-amministrazzjoni (16%), kompetizzjonijiet u proċeduri tal-għażla (16%), kwistjonijiet istituzzjonali u ta' politika (14%), il-Kummissjoni bħala għassiesa tat-Trattati (9%), eżekuzzjoni ta' kuntratti (8%), u l-aġġudikazzjoni ta' offerti jew għotjiet (6%).

5. Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 fir-rigward tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.

ġustifikata. Fl-2009, l-Ombudsman eżamina problemi relatati ma' sub-kuntratturi, kwistjonijiet ta' spejjeż eliġibbli, u allegazzjonijiet ta' trattament ingiust.

Il-ħames kategorija tħares lejn ilmenti li jikkonċernaw l-attivitajiet amministrattivi tal-istituzzjonijiet, l-aktar, f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Persunal għall-uffiċjali u testi rilevanti oħrajn. In-natura ta' dawn il-każijiet tvarja b'mod konsiderevoli u jikkonċernaw kważi l-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi kollha.

Is-sitt taqsima tal-analiżi tematika teżamina ilmenti relatati mal-kompetizzjonijiet miftuħa u proċeduri oħrajn tal-għażla. Il-maġġoranza ta' dawn il-każijiet jikkonċernaw l-EPSO u jirrigwardjaw allegazzjonijiet li jikkonċernaw in-nuqqas ta' trasparenza, diskriminazzjoni u dewmien.

L-aħħar kategorija li jifdal tkopri firxa ta' ilmenti magħmula kontra l-istituzzjonijiet rigward l-attivitajiet tagħhom ta' tfassil ta' politika jew l-operat ġenerali tagħhom.

■ Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet, ombudsmen, u partijiet interessati oħrajn

Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet tal-UE

Ir-relazzjonijiet kostruttivi mal-istituzzjonijiet tal-UE huma ta' importanza enormi għall-Ombudsman Ewropew sabiex ikun jista' jiżgura l-ogħla standards possibbli ta' amministrazzjoni. L-Ombudsman jiltaqa' b'mod regolari ma' Membri u uffiċjali tal-istituzzjonijiet, korpi u organi tal-UE sabiex flimkien jiddiskutu modi kif itejbu l-kwalità tal-amministrazzjoni u biex jiżgura s-segwitu xieraq għar-rimarki, ir-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tiegħu.

Fl-2009, is-Sur DIAMANDOUROS indirizza lid-Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea u organizza serje ta' laqgħat oħrajn ma' rappreżentanti tal-Kummissjoni. Huwa kompli jaħdem mill-qrib ma' SOLVIT, in-netwerk immirat biex isolvi ilmenti relatati mas-suq intern, u saħħaħ il-kooperazzjoni ma' Europe Direct, li jipprovdi tweġibiet għal mistoqsijiet minn individwi dwar l-UE.

F'dak li għandu x'jaqsam mar-relazzjonijiet mal-Parlament, ta' importanza partikolari fl-2009 kienu laqgħat ma' rappreżentanti tal-Parlament marbuta mal-proċess leġiżlattiv kontinwu għar-reviżjoni tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti. L-Ombudsman iltaqa' wkoll mal-President il-ġdid tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, is-Sra. Erminia MAZZONI MEP, fit-2 ta' Settembru 2009 u ppreżenta r-*Rapport Annwali 2008* tiegħu lill-Kumitat fl-14 ta' Settembru. Id-dibattitu plenarju dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman fl-2008, ibbażat fuq ir-rapport imfassal mis-Sra. Chrysoula PALIADELI MEP, sar fit-12 ta' Novembru.



L-Ombudsman kompli jilħaq l-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi tal-UE fl-2009. Minbarra l-laqgħat tiegħu ma' rappreżentanti mill-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill, huwa ltaqa' wkoll ma' Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, mad-Direttur tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, u mal-Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta. L-Ombudsman jidher f'dan ir-ritratt mal-President tal-Qorti tal-Awdituri, is-Sur Vítor DA SILVA CALDEIRA.

Avvenimenti importanti oħrajn fis-sena inkwistjoni jinkludu preżentazzjonijiet lill-Grupp ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-Ewropa u lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Informazzjoni.

Avvenimenti importanti oħrajn fis-sena inkwistjoni jinkludu preżentazzjonijiet lill-Grupp ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-Ewropa u lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Informazzjoni.

L-Ombudsman indirizza wkoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, ħa sehem fil-konsultazzjoni pubblika tal-Bank Ewropew tal-Investment dwar il-linji politiċi tagħha rigward l-ilmenti u t-trasparenza, u saħħaħ il-kooperazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal.

Relazzjonijiet ma' ombudsmen u korpi simili

Bosta lmentaturi jirrikorru għall-għajnuna tal-Ombudsman Ewropew meta jkollhom problemi ma' amministrazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali. L-Ombudsman Ewropew jikkoopera mill-qrib

L-Ombudsman Ewropew jikkoopera mill-qrib mal-kontropartijiet tiegħu fl-Istati Membri sabiex jiżgura li l-ilmenti kollha taċ-ċittadini dwar il-liġi tal-UE jkunu investigati minnufih u b'mod effettiv.

mal-kontropartijiet tiegħu fl-Istati Membri sabiex jiżgura li l-ilmenti kollha taċ-ċittadini dwar il-liġi tal-UE jkunu investigati minnufih u b'mod effettiv. Din il-kooperazzjoni ħafna drabi ssir permezz tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. In-Netwerk issa jikkompreni 94 uffiċċju fi 32 pajjiż, li jkopru l-livelli nazzjonali

u reġjonali fi ħdan l-Unjoni, kif ukoll il-livell nazzjonali fil-pajjiżi kandidati għas-sħubija fl-UE, flimkien man-Norveġja, l-Iżlanda, u, l-aktar riċenti, l-Iżvizzera. Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew huwa wkoll membru sħiħ tan-Netwerk.

Wieħed mill-iskopijiet tan-Netwerk huwa li jiffaċilita t-trasferiment rapidu tal-ilmenti lill-ombudsman kompetenti jew korp simili. Matul l-2009, f'977 każ, l-ilment ġie riferut lil xi membru tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen jew inkella l-ilmentatur ingħata parir li jikkuntattja lil xi membru tan-Netwerk.

It-taqsim 4.2 ta' dan ir-Rapport tagħti dettalji dwar l-attivitajiet tan-Netwerk fl-2009, li l-punt ewlieni tagħhom kien is-Seba' Seminar tal-Ombudsmen Nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi kandidati, li sar f'Paphos, Ċipru f'April. Is-Seminar ġie organizzat b'mod konġunt mill-Ombudsman Ewropew u mill-Kummissarju għall-Amministrazzjoni (Ombudsman) ta' Ċipru, is-Sra. Eliana NICOLAOU. Uffiċċji nazzjonali u reġjonali tal-ombudsmen minn 29 pajjiż kienu rrappreżentati waqt is-Seminar, li ffoka fuq it-tema tal-immigrazzjoni.

Żjarat ta' informazzjoni ko-organizzati mal-ombudsmen fl-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati dehru li kienu effikaċi ħafna fl-iżvilupp tan-Netwerk. Matul l-2009, l-Ombudsman Ewropew żar il-kollegi ombudsman tiegħu fis-Slovakja (Mejju), fir-Repubblika Ċeka (Mejju), fil-Finlandja (Ottubru), u fl-Estonja (Ottubru).



Matul is-sena, l-isforzi tal-Ombudsman biex jikkollabora mal-kontropartijiet tiegħu estendew 'lil hinn mill-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. Fost l-avvenimenti ewlenin li attenda s-Sur DIAMANDOUROS fl-2009 kienet id-Disa' Konferenza Dinjija tal-Istitut Internazzjonali tal-Ombudsman (IOI) li ġiet organizzata f'Ġunju fi Stokkolma, fejn kien qiegħed jiġi ċelebrat ukoll il-biċentinarju tal-Ombudsman Parlamentari Żvediż. Il-konferenza biex tfakkar dan l-avveniment importanti ddeskriviet l-evoluzzjoni tal-istituzzjoni tal-ombudsman mill-oriġini Żvediżi tagħha sal-forom varji tagħha fil-għurnata tal-lum.

In-Netwerk iservi bħala mekkaniżmu utli għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-liġi tal-UE u l-aħjar prassi permezz tas-seminars imsemmija qabel, Newsletter li toħroġ kull sentejn, diskussjoni elettronika u forum ta' skambju ta' dokumenti, flimkien ma' servizz elettroniku ta' aħbarijiet kuljum. Minbarra dawn l-iskambji ta' informazzjoni informali u regolari fin-Netwerk, teżisti proċedura speċjali li permezz tagħha l-ombudsmen nazzjonali jew reġjonali jistgħu jitolbu tweġibiet bil-miktub għal mistoqsijiet dwar il-liġi tal-UE u l-interpretazzjoni tagħha, inklużi mistoqsijiet li jitqajmu waqt it-trattament ta' każijiet speċifiċi. Matul l-2009, waslet mistoqsija waħda ġdida bħal dawn.

Relazzjonijiet ma' partijiet interessati oħrajn

L-Ombudsman Ewropew huwa impenjat li jiżgura li kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni li jista' jkollha xi problema mal-istituzzjonijiet tal-UE tkun konxja mid-dritt li tilmenta miegħu dwar

L-Ombudsman Ewropew huwa impenjat li jiżgura li kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni li jista' jkollha xi problema mal-istituzzjonijiet tal-UE tkun konxja mid-dritt li tilmenta miegħu dwar amministrazzjoni ħażina.

amministrazzjoni ħażina. It-Taqsima 4.3 ta' dan ir-Rapport tagħti ħażna ġenerali lejn in-numru kbir ta' modi li permezz tagħhom fl-2009 l-Ombudsman fittex li jqajjem għarfien dwar id-dritt li jilmenta. Saru madwar 145 preżentazzjoni mill-Ombudsman u l-persunal tiegħu lil gruppi interessati fil-ħidma tiegħu. L-attivitajiet ewlenin tal-midja tal-Ombudsman fl-2009 kienu jinkludu

konferenzi stampa fi Brussell bħala parti miż-żjarat ta' informazzjoni msemmija qabel. Matul is-sena tqassmu wieħed u għoxrin stqarrija għall-istampa. Fost il-kwistjonijiet koperti kien hemm ir-reviżjoni tar-regoli tal-UE dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru, il-ħlas tard mill-Kummissjoni, il-finanzjament tal-bini tal-Parlament, u ilment sottomess minn produttur ta' mikro-proċessur, Intel.

Fil-5 ta' Jannar 2009, l-Ombudsman Ewropew nieda s-sit elettroniku ġdid tiegħu. Ta' interess partikolari fuq is-sit elettroniku ġdid hija l-gwida interattiva, li hija mmirata biex tgħin lill-individwi jidentifikaw l-aktar korp xieraq fejn ikunu jistgħu jirrikorru bl-ilment tagħhom. Fl-2009, kien hemm aktar minn 26 000 persuna li fittxew u rċewew pariri mingħand l-Ombudsman permezz tal-gwida interattiva. Is-sit elettroniku kien jiġi aġġornat regolarment matul is-sena b'deċiżjonijiet, sommarji ta' każijiet, stqarrijiet għall-istampa, dettalji ta' avvenimenti li ġejjin, u pubblikazzjonijiet. Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2009, kien hemm madwar 340 000 persuna li żaru l-websajt, li, flimkien, raw aktar minn 4 miljun paġna. L-akbar numru ta' viżitaturi kien minn Spanja, u warajha, l-Italja, il-Ġermanja, Franza u l-Belġju.

Ta' interess partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-pubblikazzjonijiet fl-2009 kienu r-Rapport Annwali bi stil ġdid u d-dokument sommarju ġdid, *Ħażna Ġenerali 2008*.



Sabiex jgħin ħalli titqajjem kuxjenza dwar il-gwida interattiva ġdida fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman Ewropew, u, b'mod aktar ġenerali, dwar il-firxa sħiħa ta' mekkaniżmi ta' soluzzjoni tal-problemi li huma disponibbli għal individwi, kumpaniji u assoċjazzjonijiet, l-Ombudsman organizza seminar fi Brussell f'Marzu 2009. Is-servizzi pprovduti mill-Ombudsman Ewropew, mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, SOLVIT, u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni taċ-Ċittadini (ECAS) kienu ppreżentati waqt is-seminar.

■ Riżorsi

It-Taqsima 5.1 ta' dan ir-Rapport tagħti deskrezzjoni ġenerali tal-istruttura tal-Uffiċċju tal-Ombudsman u tipprovdi xi tagħrif bijografiku dwar l-Ombudsman u l-persunal maniġerjali tiegħu.

L-irtir tal-persunal tal-2009 sar bejn

il-11 u t-13 ta' Frar sabiex tiġi diskussa t-tema

"Naħdmu flimkien".

It-Taqsima tinkludi wkoll tagħrif dwar l-irtiri u l-laqgħat tal-persunal tal-Ombudsman. L-irtiri tal-persunal jiffurmaw parti integrali mill-ippjanar strateġiku tal-Ombudsman, l-aktar billi jipprovdu gwida utli għat-tfassil tal-politika u għat-tnejjja tal-Pjan

ta' Ġestjoni Annwali (*Annual Management Plan – AMP*). Huma jiffurmaw parti minn ċiklu annwali ta' avvenimenti li jipprovdu opportunità lill-persunal u lill-apprendisti li jiskambjaw opinjonijiet dwar temi marbuta direttament mal-ħidma tal-Ombudsman. L-irtir tal-persunal tal-2009 sar bejn il-11 u t-13 ta' Frar sabiex tiġi diskussa t-tema "Naħdmu flimkien". Bħal daww li saru qablu, it-tielet irtir kien meqjus mill-persunal bħala esperjenza pożittiva ħafna.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Ombudsman wera total ta' 63 kariga fl-2009. L-appropriazzjonijiet ibbaġittjati fl-2009 ammontaw għal EUR 8 906 880.



Il-mandat u l-proċeduri tal-Ombudsman

DAN il-Kapitolu fih spjegazzjoni dettaljata tal-irwol tal-Ombudsman Ewropew, u jkopri l-bażi legali tal-ħidma tiegħu, deskrezzjoni tal-mandat tiegħu, u informazzjoni rigward l-ammissibbiltà u r-raġunijiet għall-ftuħ tal-investigazzjonijiet. Jinkludi eżempji ta' każijiet ittrattati fl-2009 sabiex jispjegaw dawn l-elementi u jagħmel enfasi fuq żviluppi speċifiċi, bħad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona u l-implikazzjonijiet għall-ħidma tal-Ombudsman. Il-Kapitolu jagħlaq b'ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri tal-Ombudsman li permezz tagħhom jittratta l-ilmenti u jmessi l-investigazzjonijiet, inkluż l-użu akbar ta' proċeduri informali mmirati sabiex isolvu l-ilmenti fil-pront.

2.1 Id-dritt li tilmenta mal-Ombudsman Ewropew

L-Artikolu 24 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU) – dak li qabel kien l-Artikolu 21 tat-Trattat tal-KE – jistabbilixxi d-dritt li persuna tilmenta mal-Ombudsman Ewropew

Każijiet possibbli ta' amministrazzjoni ħażina jiġbdu l-attenzjoni tal-Ombudsman l-aktar permezz tal-ilmenti, għalkemm l-Ombudsman iwettaq ukoll investigazzjonijiet fuq inizzjattiva tiegħu stess (ara t-taqsima li jmiss).

bħala wieħed mid-drittijiet ta' ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea. Dan id-dritt huwa inkluż ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE¹ (Artikolu 43). Każijiet possibbli ta' amministrazzjoni ħażina jiġbdu l-attenzjoni tal-Ombudsman l-aktar permezz tal-ilmenti, għalkemm l-Ombudsman iwettaq ukoll investigazzjonijiet fuq inizzjattiva tiegħu stess (ara t-taqsima li jmiss).

2.2 Il-bażi legali tal-ħidma tal-Ombudsman

Bidliet fil-bażi legali li jirriżultaw mit-Trattat ta' Liżbona

It-Trattat ta' Liżbona daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009. L-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE dwar l-Ombudsman sar l-Artikolu 228 TFEU. Il-mandat tal-Ombudsman twessa' mill-“istituzzjonijiet jew korpi tal-Komunità” għall-“istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni”. Dan għandu żewġ implikazzjonijiet:

1. Minħabba li t-Trattat ta' Liżbona jabolixxi l-istruttura ta' pilastru tal-UE, it-tieni pilastru ta' qabel (Politika Komuni dwar l-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà) issa jaqqa' fi ħdan il-mandat tal-Ombudsman.
2. Skont l-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TEU), il-Kunsill Ewropew huwa istituzzjoni. Għalhekk issa huwa suġġett għall-mandat tal-Ombudsman.

Għandhom jissemmew żewġ bidliet addizzjonali. L-Artikolu 228 (1) TFEU jispeċifika li l-Ombudsman jiġi “elett” minflok “maħtur” mill-Parlament Ewropew, waqt li l-Artikolu 228 (4) TFEU jistabbilixxi li l-Istatut tal-Ombudsman huwa regolament tal-Parlament Ewropew, minflok deċiżjoni. ■

Il-ħidma tal-Ombudsman tiġi rregolata mill-Artikolu 228 TFEU (ex Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE), kif ukoll mill-Istatut tal-Ombudsman u d-dispożizzjonijiet implimentattivi adottati

¹ Il-Karta kienet oriġinarjament ipproklamata f'Diċembru 2000 u mbagħad reġġet ġiet iffirmata u pproklamata fit-12 ta' Diċembru 2007 qabel l-iffirmar tat-Trattat ta' Liżbona fit-13 ta' Diċembru 2007, ĠU 2007 C 303, p. 1. It-Trattat ta' Liżbona jagħti lill-Karta l-istess valur legali bħat-Trattati.

mill-Ombudsman skont l-Artikolu 14 tal-Istatut. F'Ġunju 2008, il-Parlament Ewropew adotta deċiżjoni² li tirrevedi l-Istatut tal-Ombudsman, b'effett mill-31 ta' Lulju 2008. Fit-3 ta' Diċembru 2008, l-Ombudsman irreveda d-dispożizzjonijiet implimentattivi sabiex ikunu jirriflettu l-bidliet fl-Istatut u biex jieħdu f'kunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba mill-2004, meta nbidlu l-aħħar id-dispożizzjonijiet. Id-dispożizzjonijiet implimentattivi l-ġodda daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009. L-Istatut u d-dispożizzjonijiet implimentattivi huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman (<http://www.ombudsman.europa.eu>). Id-dispożizzjonijiet implimentattivi huma disponibbli wkoll f'kopji stampati u jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Ombudsman.

■ Ilmenti u investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali

L-Artikolu 228 TFEU jawtorizza lill-Ombudsman biex jirċievi ilmenti mingħand kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni jew mingħand kwalunkwe persuna naturali jew legali li tgħix jew li għandha l-uffiċċju rreġistrat fi Stat Membru. L-Ombudsman għandu wkoll is-setgħa li jiftaħ investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali. Bl-użu tas-setgħa tal-inizjattiva personali, l-Ombudsman jista' jinvestiga każ ta' possibbiltà ta' amministrazzjoni ħażina li jkun ingiebb għall-attenzjoni tiegħu minn persuna li ma tkunx intitolata biex tressaq ilment. Il-prattika tal-Ombudsman f'każijiet bħal dawn hija li jagħti lill-persuna kkonċernata l-istess opportunitajiet proċedurali matul l-investigazzjoni daqs li kieku l-każ kien indirizzat bħala ilment. Normalment, l-Ombudsman jindirizza l-kwistjoni ta' jekk għandux juża s-setgħa ta' inizjattiva personali b'dan il-mod fuq bażi ta' każ b'każ. Fl-2009 ma nfetħet ebda investigazzjoni ta' din ix-xorta fuq inizjattiva personali.

■ Memorandum ta' Fehim mal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI)

Fir-Rapport Annwali għall-2006, l-Ombudsman iddikjara li, minħabba limitazzjonijiet possibbli tar-riżorsi fil-ġejjieni, huwa ppreveda li l-użu tas-setgħa ta' inizjattiva personali għandha tkun riservata biss għal meta l-unika raġuni biex ma jinvestigax allegat każ ta' amministrazzjoni ħażina mill-BEI fl-attivitajiet tiegħu ta' self barra l-UE (self estern) tkun dik meta l-ilmentatur ma jkunx ċittadin jew residenti tal-Unjoni. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2007, il-Parlament Ewropew laqa' b'merħba d-dikjarazzjoni ta' l-Ombudsman u stiednu sabiex jikkunsidra li jikkonkludi Memorandum ta' Fehim (MoU) mal-BEI.

Il-MoU³ kien iffirmat mill-Ombudsman u mill-President tal-BEI fid-9 ta' Lulju 2008. L-għan tal-ftehim huwa li titjieb il-protezzjoni tal-partijiet interessati minn kwalunkwe amministrazzjoni ħażina possibbli fir-rigward tal-attivitajiet tal-BEI. Huwa jipprevedi li l-protezzjoni tal-parti interessata tkun estiża għal dawk li mhumx ċittadini jew residenti tal-UE jew li mgħandhomx uffiċċju rreġistrat fl-UE. ■

L-Ombudsman jista' wkoll juża s-setgħa ta' inizjattiva personali biex jittratta dik li tidher li hija problema sistematika fl-istituzzjonijiet. Huwa għamel dan f'erba' okkażjonijiet fl-2009, li lkoll kienu jikkonċernaw il-Kummissjoni Ewropea, inkluż dan li ġej:

■ It-talbiet ta-ċittadini għal aċċess għal dokumenti ta' ksur

L-Ombudsman nieda u għalaq investigazzjoni fuq inizjattiva personali rigward ir-regoli tal-Kummissjoni għat-trattament tat-talbiet ta-ċittadini għall-aċċess għal dokumenti relatati ma' proċeduri ta' ksur. L-għan kien li jiġi żgurat li (i) iċ-ċittadini jsiru jafu kif jistgħu jiksibu aċċess għal dokumenti relatati ma' każijiet ta' ksur, u, (ii) jekk l-aċċess jiġi rrifjutat,

2. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 2008/587 tat-18 ta' Ġunju 2008, li temenda d-Deċiżjoni 94/262 dwar ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman, ĠU 2008 L 189, p. 25.
3. Memorandum ta' Fehim bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Bank Ewropew tal-Investment li jirrigwarda l-informazzjoni dwar il-linji politiċi, l-istandards u l-proċeduri tal-Bank u t-trattament tal-ilmenti, inklużi ilmenti mingħand dawk li mhumx ċittadini u residenti tal-Unjoni Ewropea, ĠU 2008 C 244, p. 1.

huma jistgħu jsiru jafu jekk hijiex il-Kummissjoni jew inkella xi Stat Membru li hija/huwa responsabbli għar-rifjut, u jekk ir-rifjut huwiex ibbażat fuq liġi nazzjonali jew tal-UE. Matul l-investigazzjoni, l-Ombudsman stieden ukoll lill-Istati Membri biex jipprovdu l-kummenti tagħhom. Huwa għalaq l-investigazzjoni wara li sab li ma kien hemm ebda amministrazzjoni ħażina, madankollu, huwa ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinforma liċ-ċittadini li huma jistgħu jiksibu aċċess għal dokumenti bħal dawn billi japplikaw jew mal-Kummissjoni, jew mal-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat, jew inkella mat-tnejn. Barra minn hekk, iċ-ċittadini jistgħu jiġu informati li, jekk jissottomettu t-talba tagħhom għall-aċċess lill-awtoritajiet tal-Istat Membru, hija l-liġi nazzjonali li tkun applikabbli. Il-Kummissjoni tista' tinkludi tali informazzjoni fuq il-websajt eċċellenti u familjari maċ-ċittadini tagħha rigward każijiet ta' ksur tal-liġijiet.

OI/2/2009/MHZ ■

2.3 Il-mandat tal-Ombudsman

L-Artikolu 228 TFEU jawtorizza lill-Ombudsman biex jirċievi ilmenti fir-rigward ta' każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-irwol għudizzjarju tagħha. Għaldaqstant, ilment ma jaqax taħt il-mandat jekk:

- (i) ma jkunx kontra istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni;
 - (ii) ikun kontra l-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali, jew it-Tribunal tas-Servizz Ċivili fl-irwol għudizzjarju tagħhom; jew
 - (iii) ma jkunx jikkonċerna possibbiltà ta' każ ta' amministrazzjoni ħażina.
- Kull waħda minn dawn hija diskussa aktar 'l isfel.

■ Istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni

Il-mandat tal-Ombudsman Ewropew ikopri l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni. L-istituzzjonijiet huma elenkati fl-Artikolu 13 TEU. Skont dan l-Artikolu, il-Kunsill Ewropew issa huwa istituzzjoni u għalhekk huwa suġġett għall-mandat tal-Ombudsman.

Il-mandat tal-Ombudsman Ewropew ikopri l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni.

Ma hemm ebda definizzjoni jew lista awtoritattiva ta' korpi, u organi tal-Unjoni. Dan it-terminu jinkludi l-korpi stabbiliti mit-

Trattati, bħalma huma l-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew, kif ukoll korpi mwaqqfa mil-leġiżlazzjoni skont it-Trattati, inklużi aġenziji bħall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni (Frontex). Minħabba li t-Trattat ta' Liżbona abolixxa l-istruttura ta' pilastru tal-UE, każijiet possibbli ta' amministrazzjoni ħażina f'dak li kien it-tieni pilastru (Politika Komuni dwar l-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà) issa jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman.

Ilmenti kontra l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri ma jaqgħux taħt il-mandat tal-Ombudsman Ewropew, anke jekk ikunu jikkonċernaw kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-liġi tal-UE. Bosta ilmenti bħal dawn jaqgħu taħt il-mandat tal-ombudsmen nazzjonali u reġjonali fin-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen (ara t-taqsima 3.6 aktar 'l isfel).

Ilment li ma kienx kontra istituzzjoni, korp jew organu tal-UE

L-ilmentatur afferma li l-awtoritajiet Griegi talbuh jissottometti għadd sproporzjonat ta' ċertifikati u dokumenti sabiex jirrikonoxxu d-diploma (Ġermaniża) tiegħu. Huwa allega wkoll li l-awtoritajiet ma kkonformawx mal-iskadenza ta' erba' xhur biex jirrikonoxxu d-diploma tiegħu kif meħtieġ mid-Direttiva 2005/36/KE. Minħabba li l-ilmentatur kien

kontra l-awtoritajiet Griegi u mhux kontra istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni, l-ilment tiegħu ma kienx jaq' fil-mandat tal-Ombudsman Ewropew.

L-ilmentatur kien avvčina qabel lill-Ombudsman Grieg dwar il-kwistjoni, u dan tal-aħħar tah il-parir li jressaq l-ilment tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea. Għalhekk, l-Ombudsman Ewropew ipprova lill-ilmentatur b'informazzjoni dwar kif jista' jissottometti ilment dwar ksur lill-Kummissjoni.

2769/2009/BEH (Kunfidenzjali) ■

■ Il-qrati fl-irwol ġudizzjarju tagħhom

L-Ombudsman ma jistax jinvestiga ilmenti kontra l-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali, jew it-Tribunal tas-Servizz Ċivili fl-irwol ġudizzjarju tagħhom. Il-każ li ġej jgħin biex jispjega dan il-punt.

Ilment kontra l-Qorti tal-Ġustizzja fl-irwol ġudizzjarju tagħha

Ċittadin Brittaniku rrikorra għall-għajnuna tal-Ombudsman, fejn sostna li l-Qorti tal-Ġustizzja rrifjutat li tikkunsidra kwistjonijiet tal-liġi Ewropea, li huwa indirizza lilha. Huwa afferma li r-rifjut tal-Qorti li twiege b' il-mistoqsijiet tiegħu kien każ ta' abbuż tal-poter u li hija kellha tirreferihom għal deċiżjoni ġudizzjarja mill-imħallfin tagħha.

Qabel dar għall-għajnuna tal-Ombudsman, l-ilmentatur staqsa lill-Qorti jekk ir-rifjut tagħha milli tikkunsidra l-kwistjonijiet tal-liġi Ewropea għal raġunijiet purament proċedurali kienx imur kontra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Fit-tweġiba tagħha, il-Qorti qalet li hija ma kellha xejn xi żżid mal-ittra preċedenti tagħha lill-ilmentatur.

L-Ombudsman informa lill-ilmentatur li l-ilment ma kienx jaq' taħt il-mandat minħabba li sar kontra l-Qorti tal-Ġustizzja fl-irwol ġudizzjarju tagħha.

634/2009/BU ■

■ Amministrazzjoni ħażina

L-Ombudsman Ewropew konsistentament adotta l-pożizzjoni li amministrazzjoni ħażina hija kunċett wiesa' u li l-amministrazzjoni tajba teħtieġ, fost affarijiet oħrajn, il-konformità mar-regoli u l-prinċipji legali, inklużi d-drittijiet fundamentali. F'dan ir-rigward, huwa importanti li nsemmu li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li issa torbot legalment, tinkludi d-dritt għal amministrazzjoni tajba bħala dritt fundamentali ta' ċittadinanza tal-Unjoni (Artikolu 41).

Id-dritt għal amministrazzjoni tajba

1. Kull persuna għandha d-dritt li jkollha l-affarijiet tagħha ttrattati b'mod imparzjali, ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi tal-Unjoni.
2. Dan id-dritt jinkludi: (a) id-dritt ta' kull persuna li jkollha ċ-ċans issemmi' leħinha u tinstema', qabel tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tista' taffettwaha b'mod negattiv; (b) id-dritt ta' kull persuna li jkollha aċċess għall-fajl tagħha, waqt li jiġu rrispettati l-interessi leġittimi tal-kunfidenzjalità u tas-segretezza professjonali u kummerċjali; (ċ) l-obbligu tal-amministrazzjoni li tagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha.
3. Kull persuna għandha d-dritt li jkollha l-Unjoni tagħmel tajjeb għal kwalunkwe dannu kkawżat mill-istituzzjonijiet jew mill-impjegati tagħha waqt il-qadi ta' dmirijiethom, skont il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri.
4. Kull persuna tista' tikteb lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni f'waħda mil-lingwi tat-Trattati u għandha tirċievi tweġiba fl-istess lingwa. ■

In-natura li torbot legalment tal-Karta u l-possibbiltà li tirriżulta mill-protezzjoni ġudizzjarja tal-individwi x'aktarx li jżidu l-impatt tad-dritt għal amministrazzjoni tajba. L-isforzi tal-Ombudsman sabiex jippromwovi l-amministrazzjoni tajba fl-interess pubbliku, kif ukoll biex isib soluzzjonijiet mhux ġudizzjarji għall-problemi tal-individwi, x'aktarx ukoll li jkomplu jissaħħu.

B'reazzjoni għal sejħa mill-Parlament Ewropew għal definizzjoni ċara ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman offra d-definizzjoni li ġejja fir-*Rapport Annwali 1997* tiegħu:

Amministrazzjoni ħażina sseħħ meta korp pubbliku jonqos milli jaġixxi skont regola jew prinċipju vinkolattiv/a.

Amministrazzjoni ħażina sseħħ meta korp pubbliku jonqos milli jaġixxi skont regola jew prinċipju vinkolattiv/a.

Fl-1998, il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni li tilqa' b'merħba din id-definizzjoni. Skambju ta' korrispondenza bejn

l-Ombudsman u l-Kummissjoni matul l-1999 għamilha ċara li l-Kummissjoni qablet ukoll ma' din id-definizzjoni.

Madankollu, huwa importanti li jiġi nnotat li d-definizzjoni ma tillimitax l-amministrazzjoni ħażina għal każijiet fejn ir-regola jew il-prinċipju li tkun/ikun qiegħda/qiegħed t/jinkiser hija/huwa 'legalment' vinkolanti. Il-prinċipji ta' 'amministrazzjoni tajba' jmorru 'lil hinn mil-liġi, billi jitolbu lill-istituzzjonijiet tal-UE sabiex mhux biss jirrispettaw l-obbligi legali tagħhom, iżda wkoll sabiex ikunu ffokati fuq is-servizz u jiżguraw li l-membri tal-pubbliku jkunu ttrattati b'mod xieraq u jgawdu d-drittijiet tagħhom b'mod sħiħ. Għalhekk, waqt li l-illegalità timplika li bilfors hemm amministrazzjoni ħażina, l-amministrazzjoni ħażina ma tinvolvi awtomatikament l-illegalità. Għaldaqstant, is-sejbiet ta' amministrazzjoni ħażina mill-Ombudsman ma jimplikawx awtomatikament li hemm imġiba illegali li tista' tiġi ssanzjonata minn qorti⁴.

Madankollu, hemm limiti għall-kunċett ta' amministrazzjoni ħażina. Pereżempju, l-Ombudsman dejjem ikkunsidra li l-ħidma politika tal-Parlament Ewropew ma tqajjimx kwistjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina possibbli. Għaldaqstant, l-ilmenti kontra d-deċiżjonijiet tal-Kumitati tal-Parlament jaqgħu barra mill-mandat tal-Ombudsman.

Ilment li ma kienx jikkonċerna amministrazzjoni ħażina

L-ilmentatur għamel 13-il sena jaħdem bħala sewwieq tat-trakkijiet f'distanzi twal. Huwa allega li, wara d-dħul fis-seħħ tar-regoli Ewropej dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol f'dak li jirrigwardja l-attivitajiet ta' trasport bit-triq, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu kien b'mod sinifikanti. L-ilmentatur afferma, b'mod partikolari, li l-impożizzjoni ta' sigħat tax-xogħol massimi fil-ġimgħa u l-obbligu li jsuq lura lejn id-dar kull ġimgħatejn naqqsu d-dħul u l-ħin liberu u ta' rilassament tiegħu u żiedu l-infiq tiegħu.

Minħabba li l-ilment ma kienx jikkonċerna amministrazzjoni ħażina, l-ilmentatur ingħata l-parir li jikkunsidra li jippreżenta petizzjoni lill-Parlament.

2543/2009/FS ■

■ Kultura ta' servizz

Huwa importanti li jiġi rikonoxxut li kultura ta' servizz għaċ-ċittadini tiffurma parti integrali minn amministrazzjoni tajba. Din mgħandhiex tiġi konfuża u titħallat ma' kultura ta' ħtija li tinkoraġġixxi s-sens ta' difiża. (F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman ma jikkonstitwixxu ebda proċedura dixxiplinarja jew pre-dixxiplinarja għall-uffiċjali.)

L-istrateġija tal-Ombudsman għall-promozzjoni ta' kultura ta' servizz tinkludi mhux biss inizjattivi proattivi varji, iżda testendi wkoll għat-trattament tal-ilmenti. Parti importanti minn kultura ta' servizz hija l-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti l-iżbalji meta jseħħu u li jiġu rranġati l-affarijiet, jekk ikun possibbli. Apoloġija fil-pront tista' tkun dak kollu li huwa meħtieġ sabiex jiġi ssodisfat l-ilmentatur,

4. Ara, f'dan il-kuntest, is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Ottubru 2004 fil-każijiet konġunti T-219/02 u T-337/02, *Herrera vs il-Kummissjoni*, paragrafu 101, u tal-4 ta' Ottubru 2006 fil-każ T-193/04 R, *Hans-Martin Tillack vs il-Kummissjoni*, paragrafu 128.

jew għall-inqas sabiex tiġi evitata l-ħtieġa għall-Ombudsman li jikkritika b'mod formali lill-istituzzjoni kkonċernata.

F'każijiet aktar kumplessi fejn l-Ombudsman jagħmel sejba preliminari ta' amministrazzjoni ħażina, huwa jipprova, jekk ikun possibbli, jippromwovi 'soluzzjoni amikevoli' li tkun aċċettabbli kemm għall-ilmentatur kif ukoll għall-istituzzjoni kkonċernata. Madankollu, huwa importanti li jiġi nnotat li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Istatut (Artikolu 3.5⁵) u d-Dispożizzjonijiet Implimentattivi (Artikolu 6.1⁶) huma applikabbli biss jekk ikun jidher li hemm amministrazzjoni ħażina u jekk ikun jidher li huwa possibbli li din tiġi eliminata.

■ Il-Kodiċi Ewropew ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba

Fis-6 ta' Settembru 2001, il-Parlament Ewropew approva l-Kodiċi Ewropew ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba li l-istituzzjonijiet tal-UE, l-amministrazzjonijiet tagħhom, u l-uffiċjali tagħhom għandhom jirrispettaw fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku. Il-Kodiċi jikkunsidra l-prinċipji tal-liġi amministrattiva Ewropea inkluża fil-ġurisprudenza tal-qorti Ewropej u huwa ispirat mil-liġijiet nazzjonali. Il-Parlament talab ukoll lill-Ombudsman sabiex japplika l-Kodiċi meta jkun qiegħed jeżamina l-ilmenti u meta jkun qiegħed jagħmel investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess.

L-Ombudsman jilqa' bi pjaċir id-deċiżjoni tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew f'Lulju 2009 biex jadotta l-Kodiċi Ewropew ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba (ara t-taqsima 4.1 aktar 'l isfel).

2.4 L-ammissibbiltà u r-raġunijiet għall-investigazzjonijiet

Qabel ma l-Ombudsman ikun jista' jiftaħ investigazzjoni, ilment irid qabelxejn jissodisfa kriterji ulterjuri ta' ammissibbiltà. Dawn il-kriterji, kif stipulati fl-artikolu rilevanti tal-Istatut, jispeċifikaw li:

1. għandhom jiġu identifikati l-awtur u l-materja tal-ilment (Artikolu 2(3));
2. l-Ombudsman jista' ma jintervjenix f'każijiet quddiem il-qorti jew jiddubita mill-validità ta' deċiżjoni tal-qorti (Artikolu 1(3));
3. l-ilment irid isir fi żmien sentejn mid-data ta' meta l-fatti li fuqhom ikun ibbażat l-ilment ikunu ġew għall-attenzjoni tal-ilmentatur (Artikolu 2(4));
4. l-ilment irid ikun ippreċedut minn approċċi amministrattivi xierqa għall-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat/a (Artikolu 2(4)); u
5. fil-każ ta' ilmenti li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet tax-xogħol bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi u l-uffiċjali u l-impjegati tagħhom, iridu jiġu eżawriti l-possibbiltajiet għas-sottomissjoni ta' talbiet u ilmenti amministrattivi interni qabel jitressaq it-tali ilment (Artikolu 2(8)).

Ilment li ma kienx ippreċedut minn approċċi amministrattivi xierqa

Ċittadin Ġermaniż li fittex aċċess għad-dokumenti tal-Kunsill ilmenta mal-Ombudsman li l-Kunsill wiegħbu lura bl-Ingliż minkejja li t-talba tiegħu kienet bil-Ġermaniż. Huwa qal ukoll li l-ġustifikazzjoni tal-Kunsill għall-estensjoni tal-limitu ta' żmien sabiex tingħata twegħiba fi żmien 15-il ġurnata ma kinitx skont ir-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti. L-ilmentatur bagħat l-ittra ta' ilment tiegħu lill-Kunsill, li wiegħbu lura billi

5. "Sakemm ikun possibbli, l-Ombudsman għandu jfittex soluzzjoni mal-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat/a sabiex jelimina l-possibbiltajiet ta' amministrazzjoni ħażina u sabiex jissodisfa lill-ilmentatur."

6. "Jekk l-Ombudsman isib każ ta' amministrazzjoni ħażina, sakemm ikun possibbli, huwa għandu jikkoopera mal-istituzzjoni kkonċernata bil-għan li tinstab soluzzjoni amikevoli sabiex jeliminaha u sabiex jissodisfa lill-ilmentatur."

bagħatlu traduzzjoni għall-Ġermaniż tat-tweġiba li kien bagħatlu diġà aktar kmieni. Huwa rtira l-ilment tiegħu fir-rigward tal-lingwa iżda baqa' jsostni t-tieni allegazzjoni.

Il-fatt li l-ilmentatur avviċina lill-Kunsill u lill-Ombudsman fl-istess ħin (19 ta' Ottubru 2009) għamel l-ilment tiegħu lill-Ombudsman mhux ammissibbli. L-Ombudsman qal li l-Kunsill jeħtieġ perjodu ta' żmien raġonevoli biex ikun jista' jitratta l-kwistjoni mqajma mill-ilmentatur. Huwa kkonkluda li jekk il-Kunsill jonqos milli jipprovdi tweġiba sodisfaċenti sat-tieni ġimgħa ta' Novembru 2009, imbagħad l-ilment ikun jista' jiġġedded.

2596/2009/CH ■

L-Artikolu 228 TFEU jawtorizza lill-Ombudsman sabiex “jagħmel investigazzjonijiet li għalihom iħoss li hemm biżżejjed provi”. Sabiex jiġi evitat li jinħolqu aspettattivi mhux ġustifikati fost l-ilment-

Minn fost il-każijiet ammissibbli li ġew ittrattati fl-2009, 33 % kienu meqjusin li ma jipprovdu ebda bażi għal investigazzjoni.

taturi u sabiex ikun żgurat l-aħjar użu tar-riżorsi, l-ilmenti ammissibbli kollha jiġu studjati bir-reqqa biex ikun ivverifikat jekk hemmx prospett raġonevoli li investigazzjoni sejra twassal għal riżultat utli. Jekk le, l-Ombudsman jagħlaq il-każ bħala wieħed li

ma jipprovdi biżżejjed raġunijiet għal investigazzjoni. L-Ombudsman huwa wkoll tal-opinjoni li, jekk ilment ikun diġà ġie indirizzat bħala petizzjoni mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, normalment ma jkun hemm ebda raġuni għal investigazzjoni mill-Ombudsman, sakemm ma jiġux ippreżentati provi ġodda. Minn fost il-każijiet ammissibbli li ġew ittrattati fl-2009, 33 % kienu meqjusin li ma jipprovdu ebda bażi għal investigazzjoni. Meta l-Ombudsman jikkunsidra li mhemmxa raġunijiet sabiex tinfetaħ investigazzjoni, huwa jinforma lill-ilmentatur u, f'ċerti każijiet, jibgħat verżjoni anonimizzata ta' din id-deċiżjoni lill-istituzzjoni kkonċernata.

2.5 Il-proċeduri tal-Ombudsman

Normalment l-ilmenti kollha li jintbagħtu lill-Ombudsman jiġu rreġistrati u rikonoxxuti fi żmien ġimgħa minn meta jaslu. Id-dikjarazzjoni ta' rċevuta li tintbagħat tgħarraflill-ilmentatur bil-proċedura

Normalment l-ilmenti kollha li jintbagħtu lill-Ombudsman jiġu rreġistrati u rikonoxxuti fi żmien ġimgħa minn meta jaslu.

u tkun tinkludi numru ta' referenza, kif ukoll l-isem u n-numru tat-telefon tal-persuna li tkun qiegħda tindirizza l-ilment.

L-ilment jiġi analizzat sabiex jiġi stabbilit jekk għandhiex tinfetaħ investigazzjoni u l-ilmentatur jiġi mgħarrafl bir-riżultati

tal-analiżi, normalment fi żmien xahar. Jekk ma tinfetaħ ebda investigazzjoni, l-ilmentatur jiġi mgħarrafl bir-raġuni. Fejn ikun possibbli, l-ilment jiġi trasferit, jew inkella l-ilmentatur jingħata parir xieraq dwar għand liema korpi kompetenti għandu jirrikorri.

Waqt investigazzjoni, l-ilmentatur jiġi mgħarrafl b'kull pass għdid li jittieħed. Meta l-Ombudsman jiddeċiedi li jagħlaq l-investigazzjoni, huwa jgħarrafl lill-ilmentatur bir-riżultati tal-investigazzjoni u bil-konklużjonijiet tiegħu. Id-deċiżjonijiet tal-Ombudsman ma jorbtux legalment u ma joħolqux drittijiet jew obbligi li jistgħu jiġu infurzati b'mod legali għall-ilmentatur, jew għall-istituzzjoni kkonċernata.

■ Proċeduri ssimplifikati ta' investigazzjoni

Bħala alternattiva għall-ftuħ ta' investigazzjoni bil-miktub dwar il-possibbiltà ta' amministrazzjoni ħażina, u bil-għan li l-problema rilevanti tissolva fl-iqsar żmien possibbli, l-Ombudsman jagħmel użu minn proċeduri informali u flessibbli, bil-qbil u l-kooperazzjoni tal-istituzzjoni kkonċernata.

Matul l-2009, ġew solvuti 114-il każ wara li l-intervent tal-Ombudsman irnexxielu jikseb tweġiba f'waqtha għal korrispondenza mhux imwieġba (ara t-taqsima 2.9 tar-*Rapport Annwali 1998* għal dettalji dwar il-proċedura). Proċedura ssimplifikata tintuża wkoll f'xi każijiet oħrajn, pereżempju dan li ġej:

Il-Kummissjoni ssolvi kwistjoni ta' benefiċċji li suppost ingħataw diġà u twieġeb għal talba għall-informazzjoni

Wara li nnotat li l-benefiċċji tat-tfal li ħallsitha l-Kummissjoni fuq perjodu ta' tliet xhur kienu baxxi wisq, individwu talbet informazzjoni dwar l-ammonti ta' benefiċċji li l-Kummissjoni għandha tħallas għal kull wieħed u waħda mit-tfal tagħha. Hija mbagħad allegat mal-Ombudsman li l-Kummissjoni naqset milli twieġeb għat-talba tagħha. Hija sostniet li l-Kummissjoni għandha tħallasha l-benefiċċji li suppost diġà ngħatawliha.

Billi applikaw il-proċedura ssimplifikata, is-servizzi tal-Ombudsman ikkuntattjaw lill-Kummissjoni u talbuha sabiex issolvi l-kwistjoni. Il-Kummissjoni wieġbet fil-pożittiv u ddeċidiet li tħallas lill-ilmentatriċi s-somma ta' EUR 2 400, jiġifieri, il-benefiċċji li suppost kienet ingħatat diġà. Barra minn hekk, hija wieġbet fid-dettall għat-talba tagħha għall-informazzjoni fuq l-ammonti ta' benefiċċji għal kull tifel/tifla. L-ilmentatriċi rringrazzjat lill-Ombudsman għall-intervent f'waqt u ta' suċċess tiegħu.

2248/2009/MF ■

■ Il-ftuħ ta' investigazzjoni

F'każ li l-Ombudsman jiddeċiedi li jiftaħ investigazzjoni bil-miktub, l-ewwel pass huwa li jressaq l-ilment lill-istituzzjoni kkonċernata u jitlob li din tibgħat opinjoni lill-Ombudsman, normalment fi żmien tliet xhur kalendarji. Fl-2004, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni qablu li jaċċettaw limitu ta' żmien iqsar ta' xahrejn għall-ilmenti li jikkonċernaw ir-rifjut ta' aċċess għad-dokumenti.

■ Proċedura ġusta

Il-prinċipju ta' proċedura ġusta jitlob li d-deċiżjoni tal-Ombudsman fuq ilment ma tistax tiegħu f'kunsiderazzjoni l-materjal li l-ilmentatur/ilmentatriċi, jew l-istituzzjoni tal-UE tagħżel li tibgħat lill-Ombudsman, sakemm il-parti l-oħra ma kellhiex l-opportunità tara dan il-materjal u tagħti l-fehma tagħha dwaru.

Għaldaqstant, l-Ombudsman jibgħat l-opinjoni tal-istituzzjoni lill-ilmentatur bi stedina sabiex jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu. L-istess proċedura tiġi segwita jekk ikunu meħtieġa iżjed investigazzjonijiet fuq l-ilment.

La t-Trattat u lanqas l-Istatut ma jipprovdu għal appell jew rimedji oħrajn kontra d-deċiżjonijiet tal-Ombudsman rigward it-trattament jew ir-riżultat aħħari ta' ilment. Madankollu, bħall-istituzzjonijiet l-oħrajn kollha tal-UE, l-Ombudsman huwa suġġett għall-azzjonijiet għad-danni fuq il-bażi tal-Artikolu 340 TFEU. Fil-prinċipju, huwa possibbli li tali azzjoni titressaq quddiem il-Qorti Ġenerali fuq il-bażi tal-allegat nuqqas ta' trasparenza fl-investigazzjoni tal-ilment mill-Ombudsman⁷.

■ L-ispezzjoni tal-fajls u s-smiġħ tax-xhieda

L-Artikolu 3(2) tal-Istatut tal-Ombudsman jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jipprovdu lill-Ombudsman bi kwalunkwe informazzjoni li jitlobhom u jaġtuh aċċess għall-fajls ikkonċernati. Wara r-reviżjoni tal-Istatut fl-2008, dawn ma jistgħux jirrifjutaw aktar li jikxfu dokumenti għal "raġunijiet debitament issostanzjati ta' segretezza".

7. Ara, pereżempju, il-każ T-412/05 *M vs l-Ombudsman* [2008] ECR II-197.

Is-setgħa tal-Ombudsman li jispezzjona l-fajls tippermettilu jivverifika l-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-istituzzjoni, il-korp jew l-organu kkonċernat. Għaldaqstant, hija

Is-setgħa tal-Ombudsman li jispezzjona l-fajls tippermettilu jivverifika l-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-istituzzjoni, il-korp jew l-organu kkonċernat.

garanzija importanti lill-ilmentatur u lill-pubbliku li l-Ombudsman jista' jagħmel investigazzjoni bir-reqqa u kompleta. Matul l-2009, is-setgħa tal-Ombudsman li jispezzjona l-fajls tal-istituzzjonijiet intużat fi 23 każ.

L-Artikolu 3(2) tal-Istatut jesiġi wkoll li l-uffiċjali u l-ħaddiema oħrajn tal-istituzzjonijiet tal-UE jagħtu x-xhieda tagħhom meta jintalbu jagħmlu dan mill-Ombudsman. Għal darb'oħra, wara r-reviżjoni tal-Istatut fl-2008, l-uffiċjali tal-UE li jagħtu evidenza lill-Ombudsman mhumieks aktar mitluba li jikkellmu "f'isem l-amministrazzjonijiet tagħhom jew skont l-istruzzjonijiet mogħtija minnhom". Madankollu, dawn jibqgħu marbuta bir-regoli rilevanti tar-Regolament tal-Persunal, l-aktar fir-rigward tad-dmir tagħhom tas-segretezza professjonali. Is-setgħa tal-Ombudsman li jisma' x-xhieda ma ntużatx fl-2009.

Il-ħtieġa li l-Ombudsman iżomm il-kunfidenzjalità fuq id-dokumenti u l-informazzjoni ġiet iċċarata u msaħħa permezz tar-reviżjoni tal-Istatut fl-2008. Kif emendat, l-Istatut jistabbilixxi li l-aċċess tal-Ombudsman għal informazzjoni jew dokumenti klassifikati, b'mod partikolari għal dokumenti sensitivi skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 1049/2001⁸, għandu jkun suġġett għal konformità mar-regoli dwar is-sigurtà tal-istituzzjoni tal-UE kkonċernata. L-istituzzjonijiet li jipprovdu tali informazzjoni jew dokumenti klassifikati għandhom jinformat lill-Ombudsman b'din il-klassifikazzjoni. Barra minn hekk, l-Ombudsman irid ikun ftiehem minn qabel mal-istituzzjoni rilevanti fuq il-kundizzjonijiet għat-trattament tal-informazzjoni jew id-dokumenti klassifikati u informazzjoni oħra koperta mill-obbligu tas-segretezza professjonali.

Is-sena 2009 rat differenza inizjali ta' fehmiet bejn l-Ombudsman u l-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Istatut tal-Ombudsman mill-Kunsill. Din kienet tikkonċerna, b'mod speċifiku, il-mod ta' kif titwettagħ spezzjoni tad-dokumenti ta' *EU-restraint* miżmuma mill-Kunsill. Bil-għan li tissolva l-kwistjoni, fl-14 ta' Ottubru 2009, l-Ombudsman ipparteċipa f'laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Informazzjoni. Il-laqgħa kienet estremament utli u wasslet biex il-kwistjoni tissolva malajr u b'mod sodisfaċenti mill-partijiet ikkonċernati.

■ Proċedura miftuħa

L-ilmenti indirizzati lill-Ombudsman jiġu ttrattati b'mod pubbliku sakemm l-ilmentatur ma jitlobx li kollox jinżamm kunfidenzjali.

L-Artikolu 13 tad-Dispożizzjonijiet Implimentattivi jistipula li l-ilmentatur għandu jkollu aċċess għall-fajl tal-Ombudsman fuq l-ilment tiegħu. L-Artikolu 14 jipprovdi għall-aċċess pubbliku għal dokumenti miżmuma mill-Ombudsman. Id-Deċiżjoni tal-Ombudsman tat-3 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Dispożizzjonijiet Implimentattivi, li saret referenza għaliha fit-Taqsima 2.2 aktar 'il fuq, tinkludi bidliet fl-Artikoli 13 u 14, li huma mfassla sabiex iġibu l-prattiki tal-Ombudsman f'konformità mar-realtajiet il-ġodda maħluqa permezz tal-emenda tal-Istatut tiegħu.

8. Regolament (KE) 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.

A large, stylized, light beige letter 'E' is positioned on the left side of the page, partially overlapping the text. It has a thick, rounded design with a white interior.

Ilmenti u investigazzjonijiet

L-KAPITOLU 3 jagħti deskrizzjoni ġenerali tal-ilmenti u l-investigazzjonijiet li ġew ittrattati fl-2009. Dan jibda b'ħarsa lejn l-ilmenti eżaminati. Imbagħad jagħti deskrizzjoni qasira tax-xogħol li jsir fuq l-investigazzjonijiet, inklużi r-riżultati miksuba u eżempji ta' każijiet. It-Taqsima dwar il-każijiet saljenti identifikati mill-Ombudsman hija segwita b'analiżi tematika, li tkopri l-aktar sejbiet sinjifikanti tal-liġi u l-fatti fid-deċiżjonijiet tal-Ombudsman fl-2009. Il-Kapitolu jagħlaq b'ħarsa lejn l-ilmenti li l-Ombudsman irrefera lill-korpi oħrajn li jittrattaw l-ilmenti.

3.1 Deskrizzjoni ġenerali tal-ilmenti eżaminati

L-Ombudsman irreġistra¹ 3 098 ilment fl-2009, imqabbla ma' 3 406 fl-2008. B'kolloxx ġew ipproċessati 3 119-il ilment², imqabbla ma' 3 346 fl-2008. Mill-ilmenti kollha li ġew ipproċessati, 55 % (1704 ilmenti) instabu li kienu jaqgħu fi ħdan il-kompetenza ta' xi membru tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen, bi 23 % (727 ilment) instabu li kienu jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman Ewropew. Fl-aħħar ta' dan il-Kapitolu wieħed jista' jsib studju tal-ilmenti li ġew indirizzati minn membri tan-Netwerk għajr l-Ombudsman Ewropew.

L-Ombudsman Ewropew fetaħ total ta' 335 investigazzjoni fuq il-bażi tal-ilmenti, waqt li ngħata bidu għal erba' investigazzjonijiet addizzjonali fuq l-inizjattiva personali tal-Ombudsman (dan jitqabbel ma' 293 u tlieta, rispettivament, fl-2008).

Tabella 3.1: Każijiet ittrattati matul l-2009

Ilmenti rreġistrati fl-2009	3 098
Ilmenti pproċessati fl-2009	3 119
Ilmenti li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza ta' xi membru tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen	1 704
Ilmenti li jaqgħu fi ħdan il-mandat tal-Ombudsman Ewropew	727
Li minnhom:	230 mhux ammissibbli 162 ammissibbli iżda mingħajr bażi għall-ftuħ ta' investigazzjoni 335 investigazzjoni miftuħa fuq il-bażi tal-ilmenti
Investigazzjonijiet miftuħa fuq il-bażi tal-ilmenti	335
Investigazzjonijiet miftuħa fuq inizjattiva personali	4
Investigazzjonijiet magħluqa	318
Li minnhom:	182 mill-2009 (57%) 80 mill-2008 (25%) 56 mis-snin ta' qabel (18%)


1. Ir-Rapport Annwali tal-Ombudsman Ewropew jagħmel użu mill-kategorija statistika "ilmenti rreġistrati" minflok "ilmenti rċevuti", sabiex jiddistingwi bejn l-ilmenti li fil-fatt jiġu rreġistrati matul sena kalendarja partikolari u dawk li jkunu waslu fl-istess perjodu iżda li jkunu ġew irreġistrati fis-sena ta' wara.

2. Il-kategorija statistika "ipproċessati" tfisser li l-analiżi mfassla biex tiddetermina jekk l-ilment (i) jaqax fil-mandat tal-Ombudsman, (ii) jissodisfax il-kriterji ta' ammissibbiltà, u (iii) jipprovdi raġunijiet biex tinfetax investigazzjoni, fil-fatt tkun saret. Minħabba ż-żmien meħtieġ biex isir dan, l-għadd ta' ilmenti "ipproċessati" f'sena partikolari huwa differenti mill-għadd ta' ilmenti "irreġistrati" fl-istess sena.

Fl-2009, l-Ombudsman għalaq 318-il investigazzjoni (imqabbla ma' 355 fl-2008). Minn dan it-total, 182 kienu rreġistrati fl-2009, waqt li 80 kienu datati mill-2008 u 56 mis-snin ta' qabel.


Kif turi l-Figura 3.1³, l-għadd ta' ilmenti li jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman f'dawn l-aħħar sitt snin żdiedu minn ammont baxx ta' 603 fl-2003 għal 727 fl-2009. Dan laħaq il-quċċata fl-2004 b'930, bit-tieni l-ogħla livell jintlaħaq fl-2007 bi 870.

Figura 3.1: Numru ta' ilmenti li jaqgħu taħt il-mandat 2003–2009



Kif turi l-Figura 3.2⁴, in-numru ta' ilmenti li ma jaqgħux taħt il-mandat tal-Ombudsman naqas fl-2009 għal 2 392, l-aktar figura baxxa rreġistrata mill-2003, meta n-numru ta' dawn l-ilmenti kien ta' 1 768. L-Ombudsman sejjer jissokta bl-isforzi tiegħu li jnaqqas in-numru ta' ilmenti li ma jaqgħux taħt il-mandat tiegħu, billi jipprovdi informazzjoni ċara dwar dak li jista' u ma jistax jagħmel, u jgħin billi jiggwida lill-ilmentaturi biex isibu l-post it-tajjeb mill-ewwel lil min jindirizzaw.

Figura 3.2: Numru ta' ilmenti li ma jaqgħux taħt il-mandat 2003–2009



It-Tabella 3.2 tagħti deskrizzjoni ġenerali tal-orijini ġeografika tal-ilmenti rreġistrati fl-2009. Il-Ġermanja, l-aktar pajjiż popolat tal-UE, issottomettiet l-akbar numru ta' ilmenti, segwita minn Spanja, il-Polonja, u Franza. Madankollu, b'mod relattiv għad-daqs tal-popolazzjoni tagħhom, il-maġġoranza tal-ilmenti ġew mil-Lussemburgu, Malta, Ċipru u l-Belġju.

3. Għandu jiġi nnotat li, fl-2005, 335 ilment, li kienu jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman, kienu jikkonċernaw l-istess suġġett. Sabiex ikun hemm tqabbil aktar preċiż matul is-snin, fil-Figura 3.1 dawn ġew magħduda separatament biss sa u inkluż il-ħdax-il ilment.

4. Għandu jkun innotat li, fl-2006, 281 ilment, li ma kinux jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman, kienu jikkonċernaw l-istess suġġett. Sabiex ikun hemm tqabbil aktar preċiż matul is-snin, fil-Figura 3.2 dawn ġew magħduda separatament biss sa u inkluż il-ħdax-il ilment.

Tabella 3.2: Oriġni ġeografika tal-ilmenti rreġistrati fl-2009


Pajjiż	Numru ta' Ilmenti	% ta' Ilmenti	% tal-Popolazzjoni tal-UE	Proporzjon
Il-Lussemburgu	29	0.9	0.1	9.4
Malta	25	0.8	0.1	8.1
Ċipru	24	0.8	0.2	3.9
Il-Belġju	207	6.7	2.1	3.2
Is-Slovenja	29	0.9	0.4	2.3
L-Estonja	17	0.5	0.3	1.8
Il-Portugall	102	3.3	2.1	1.6
Il-Bulgarija	77	2.5	1.6	1.6
L-Irlanda	40	1.3	0.9	1.4
Spanja	389	12.6	9.0	1.4
Il-Litwanja	30	1.0	0.7	1.4
Il-Latvja	20	0.6	0.5	1.3
Il-Greċja	91	2.9	2.3	1.3
Il-Finlandja	42	1.4	1.1	1.2
L-Awstrija	62	2.0	1.7	1.2
Il-Polonja	235	7.6	7.7	1.0
Ir-Repubblika Ċeka	59	1.9	2.1	0.9
L-Ungerija	55	1.8	2.0	0.9
Il-Ġermanja	413	13.3	16.6	0.8
Is-Slovakja	27	0.9	1.1	0.8
L-Iżvezja	42	1.4	1.8	0.8
Id-Danimarka	23	0.7	1.1	0.7
Ir-Rumanija	81	2.6	4.4	0.6
Franza	235	7.6	12.8	0.6
L-Olanda	59	1.9	3.3	0.6
L-Italja	183	5.9	11.9	0.5
Ir-Renju Unit	176	5.7	12.3	0.5
Oħrajn	157	5.1		
Mhux magħrufa	169	5.5		

NOTA Il-proporzjon tal-ilmenti ġie kkalkolat bid-diviżjoni tal-perċentwal tal-ilmenti totali minn kull Stat Membru bil-perċentwal tal-popolazzjoni totali tal-UE. Fejn dan ikun akbar minn 1.0, dan jindika li l-pajjiż ikkonċernat jissottometti aktar ilmenti lill-Ombudsman milli huwa mistenni skont id-daqs tal-popolazzjoni. Il-perċentwali kollha fit-tabella hawn fuq kienu mqarriba sa punt deċimali wiehded.

Fl-2009, 15-il Stat Membru ssottomettew aktar ilmenti milli forsi kien mistenni skont id-daqs tal-popolazzjoni tagħhom, 11 issottomettew inqas, filwaqt li wiehded issottometta numru ta' ilmenti li jirrifletti d-daqs tal-popolazzjoni tiegħu.

Il-mappa hawn taħt tipprovdi deskrizzjoni grafika ta' kemm huwa probabbli li n-nies f'kull Stat Membru jilmentaw mal-Ombudsman Ewropew. Dan huwa bbażat fuq in-numru ta' ilmenti minn kull Stat Membru meta mqabbel mad-daqs tal-popolazzjoni tiegħu ppreżentat fit-Tabella 3.2 (ara n-nota taħt it-Tabella 3.2 fuq kif jiġi kkalkolat il-proporzjon).

Oriġni ġeografika tal-ilmenti rreġistrati fl-2009




L-ilmenti jistgħu jiġu sottomessi lill-Ombudsman Ewropew fi kwalunkwe waħda mit-23 lingwa tat-Trattat tal-UE⁵. Wara ftehim iffirmat f'Novembru 2006 bejn l-Ombudsman Ewropew u l-gvern

L-ilmenti jistgħu jiġu sottomessi lill-Ombudsman Ewropew fi kwalunkwe waħda mit-23 lingwa tat-Trattat tal-UE.


Spanjol, iċ-ċittadini jistgħu wkoll jilmentaw mal-Ombudsman Ewropew fi kwalunkwe waħda mil-lingwi ko-uffiċjali fi Spanja (il-Katalan/il-Valenzjan, il-Galizjan u l-Bask)⁶. Kif turi l-Figura 3.3, fl-2009, ħafna mill-ilmentaturi għażlu li jissottomettu l-ilment tagħhom lill-Ombudsman bl-Ingliż, segwit mill-Ġermaniż, l-Ispanjol u l-Franċiż. Numru limitat ta' ilmenti ġew sottomessi bl-Estonjan, bil-Katalan, bil-Malti u bl-Irlandiż.

5. Il-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriz, l-Irlandiż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, u l-Iżvediż.

6. Bl-iffirmar ta' dan il-ftehim, l-Ombudsman ġab il-prattika tiegħu konformi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE ta' Ġunju 2005 li jistabbilixxu l-użu ta' dawn il-lingwi sabiex jiġu ffaċilitati l-komunikazzjonijiet taċ-ċittadini Spanjoli mal-istituzzjonijiet tal-UE.

Figura 3.3: Tqassim tal-ilmenti skont il-lingwa

Kif turi l-Figura 3.4, fi kważi 80 % tal-każijiet, l-Ombudsman kien kapaċi jgħin lill-ilmentatur billi fetaħ investigazzjoni dwar il-każ (11 % tal-każijiet), billi rreferih lill-korp kompetenti jew billi ta pariri dwar fejn wieħed jista' jirrikorri (67 %). It-Taqsima 3.6 hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali tal-każijiet li ġew riferuti jew fejn ingħataw pariri lill-ilmentaturi. Fi 22 % tal-każijiet li ġew ittrattati fl-2009, intbagħtet tveġiba lill-ilmentatur iżda l-Ombudsman ikkunsidra li ma kienx possibbli li tittieħed aktar azzjoni. F'xi każijiet, dan kien minħabba l-fatt li l-ilmentatur naqas milli jidentifika fuq min jew fuq xiex xtaq jilmenta.


Figura 3.4: Tip ta' azzjoni meħuda mill-Ombudsman Ewropew wara li rċieva l-ilmenti

NOTA Il-figuri jinkludu 215-il ilment irreġistrati lejn l-aħħar tal-2008, li ġew ipproċessati fl-2009 u jinkludu 94 ilment li ġew irreġistrati lejn l-aħħar tal-2009, li kienu għadhom qegħdin jiġu pproċessati fl-aħħar tas-sena sabiex jiġi ddeterminat x'azzjoni għandha tittieħed.

3.2 Analiżi tal-investigazzjonijiet miftuħa⁷

L-ilmenti kollha li kienu jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman komplew jiġu analizzati sabiex tiġi ddeterminata l-ammissibbiltà. Minn fost is-727 ilment li kienu jaqgħu taħt il-mandat, 230 instabu li ma kinux ammissibbli; filwaqt li fil-każ ta' 162 oħra, li kienu ammissibbli, l-Ombudsman ma sab l-ebda bażi għall-ftuħ ta' investigazzjoni.


Figura 3.5: Ilmenti li jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman Ewropew



Matul is-sena nfetħu total ta' 335 investigazzjoni ġdida fuq il-bażi tal-ilmenti. Dan jikkostitwixxi żieda ta' 14 % meta mqabbel mal-2008. L-Ombudsman beda wkoll erba' investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess.

Kif turi l-Figura 3.6, in-numru ta' investigazzjonijiet li nfetħu fl-2009 huwa ftit inqas mil-livelli għoljin li ntlaħqu fl-2004 (351) u fl-2005 (343). L-investigazzjonijiet magħluqa sejrjn jiġu analizzati fit-taqsima 3.3 hawn taħt.

Figura 3.6: Bidla fin-numru tal-investigazzjonijiet



Total ta' 84 % tal-ilmenti li wasslu għal investigazzjonijiet kienu sottomessi minn ċittadini individwali, filwaqt li 16 % kienu sottomessi minn kumpaniji u assoċjazzjonijiet.


Tabella 3.3: Sors tal-ilmenti li jwasslu għal investigazzjonijiet

Ċittadini individwali	84 % (283)
Kumpaniji u assoċjazzjonijiet	16 % (52)

7. Fir-rigward tar-Rapport Annwali 2008, l-analiżi f'din it-taqsima hija bbażata fuq in-numru ta' investigazzjonijiet miftuħa fl-2009, aktar milli - kif kien isir fis-snin ta' qabel - fuq in-numru totali ta' investigazzjonijiet ittrattati matul is-sena (jiġifieri, inklużi każijiet li jkun fadal mis-snin ta' qabel). Dan il-metodu ta' kalkolazzjoni tal-istatistiċi jagħti indikazzjoni aħjar tat-tendenzi, minn sena għal sena.


Il-maġġoranza tal-investigazzjonijiet miftuħa mill-Ombudsman fl-2009 kienu jikkonċernaw lill-Kummissjoni Ewropea (56 %). Minħabba li l-Kummissjoni hija l-istituzzjoni ewlenija tal-UE li tiegħu deċiżjonijiet li jkollhom impatt dirett fuq iċ-ċittadini, huwa loġiku li din għandha tkun l-oġġett prinċipali tal-ilmenti taċ-ċittadini. Madankollu, ta' min jinnota li filwaqt li n-numru assolut ta' investigazzjonijiet miftuħa li kienu jikkonċernaw lill-Kummissjoni naqas (minn 195 fl-2008 għal 191 fl-2009), in-numru ta' investigazzjonijiet miftuħa li jikkonċernaw l-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew, l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO), il-Kunsill, u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea żdied (b'għaxra, għaxra, tnejn, u sitt investigazzjonijiet rispettivament). Fir-rigward tal-Qorti, huwa importanti li jissemma li l-Ombudsman jista' jiftaħ biss investigazzjonijiet dwar il-ħidma mhux ġudizzjarja tiegħu. Tlieta u għoxrin istituzzjoni, korpi u organi oħrajn tal-UE kienu s-suġġett ta' 59 investigazzjoni oħra⁸.

Figura 3.7: Istituzzjonijiet, korpi u organi soġġetti għal investigazzjoni



It-tipi prinċipali ta' allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina fl-investigazzjonijiet miftuħa fl-2009 kienu n-nuqqas ta' trasparenza, inkluż ir-rifjut tal-informazzjoni (36 % tal-investigazzjonijiet), inġustizzja jew abbuż tal-poter (14 %), dewmien li seta' jiġi evitat (13 %), proċeduri mhux sodisfaċenti (13 %), negliġenza (6 %), in-nuqqas ta' assigurazzjoni tar-rispett tal-obbligi, jiġifieri, li l-Kummissjoni naqset milli taqdi l-irwol tagħha bħala għassiesa tat-Trattati vis-à-vis l-Istati Membri (6 %), l-iżball legali (6 %), u d-diskriminazzjoni (5 %).

8. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (6), il-Kumitat tar-Regġuni tal-Unjoni Ewropea (6), l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (5), l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (5), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (4), il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (3), l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (3), il-Bank Ewropew tal-Investment (3), l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (3), l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (3), l-Europol (3), il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (2), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netzwerks u l-Informazzjoni (2), l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (2), iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għal Korpi tal-Unjoni Ewropea (1), il-Bank Ċentrali Ewropew (1), l-Aġenzija Ewropea għall-Kimiċi (1), l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (1), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (1), l-Eurojust (1), l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Unjoni Ewropea (1), l-Uffiċċju għal Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (1), l-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netzwerk tat-Trasport Trans-Ewropew (1).

Figura 3.8: Tipi ta' allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina

NOTA F'xi każijiet, żewġ tipi jew aktar ta' amministrazzjoni ħażina kienu eżaminati fl-istess investigazzjoni. Għalhekk, dawn il-perċentwali jammontaw għal aktar minn 100 %.

3.3 Sejbiet tal-investigazzjonijiet tal-Ombudsman

Kif turi l-Figura 3.6 hawn fuq, l-Ombudsman għalaq 318-il investigazzjoni fl-2009. Minn dawn, 311 kienu relatati ma' ilmenti u sebgħa kienu investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali.

Il-maġġoranza tal-investigazzjonijiet magħluqa mill-Ombudsman fl-2009 tlestew u nġhalqu fi żmien sena (70 %). Aktar minn nofshom (55 %) tlestew u nġhalqu fi żmien tliet xhur. Dan jinkludi każijiet li l-Ombudsman kien kapaċi jsolvi malajr ħafna, pereżempju, permezz ta' telefonata lill-istituzzjoni kkonċernata sabiex jipproponi soluzzjoni⁹ (ara t-taqsima 2.5 hawn fuq). Aktar minn 80 % tal-investigazzjonijiet tlestew u nġhalqu fi żmien 18-il xahar, filwaqt li l-każijiet li jifdal ħadu aktar żmien, minħabba l-komplessità tagħhom jew minħabba dewmien. Bħala medja, il-każijiet ħadu disa' xhur biex jingħalqu. Dan jikkostitwixxi titjib sinjifikanti (il-medja fl-2008 kienet ta' 13-il xahar), u jirrifletti l-għan stabbilit fir-*Rapport Annwali 2008* sabiex tkompli tittejjeb il-prestazzjoni tal-istituzzjoni fl-2009 billi jittieħed saħansitra inqas żmien sabiex jingħalqu l-każijiet, filwaqt li jinżammu jew jittejjbu l-istandards tal-kwalità. It-titjib jirriżulta primarjament mill-fatt li l-ammont ta' xogħol addizzjonali li rriżulta miż-żieda sinjifikanti fin-numru ta' ilmenti mill-2004 'il quddiem issa tlesta.

Tabella 3.4: Każijiet magħluqa fl-2009 wara investigazzjoni

Dewmien medju tal-investigazzjoni	9 xhur
Każijiet magħluqa fi żmien 3 xhur	55 %
Każijiet magħluqa fi żmien 12-il xahar	70 %
Każijiet magħluqa fi żmien 18-il xahar	81 %

NOTA Dawn iċ-ċifri jassumu li xahar jikkonsisti minn 30 ġurnata. Għandu jkun innotat ukoll li l-perċentwali jirrappreżentaw ċifri kumulattivi.

9. Jinkludi wkoll każijiet fejn l-Ombudsman kien imexxi investigazzjoni sħiħa li kieku l-ilmentatur ma rtirax l-ilment, u każijiet fejn l-Ombudsman ma setax ikompli bl-investigazzjoni tiegħu minħabba d-deċiżjoni tal-ilmentatur li jmur il-Qorti.

Kif wieħed jista' jara mill-Figura 3.9, inkiseb riżultat pożittiv malajr għall-ilmentatur f'179 każ li nqas minn 10% ta' totali ta' 2009 (56 % tat-total). Dawn il-każijiet jew ġew solvuti mill-istituzzjoni jew inkella ntlawhaq ftehim permezz ta' soluzzjoni amikevoli. Iċ-ċifra komparabbli għall-2008 kienet ta' 129 każ. F'55 każ oħrajn, il-kwistjoni ġiet iċċarata b'mod li ma kienx hemm hteġa ta' aktar investigazzjonijiet, filwaqt li fi 58 każ, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina. L-Ombudsman ikkonkluda li kien hemm amministrazzjoni ħażina f'37 każ. F'żewġ każijiet bħal dawn, l-istituzzjoni kkonċernata aċċettat l-abbozz tar-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman, filwaqt li saru rimarki kritiċi f'35 każ (ara l-Figura 3.10). Aktar dettalji dwar dawn is-sejbiet jingħataw hawn taht¹⁰.

Figura 3.9: Riżultati tal-investigazzjonijiet li tlestew u nġhalqu



NOTA F'xi każijiet, l-investigazzjonijiet ingħalqu għal żewġ raġunijiet jew aktar. Għalhekk, dawn il-perċentwali jammontaw għal aktar minn 100 %.

■ L-ebda amministrazzjoni ħażina

Fl-2009, ingħalqu 58 każ li fihom ma nstabt l-ebda amministrazzjoni ħażina. Dan ma jfissirx bilfors riżultat negattiv għall-ilmentatur, li għall-inqas jibbenifika milli jirċievi spjegazzjoni sħiħa mill-istituzzjoni kkonċernata ta' dak li għamel, kif ukoll jirċievi l-analiżi indipendenti tal-Ombudsman dwar il-każ. Fl-istess waqt, sejba bħal din isservi bħala evidenza tanġibbli li l-istituzzjoni kkonċernata agħixxiet b'konformità mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

→→→ Il-Kummissjoni tgħin biex issolvi każ dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru

Vjaġġatur Ġermaniż kellu jorganizza l-vjaġġ tiegħu lura lejn il-Ġermanja mill-Madagascar, via Pariġi, minħabba li Air France ħassret it-titjira ta' konnessjoni li kien sejjer jaqbad minħabba strajk. Huwa afferma li ma kien irċieva ebda għajjnuna jew kumpens mill-kumpanija tal-ajru jew mill-korp supervizzorju Franċiż responsabbli, id-Direttorat Ġenerali għall-Avjazzjoni Ċivili (DGAC), li miegħu ma setax jikkomunika minħabba problemi ta' lingwa. L-ilmentatur irrikorra għand il-Kummissjoni għall-għajjnuna iżda ma kienx sodisfatt birispons tagħha. Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, huwa allega li l-Kummissjoni naqset milli tassigura li l-Istati Membri tal-UE jkunu qegħdin japplikaw kif xieraq ir-regoli dwar l-għoti ta' kumpens u għajjnuna lill-passiġġieri, f'każ li jiġi mċaħħad it-tluġh fuq l-ajruplan u f'każ ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil tat-titjiriet.

L-Ombudsman sab li l-Kummissjoni segwiet il-każ tal-ilmentatur b'mod attiv billi żgurat li d-DGAC ħa l-miżuri neċessarji. Sadanittant, il-linja tal-ajru tat kumpens lill-vjaġġatur. L-Ombudsman laqa' wkoll id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li hija sejra tgħin lill-korpi ta'

10. L-analiżi li ġejja hija bbażata fuq investigazzjonijiet li tlestew u nqas matul l-2009. Jekk investigazzjoni indirizzata aktar minn allegazzjoni jew talba waħda, dawn setgħu taw lok għal bosta sejbiet mill-Ombudsman.

sorveljanza sabiex inaqqsu d-diffikultajiet lingwistiċi għall-vjaġġaturi Ewropej li jiffaċċjaw problemi.

2980/2008/GG ■

Rimarki ulterjuri

Anki meta l-Ombudsman ma jsib ebda amministrazzjoni ħażina jew meta jikkonkludi li ma hemm ebda bażi biex ikompli l-investigazzjoni tiegħu, huwa jista' joħroġ rimarka ulterjuri jekk jidentifika opportunità li tittejjeb il-kwalità tal-amministrazzjoni. Għalhekk, rimarka ulterjuri mgħandhiex tinftehem bħala li timplika kritika tal-istituzzjoni li lilha tiġi indirizzata iżda aktar bħala li tipprovdi pariri fuq kif tista' tittejjeb prattika partikolari bil-għan li tittejjeb il-kwalità tas-servizz ipprovdut liċ-ċittadini. L-Ombudsman għadda rimarki ulterjuri f'total ta' 28 każ fl-2009, inkluż dan li ġej:

Allegazzjoni ta' ksur tal-kunfidenzjalità fil-każ ta' Ryanair/Aer Lingus

Il-Kummissjoni stħarrġet il-proposta ta' Ryanair li tingħaqad ma' Aer Lingus u ddikjarat li din l-inkorporazzjoni ma tkunx kompatibbli mas-suq komuni. Il-kumpanija Ryanair allegat li l-Kummissjoni kisret l-obbligu tagħha li tipproteġi l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni sensittiva ħafna li tinsab f'għadd ta' dokumenti relatati mal-proċeduri, inkluża d-Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet.

L-Ombudsman osserva li d-Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet kienet żvelata mal-istampa. Dan ikkostitwixxa ksur serju tal-kunfidenzjalità. Madankollu, huwa nnota li ma jistax jiġi preżunt li l-Kummissjoni kienet is-sors tal-ħruġ tal-informazzjoni, minħabba li l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni kienu wkoll fil-pussess tal-verżjoni kunfidenzjali tad-Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet. Huwa għamel rimarka ulterjuri, fejn ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tesplora, flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali, l-adozzjoni ta' mekkaniżmi xierqa sabiex jiġi żgurat li t-trasmissjoni ta' dokumenti u informazzjoni kunfidenzjali tibqa' sikura.

1342/2007/FOR ■

■ Każijiet solvuti mill-istituzzjoni u soluzzjonijiet amikevoli

Kull meta jkun possibbli, l-Ombudsman jipprova jikseb eżitu pożittiv li jissodisfa kemm lill-ilmentatur kif ukoll lill-istituzzjoni li jsir l-ilment kontriha. Il-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE hija essenzjali għas-suċċess fil-ksib ta' eżiti simili, li tgħin sabiex jittejjbu r-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini u tista' tevita l-bżonn ta' kawża li tiegħu ż-żmien u li tiswa l-flus.

Matul l-2009, ġew solvuti 166 każ mill-istituzzjoni jew mill-korp innifsu wara ilment lill-Ombudsman¹¹.

Il-Kummissjoni tagħmel apoloġija għad-dewmien

L-ilmentatur mexxa studju, imwettaq minn diversi kumpaniji u organizzazzjonijiet għall-Kummissjoni. L-ilmentatur issottometta r-rapport finali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, u dokumenti meħtieġa oħrajn fi żmien it-tliet xhur miftiehma. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet ir-riċeviment tar-rapport, iżda naqset milli tħallas il-bilanċ pendenti. Għall-ewwel waħda mill-bosta noti ta' tfakkir mill-ilmentatur, il-Kummissjoni semmiet il-vaganzi u l-problemi ta' kapaċità bħala l-kawżi tad-dewmien. L-ilmentatur imbagħad irrikorra għall-għajnuna tal-Ombudsman, fejn allega li l-Kummissjoni naqset milli tittratta l-kwistjoni u tħallas il-bilanċ fi żmien il-45 ġurnata miftiehma. Wara l-proċedura estiża bit-telefon li l-Ombudsman ippropona lill-Kummissjoni, din tal-aħħar għamlet apoloġija lill-ilmentatur għad-dewmien fit-trattament tal-fajl tiegħu u wiegħdet li tikkalkula u tħallas il-bilanċ fi żmien erba' ġimgħat,

11. Kif spjegat fil-Kapitolu 2, 114 minn dawn kienu każijiet li fihom l-intervent tal-Ombudsman irnexxielu jikseb tweġiba f'waqtha għal korrispondenza mhux imwiegħa.

jekk l-ilmentatur jaqbel mal-kalkolazzjonijiet. L-ilmentatur ħabbar li kien sodisfatt b'dan l-eżitu u issa kien jinsab f'kuntatt mal-Kummissjoni rigward dan il-fajl.

2650/2009/KM (Kunfidenzjali) ■

Jekk investigazzjoni twassal għal sejba preliminari ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman jipprova jsib soluzzjoni amikevoli kull meta jkun possibbli. Matul is-sena, ingħalqu tlettax-il każ

Jekk investigazzjoni twassal għal sejba preliminari ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman jipprova jsib soluzzjoni amikevoli kull meta jkun possibbli.

wara li nstabt soluzzjoni amikevoli. Fl-aħħar tal-2009, kienu għadhom qegħdin jiġu kkunsidrati 20 proposta għal soluzzjonijiet amikevoli

L-Ombudsman isib soluzzjoni amikevoli għal ilment dwar biljetti VIP

Żewġ uffiċjali għolja tal-Kummissjoni aċċettaw biljetti VIP għat-Tazza tad-Dinja tar-Rugby f'Pariġi mingħand fornitur tal-ħwejjeġ sportivi. NGO ilmentat mal-Ombudsman li dan seta' rriżulta f'konflitt ta' interess hekk kif iż-żewġ uffiċjali kienu ttrattaw każijiet ta' anti-dumping li fihom seta' kien interessat il-fornitur tal-ħwejjeġ sportivi. L-Ombudsman issuġġerixxa li l-Kummissjoni tirrikonoxxi li kien ikun aħjar li ma tħallix lill-uffiċjali tagħha jaċċettaw l-ospitalità. Il-Kummissjoni qablet ma' din il-proposta u l-ilmentatriċi kienet sodisfatta bid-dikjarazzjoni tagħha.


1341/2008/MHZ ■

F'xi każijiet, l-ilment jista' jiġi solvut jew tista' tintlaħaq soluzzjoni amikevoli jekk l-istituzzjoni kkonċernata toffri kumpens lill-ilmentatur/ilmentatriċi. Kwalunkwe offerta bħal din issir *ex gratia*, jiġifieri, mingħajr ammissjoni ta' responsabbiltà legali u mingħajr ma jinħoloq preċedent legali.

Sejba ta' amministrazzjoni ħażina

L-Ombudsman ikkonkluda li kien hemm amministrazzjoni ħażina fi 12 % tal-każijiet li ngħalqu fl-2009. F'35 każ bħal dawn, il-każ ingħalaq b'rimarki kritiċi lill-istituzzjoni kkonċernata (44 każ fl-2008). Żewġ każijiet ingħalqu meta l-istituzzjoni kkonċernata aċċettat abbozz ta' rakkomandazzjoni magħmul mill-Ombudsman. Dawn is-sejbiet huma analizzati f'aktar dettall hawn taħt.

Figura 3.10: Investigazzjonijiet fejn instabet amministrazzjoni ħażina



Rimarki kritiċi

Jekk soluzzjoni amikevoli mhijiex possibbli jew jekk ma nstabtx soluzzjoni, l-Ombudsman jista' jew jagħlaq il-każ b'rimarka kritika lill-istituzzjoni kkonċernata jew inkella jfassal abbozz ta' rakkomandazzjoni.

Rimarka kritika tikkonferma lill-ilmentatur li l-ilment tiegħu jew tagħha kien iġġustifikat u tindika lill-istituzzjoni kkonċernata x'għamlet ħażin, biex b'hekk tgħinha tevita milli terġa' twettaq amministrazzjoni ħażina fil-futur.

Normalment, l-Ombudsman jagħmel rimarka kritika jekk (i) ma jkunx aktar possibbli għall-istituzzjoni kkonċernata li telimina l-każ ta' amministrazzjoni ħażina, (ii) l-amministrazzjoni ħażina tidher li ma jkollhiex implikazzjonijiet ġenerali, u (iii) ma jkunx hemm bżonn ta' azzjoni ta' segwitu mill-Ombudsman. L-Ombudsman jagħmel ukoll rimarka kritika jekk huwa jqis li abbozz ta' rakkomandazzjoni ma jkollu l-ebda skop utli jew f'każijiet fejn l-istituzzjoni kkonċernata

tonqos milli taċċetta abbozz ta' rakkomandazzjoni iżda l-Ombudsman ma jqisx li jkun xieraq li jiġi ppreżentat rapport speċjali lill-Parlament.

Rimarka kritika tikkonferma lill-ilmentatur li l-ilment tiegħu jew tagħha kien iġġustifikat u tindika lill-istituzzjoni kkonċernata x'għamlet ħażin, biex b'hekk tgħinha tevita milli terġa' twettaq ammin-istrazzjoni ħażina fil-futur.

Nuqqas ta' tħejija ta' nota xierqa ta' laqgħa fil-każ ta' Intel

Fl-2008, il-kumpanija li tipproduċi l-mikro-proċessuri, Intel, ilmentat mal-Ombudsman li l-Kummissjoni għamlet żbalji proċedurali waqt li kienet qiegħda tinvestiga jekk Intel abbużatx mill-pożizzjoni dominanti tagħha. Intel sostniet li l-Kummissjoni naqset milli tieħu l-minuti ta' laqgħa ma' eżekuttiv anzjan tal-kumpanija li timmanifattura l-kompjuters, Dell, li saret f'Awwissu 2006, anki jekk il-laqgħa kienet tikkonċerna direttament l-investi-gazzjoni tal-kumpanija Intel mill-Kummissjoni.

L-Ombudsman sab li l-laqgħa ta' Awwissu 2006 kienet tikkonċerna l-investigazzjoni ta' Intel. Huwa sab ukoll li l-Kummissjoni ma hejjiex noti xierqa ta' dik il-laqgħa u li l-fajl tal-investigazzjoni tagħha ma kienx jinkludi l-aġenda tal-laqgħa. L-Ombudsman ikkonkluda li dan ikkostitwixxa amministrazzjoni ħażina. Huwa għamel ir-rimarka kritika li billi naqset li tħejji nota xierqa bil-miktub tal-laqgħa ta' Awwissu 2006, il-Kummissjoni kisret il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba. Madankollu, huwa ma sab xejn dwar jekk il-Kummissjoni kinitx kisret id-drittijiet tad-difiża ta' Intel.

L-Ombudsman ma sab ebda amministrazzjoni ħażina fir-rigward tat-tieni allegazzjoni ta' Intel li l-Kummissjoni ħeġġet lil Dell biex tidħol fi ftehim ta' skambju ta' informazzjoni mal-kumpanija li tipproduċi l-micro-chips, Advanced Micro Devices (AMD). Fil-fehma tal-ilmentatriċi, dan il-ftehim ta' lil AMD aċċess għal informazzjoni li tinsab fil-fajl ta' inves-tigazzjoni tal-Kummissjoni. Madankollu, l-Ombudsman sab li l-Kummissjoni naqset li tieħu nota xierqa ta' telefonata li saret bejn il-Kummissjoni u Dell, li fiha ġie diskuss il-ftehim dwar l-iskambju tal-informazzjoni. Nota bħal din kienet tgħin sabiex jiġu ċċarati l-fatti rile-vanti. Għalhekk, huwa rrakkomanda, f'rimarka ulterjuri, li, fil-futur, għandhom jittieħdu noti xierqa ta' kwalunkwe laqgħat jew telefonati ma' partijiet terzi rigward kwistjonijiet proċedurali importanti.

1935/2008/FOR (Kunfidenzjali) ■

Madankollu, rimarka kritika ma twassal għal ebda riparazzjoni għall-ilmentatur. Fejn għandha tiġi pprovduta riparazzjoni, ikun aħjar jekk, ladarba tirċievi l-ilment, l-istituzzjoni kkonċernata tieħu l-inizjattiva biex tirrikonoxxi l-amministrazzjoni ħażina u toffri riparazzjoni xierqa. F'xi każijiet, din tista' tkun tikkonsisti minn sempliċi apoloġija. Billi tieħu azzjoni bħal din, l-istituzzjoni tkun qiegħda turi l-impenn tagħha li ttejjeb ir-relazzjonijiet maċ-ċittadini. Hija tkun qiegħda turi wkoll li hija konxja minn dak li għamlet ħażin u għalhekk tista' tevita li twettaq amministrazzjoni ħażina simili fil-futur.

Segwitu għal rimarki kritiċi u rimarki ulterjuri

Bil-ħsieb li jiżgura li l-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi jitgħallmu mill-iżbalji tagħhom u li l-amministrazzjoni ħażina tkun evitata fil-futur, kull sena l-Ombudsman jinforma lill-pubbliku dwar is-sejbiet tiegħu fuq is-segwitu tal-istituzzjonijiet għal rimarki kritiċi u ulterjuri. Huwa jagħmel dan permezz ta' studju li jippubblika fuq is-sit elettroniku tiegħu.

Segwitu għal rimarki kritiċi u ulterjuri magħmula fl-2008

L-Ombudsman stieden lill-istituzzjonijiet ikkonċernati biex iwiegħbu, fi żmien sitt xhur, għar-rimarki kritiċi u ulterjuri li huwa għamel fl-2008. Huwa rċieva reazzjonijiet għar-rimarki kollha li saru, għalkemm b'xi dewmien f'ċerti każijiet. Dan jirrappreżenta titjib sinjifikanti

mill-2007, meta xi reazzjonijiet waslu tard wisq biex jittieħdu f'kunsiderazzjoni fl-istudju li kien jikkonċerna dik is-sena.

Meta nieħdu r-rimarki kritiċi u ulterjuri flimkien, ir-rata tas-segwitu sodisfaċenti kienet ta' 79 %. Is-segwitu għar-rimarki ulterjuri kien sodisfaċenti fil-każijiet kollha, waqt li r-rata tas-segwitu sodisfaċenti għar-rimarki kritiċi kienet inqas b'mod sinjifikanti fi 62 %. Dan juri li għad hemm xogħol importanti xi jsir, mill-Ombudsman u mill-istituzzjonijiet infushom, sabiex jipperswadu lill-uffiċjali li approċċ difensiv għall-Ombudsman jirrappreżenta opportunità mitlufa għall-istituzzjoni tagħhom u joħloq riskji li titħassar l-immaġini tal-Unjoni.

➔➔➔ Ħamsa mill-azzjonijiet ta' segwitu jistħoqqilhom aċċenn speċjali bħala każijiet, li għandhom iservu bħala mudell għal istituzzjonijiet oħrajn fuq kif l-aħjar li jirreaġixxu għar-rimarki kritiċi u ulterjuri. Dawn jikkonċernaw il-Parlament (3464/2004/(TN)TS), il-Kummissjoni (101/2004/GG u 3148/2007/BEH), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (1473/2006/TS), u l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (OI/8/2006/BU). L-istituzzjonijiet ikkonċernati ttrattaw is-segwitu għal dawn il-każijiet b'mod eżemplari. ■

Abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet

F'każijiet fejn huwa possibbli għall-istituzzjoni kkonċernata li telimina każ ta' amministrazzjoni ħażina, jew f'dawk il-każijiet fejn l-amministrazzjoni ħażina kienet partikolarment serja, jew kellha implikazzjonijiet ġenerali, l-Ombudsman normalment jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-istituzzjoni, il-korp jew l-organu kkonċernat. Skont l-Artikolu 3(6) tal-Istatut tal-Ombudsman, l-istituzzjoni, il-korp jew l-organu għandhu jibgħat opinjoni dettaljata fi żmien tliet xhur. Matul l-2009, inħarġu 15-il abbozz ta' rakkomandazzjoni. Barra minn hekk, seba' abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet mill-2008 wasslu għal deċiżjonijiet fl-2009, filwaqt li ngħalqu żewġ każijiet oħrajn, wara abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet li saru fl-2007. Żewġ każijiet ingħalqu matul is-sena meta l-istituzzjoni aċċettat abbozz ta' rakkomandazzjoni. Ħames każijiet ingħalqu b'rimarki kritiċi. Fl-aħħar tal-2009, kienu għadhom qegħdin jiġu kkunsidrati 17-il abbozz ta' rakkomandazzjoni, inkluż tlieta li saru fl-2008 u erbatax li saru fl-2009.

Nuqqas ta' dokumentazzjoni tal-analiżi tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali

L-UE identifikat l-assi ta' Madrid-Barcelona-Perpignan-Montpellier bħala proġett ta' Network Trans-Ewropew ta' prijorità. Il-proġett jinkludi konnessjoni tal-ferrovija b'veloċità għolja bejn Madrid u l-fruntiera Franċiża. Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandu jiffinanzja aktar minn kwart tal-ispiża totali tal-proġett. F'Jannar 2006, ċittadin Spanjol ilmenta mal-Ombudsman li s-segment ippjanat tal-ferrovija li jgħaddi miċ-ċentru ta' Barċellona jista' jħassar serjament l-ambjent tal-bini tal-madwar, bħas-Sagrada Família ta' Gaudi. L-ilmentatur sostna li l-BEI għandu jeżamina l-proġett mill-ġdid u jerġa' jikkunsidra d-deċiżjoni tiegħu li jiffinanzjah.

L-Ombudsman investiga l-ilment u ma seta' jsib ebda evidenza dokumentarja li l-BEI kien irreveda l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali tal-awtoritajiet Spanjoli. Huwa talab lill-BEI biex jiddokumenta l-valutazzjoni b'mod sħiħ qabel jiffinanzja l-proġett. Il-Bank qabel li jaġġusta r-regoli tiegħu u li jtejjeb il-mod li bih jiddokumenta l-analiżi tiegħu tal-valutazzjonijiet fil-futur.

244/2006/(BM)JMA ■

Rapporti speċjali

Jekk istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni jonqos milli jwieġeb b'mod sodisfaċenti għal abbozz ta' rakkomandazzjoni, l-Ombudsman jista' jibgħat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Ir-rapport

Jekk istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni jonqos milli jwieġeb b'mod sodisfaċenti għal abbozz ta' rakkomandazzjoni, l-Ombudsman jista' jibgħat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew.

speċjali jista' jinkludi xi rakkomandazzjonijiet.

Kif intwera fir-*Rapport Annwali tal-1998* tal-Ombudsman Ewropew, il-possibbiltà li jippreżenta rapport speċjali lill-Parlament huwa ta' valur kbir għall-ħidma tal-Ombudsman. Rapport speċjali lill-Parlament Ewropew huwa l-aħħar pass sostantiv li jista' jieħu l-Ombudsman meta jkun qiegħed jinvestiga każ, minħabba li l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni

u l-eżerċizzju tas-setgħat tal-Parlament huma kwistjonijiet għall-ġudizzju politiku tal-istituzzjoni kkonċernata. L-Ombudsman naturalment jipprovdi kwalunkwe informazzjoni u assistenza li tkun meħtieġa mill-Parlament fl-indirizzar ta' rapport speċjali. Fl-2009 ma ħareġ ebda rapport speċjali.

Ir-Regoli tal-Parlament Ewropew jgħabbu lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet bir-responsabbiltà għar-relazzjonijiet tal-Parlament mal-Ombudsman. Waqt laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li saret fit-12 ta' Ottubru 2005, l-Ombudsman, b'konformità mal-Artikolu 205(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, qabel li jidher quddiem il-Kumitat fuq talba tiegħu stess, kull meta jippreżenta rapport speċjali lill-Parlament.

3.4 Każijiet saljenti li jagħtu eżempju tal-aħjar prassi

Disa' każijiet li nġhalqu fl-2009 jikkostitwixxu eżempji ċari tal-aħjar prassi u ntgħażlu bħala każijiet saljenti. Dawn iservu bħala mudell għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-UE fir-rigward ta' x'inhi l-aħjar reazzjoni għall-kwistjonijiet imqajma mill-Ombudsman.

L-Ombudsman faħħar lill-**Kummissjoni** għall-appoġġ li tat lil ċittadin Ġermaniż f'każ li jikkonċerna d-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru. L-investigazzjoni wriet li l-Kummissjoni segwiet il-każ tal-ilmentatur b'mod attiv u kkuntattjat lill-awtoritajiet Franċiżi kkonċernati sabiex jiżguraw li r-regoli rilevanti jiġu applikati b'mod korrett (**2980/2008/GG**). Minbarra dan, bil-għan li tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa u korretta tal-liġi tal-UE, il-Kummissjoni reġgħet fetħet proċedura ta' ksur sabiex tiċċekkja jekk is-sit ta' terraferma artifiċjali (landfill) f'Malagrotta, qrib Ruma, inġiebx f'konformità mad-Direttiva rilevanti (**791/2005/(IP)FOR**). L-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri f'dan ir-rigward.

Fil-qasam tat-trasparenza, l-**Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)** qabel li joħroġ lista twila ta' dokumenti wara li kkonsulta mal-awtoritajiet ġudizzjarji rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati. Id-dokumenti ntalbu minn żewġ kumpaniji Belġjani (każijiet konġunti **723/2005/OV** u **790/2005/OV**). L-**Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO)** qabel li jagħti ċ-ċans lill-kandidati kollha, u mhux biss lil dawk il-kandidati li ma jintgħażlux, li jkollhom aċċess għall-marki tagħhom fit-testijiet differenti. Dan wara ilment li wasal li kien jallega li l-kandidati li jintgħażlu ma setgħux ikunu jafu x'marki għab (**2346/2007/JMA**).

Fil-qasam tal-kuntratti, il-Kummissjoni ħabbret li riedet teżamina jekk ikunx possibbli li tawtorizza b'mod retroattiv l-użu tas-sottokuntrattar bil-għan li tikkanċella ordni ta' rkupru ta' kważi EUR 500 000 (**2119/2007/ELB**). Minħabba li l-kumpanija rnexxielha tlesti t-tliet proġetti li daħlet għalihom, l-Ombudsman talab lill-Kummissjoni biex taċċetta din il-proposta ta' soluzzjoni amikevoli. Fil-każ **1908/2007/JF**, il-Kummissjoni qablet li tħassar ordni ta' rkupru, billi rrikonoxxiet li r-rimborż għandu jpoġġi lill-ilmentatur f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja ħafna. L-Ombudsman approva lill-Kummissjoni talli wriet li hija tista' tkun sensittiva meta jkun hemm sitwazzjonijiet personali diffiċli, u inkludiet dan il-każ fost il-każijiet saljenti fl-2009 sabiex turi kif l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw il-prinċipju tal-ġustizzja fil-ħidma tagħhom.

Eżempji oħrajn tal-aħjar prassi jinkludu l-każ **1562/2008/BB**, fejn l-**Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (EACI)** għamlet apoloġija u tat spjegazzjonijiet addizzjonali lil kandidat li ma ntgħażilx għal pożizzjoni partikolari. Hija semmiet ukoll l-impenn tal-EACI biex tidentifika l-miżuri addizzjonali fi ħdan is-servizzi tagħha sabiex ittejjeb l-għarfien tal-uffiċjali tagħha dwar l-istandards amministrattivi applikabbli. L-**Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka** rrikonoxxiet li, fid-deċiżjoni inizjali tagħha li teskludi kandidat, hija naqset li ttiprovdi informazzjoni ċara u li tinftiehem rigward mezzi possibbli ta' riparazzjoni. Hija aċċertat lill-Ombudsman li l-applikanti sejrjn jibdwu jirċievu informazzjoni adegwata fil-futur. Barra minn hekk, hija stiednet lill-kandidat għal intervista (**2003/2008/TS**). Finalment, l-**Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura** għamlet apoloġija lill-ilmentatur u ħabbret li hija kienet ħadet passi sabiex tirrimedja l-problemi li ġew identifikati,

f'każ li jikkonċerna r-rifjut ta' applikazzjoni għal għotja. Hija qablet ukoll li tevalwa l-applikazzjoni mill-ġdid (**1537/2008/(TI)GG**).

3.5 Analiżi tematika tal-investigazzjonijiet magħluqa

Normalment, id-deċiżjonijiet li jagħlqu l-każijiet jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman (<http://www.ombudsman.europa.eu>) bl-Ingliż u, jekk differenti, bil-lingwa tal-

Normalment, id-deċiżjonijiet li jagħlqu l-każijiet jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman (<http://www.ombudsman.europa.eu>) bl-Ingliż u, jekk differenti, bil-lingwa tal-ilmentatur.


ilmentatur. Għadd magħżul ta' każijiet huma disponibbli fuq is-sit elettroniku f'forma qasira fit-23 lingwa uffiċjali kollha tal-UE. Dawn is-sommarji jirriflettu l-firxa ta' suġġetti u ta' istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni koperti mit-318-il deċiżjoni li għalqu każijiet fl-2009, kif ukoll ir-raġunijiet differenti għall-għeluq tal-każijiet.

Din it-taqsimat tanalizzat l-aktar sejbiet sinjifikanti tal-ligji u tal-fatti li jinsabu fid-deċiżjonijiet tal-Ombudsman li għalqu l-investigazzjonijiet fl-2009. Hija organizzata f'termini ta' klassifikazzjoni tematika tas-suġġett ewlieni tal-investigazzjonijiet, mibnija madwar seba' kategoriji prinċipali:

- Trasparenza, aċċess pubbliku u dejta personali;
- Il-Kummissjoni bħala għassiesa tat-Trattati;
- Aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerti u għotjiet;
- Eżekuzzjoni ta' kuntratti;
- Amministrazzjoni u Regolamenti tal-Persunal;
- Kompetizzjonijiet u proċeduri tal-għażla; u
- Kwistjonijiet istituzzjonali, politiċi u oħrajn.

Għandu jkun innotat li hemm konverġenzi sostanzjali fost dawn il-kategoriji. Pereżempju, kwistjonijiet ta' trasparenza jitqajmu spiss f'ilmenti li jikkonċernaw ir-reklutaġġ jew l-irwol tal-Kummissjoni bħala għassiesa tat-Trattati. Għandu jiġi innotat ukoll li l-kategoriji mhumiex elenkati fl-istess ordni li jidhru fiha fil-Figura 3.11¹².

Figura 3.11: Suġġett tal-investigazzjonijiet magħluqa



12. Il-Figura 3.11 tipprovdi informazzjoni dwar l-investigazzjonijiet kollha “li nġhalqu” fl-2009 fuq il-bażi tas-suġġett. Fl-2008, din il-graff kienet ikkalkolata fuq il-bażi tal-investigazzjonijiet kollha miftuħa. Minħabba li l-analiżi tematika tipprovdi ħarsa ġenerali lejn is-sejbiet l-aktar sinjifikanti li jinsabu f’għażla ta’ każijiet “li nġhalqu” fl-2009, kien meqjus bħala aktar xieraq li l-graff tiġi kkalkolata fuq l-istess bażi. Il-graff tpoġġiet f’din it-taqsimha biex tagħti lill-qarrej indikazzjoni tal-importanza tas-suġġett diskuss f’dak li għandu x’jaqsam mal-ammont totali ta’ każijiet tal-Ombudsman.

■ Trasparenza, aċċess pubbliku u dejta personali

Din it-taqsimha tanalizza d-deċiżjonijiet tal-Ombudsman fl-2009 dwar ilmenti li jikkonċernaw (i) l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, (ii) l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni, u (iii) l-protezzjoni tad-dejta personali u d-dritt tas-suġġetti tad-dejta li jkollhom aċċess għad-dejta tagħhom.

Aċċess pubbliku għad-dokumenti

L-Artikolu 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (dak li qabel kien l-Artikolu 1 tat-TEU) jirreferi għad-deċiżjonijiet fl-Unjoni li jittieħdu “bl-aktar mod miftuħ u mill-aktar qrib possibbli taċ-ċittadini”, filwaqt li l-Artikolu 15(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU) jitlob lill-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi tal-Unjoni biex iwettqu x-xogħol tagħhom bl-aktar mod miftuħ possibbli, sabiex jippromwovu l-prinċipju ta’ tmexxija tajba u jiżguraw il-parteeipazzjoni tas-soċjetà ċivili. L-Artikolu 15(3) TFEU (dak li qabel kien l-Artikolu 255 tat-Trattat tal-KE) kompli jipprovdi għad-dritt tal-aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi tal-Unjoni. Ir-Regolament 1049/2001 jirregola dan id-dritt ta’ aċċess għad-dokumenti¹³. Fit-30 ta’ April 2008, il-Kummissjoni ressqet proposta¹⁴ biex temenda u tissostitwixxi r-Regolament 1049/2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Id-diskussjonijiet dwar din ir-reviżjoni leġiżlattiva komplew fl-2009. Wara investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali mill-Ombudsman fl-1996 u fl-1999, ħafna istituzzjonijiet u korpi oħrajn adottaw ukoll regoli dwar l-aċċess għad-dokumenti.

Ir-Regolament 1049/2001 jagħti lill-applikanti għażla ta’ rimedju: dawn jistgħu jikkontestaw rifjut totali jew parzjali ta’ aċċess jew permezz ta’ proċeduri fil-qorti skont l-Artikolu 263 TFEU (dak li qabel

Matul l-2009, l-Ombudsman għalaq l-investigazzjoni ta’ 19-il ilment li kienu jikkonċernaw l-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001, li 15 minnhom kienu kontra l-Kummissjoni.

kien l-Artikolu 230 tat-Trattat tal-KE), jew inkella billi jippreżentaw ilment lill-Ombudsman. Matul l-2009, l-Ombudsman għalaq l-investigazzjoni ta’ 19-il ilment li kienu jikkonċernaw l-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001, li 15 minnhom kienu kontra l-Kummissjoni.

➡➡➡ Żewġ ilmenti kontra l-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) (każijiet **723/2005/OV** u **790/2005/OV**) kienu

s-suġġett ta’ investigazzjoni konġunta. Dawn kienu jikkonċernaw żewġ kumpaniji Belġjani li kienu s-suġġett ta’ investigazzjoni dwar l-użu ta’ ċertifikati foloz sabiex tiġi importata l-banana b’tariffa preferenzjali. Sabiex jiċċaraw il-fatti u potenzjalment iħejju appell, huma talbu għal aċċess għal lista twila ta’ dokumenti. L-OLAF irrifjuta l-aċċess għall-maġġoranza ta’ daww id-dokumenti fuq il-bażi li dan jispiċċa jdgħajef il-protezzjoni tal-investigazzjoni tiegħu u tal-proċeduri tal-qorti fl-Istati Membri. Wara li spezzjona l-fajl, l-Ombudsman ikkonkluda li l-OLAF kien aġixxa b’mod żbaljat. Huwa għamel proposta għal soluzzjoni amikevoli fejn stieden lill-OLAF biex jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu mill-ġdid. L-OLAF aċċetta s-soluzzjoni amikevoli wara li kkonsulta lill-awtoritajiet ġudizzjarji rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati. ⬅⬅⬅

Fil-każ **1349/2008/GG**, ġurnalista li indirizza serje ta’ mistoqsijiet lill-OLAF u rċieva tweġiba mingħand il-kelliem tal-OLAF ilmenta li dan il-kelliem kellu l-ħsieb li jibgħat it-tweġibiet tiegħu lil diversi partijiet terzi. Fl-opinjoni tiegħu, l-OLAF saħaq li l-kelliem kien aġixxa għan-nom tiegħu u mhux fil-kapaċità tiegħu bħala kelliem tal-OLAF. Minħabba li dik il-persuna fil-fatt iddikjarat li kienet qiegħda taġixxi f’kapaċità personali meta baġtet l-e-mail rilevanti, l-Ombudsman ikkonkluda li l-ilment ma kienx jaqa’ taħt il-mandat tiegħu u konsegwentement huwa għalaq il-każ.

Individwu li qabel kien uffiċjal tal-Kummissjoni, li kien issottometta ilment lill-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS) fejn allega li l-Kummissjoni kienet kisret id-drittijiet tiegħu tal-protezzjoni tad-dejta, ippreżenta ilment lill-Ombudsman kontra l-EDPS (każ **491/2008/PB**). L-ilmentatur allega li l-EDPS naqas li jwieġeb għal korrispondenza u, b’mod aktar speċifiku, li jagħti aċċess għal ċerti dokumenti. L-EDPS għamel apoloġija għad-dewmien li kien hemm sabiex ġiet imwieġba l-korrispondenza. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-aċċess għad-dokumenti, l-Ombudsman

¹³. Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.

¹⁴. COM(2008) 229 finali.

ikkunsidra li, fiż-żmien meta ttieħdet id-deċiżjoni, li ma kinitx konformi mar-regoli rilevanti, l-EDPS kien għadu ma stabbilixxa ebda approċċ strutturat fuq kif għandhom jiġu ttrattati talbiet bħal dawn għall-aċċess. Għalhekk, l-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka ulterjuri.

Kien hemm bosta ilmenti li kienu jinvolvu allegazzjonijiet ta' dewmien. Fil-każijiet **1190/2008/DK** u **1010/2008/DK**, l-Ombudsman identifika diversi nuqqasijiet fl-indirizzar mill-Kummissjoni tat-talbiet tal-ilmentaturi għall-aċċess¹⁵. Dawn kienu jikkonċernaw ir-reġistrazzjoni tat-talbiet, il-konformità mal-limiti ta' żmien applikabbli, u n-nuqqas ta' għoti ta' raġunijiet għall-estensjoni tal-limiti ta' żmien. Minħabba li dawn in-nuqqasijiet kienu diġà ġew identifikati f'każ preċedenti (**367/2006/PB**), fejn l-Ombudsman għamel diversi rimarki kritiċi (li għalihom il-Kummissjoni wiegħbet b'mod pożittiv ħafna), u minħabba li l-fatti li jikkonċernaw dawn iż-żewġ każijiet seħħu qabel l-impenji tal-Kummissjoni lill-Ombudsman, huwa ma reġax għadda aktar rimarki kritiċi. Il-każ **541/2008/VIK** kien jinkludi wkoll allegazzjonijiet li d-deċiżjoni li rrifjutat it-talba għall-aċċess għad-dokumenti ma kinitx xierqa. Matul l-investigazzjoni, irriżulta li l-informazzjoni li kien qiegħed ifittex l-ilmentatur kienet ġiet ippubblikata mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti. L-Ombudsman identifika diversi nuqqasijiet fl-imġiba tal-Kummissjoni, iżda ma għamilx rimarki kritiċi minħabba li l-ilmentatur ma kien għamel ebda allegazzjoni rigward dawn l-aspetti proċedurali.

Fil-każ **1491/2008/(ID)(BU)CK**, kandidat f'kompetizzjoni li ġiet organizzata mill-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) sostna li huwa ma kien irċieva ebda tweġiba għal talba għal aċċess għall-mistoqsijiet u t-tweġibiet tat-test li kien għadda minnu. Bosta xhur wara u, filwaqt li għamel apoloġija għad-dewmien, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni rrifjuta t-talba u rrikonoxxa li l-applikazzjoni konfermatorja kienet intilfet jew tqiegħdet f'post ieħor. Dan il-każ kien relatat mal-każ **1150/2008/(ID)(BU)CK**, li l-istess ilmentatur ressaq kontra l-EPSO. F'dan il-każ tal-aħħar, l-ilmentatur allega li l-EPSO naqas milli jittrasferixxi l-applikazzjoni konfermatorja tiegħu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni, b'konformità mal-Artikolu 15(1) tal-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba. Huwa sempliċiment qal lill-ilmentatur li huwa għandu jindirizza l-applikazzjoni konfermatorja lill-Kummissjoni. L-EPSO rrikonoxxa li, minħabba l-prattika stabbilita li permezz tagħha l-Kummissjoni tittratta l-applikazzjonijiet konfermatorji, huwa suppost kien għamel it-trasferiment. L-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri, fejn ħeġġeġ lill-EPSO biex jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex jistabbilixxi l-awtonomija tiegħu fil-qasam tal-ipproċessar tat-talbiet ta' aċċess għad-dokumenti.

Fil-każ **3085/2008/GG**, l-Ombudsman ikkritika lill-Kummissjoni talli fil-bidu ma kinitx identifikat l-ittra tal-ilmentatur bħala talba għall-aċċess. Il-Kummissjoni naqset ukoll milli tittratta l-applikazzjoni konfermatorja tal-ilmentatur b'mod xieraq. Anki li kieku d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-aċċess kienet fis-sustanza tagħha korretta, l-Ombudsman għamel rimarka kritika minħabba li l-Kummissjoni naqset li tagħmel apoloġija għall-iżbalji proċedurali tagħha.

Il-każ **429/2007/PB** kien jikkonċerna wkoll dewmien serju fl-indirizzar ta' talba għall-aċċess. L-Ombudsman għamel rimarka kritika. Il-kwistjoni tal-ħlasijiet li jintalbu għall-ipproċessar tat-talbiet għall-aċċess għal għadd numeruż ta' dokumenti kbar ħafna tqajmet ukoll f'dan il-każ. L-Ombudsman ħass li l-Kummissjoni ma kkonformatx mal-istandards stipulati fl-Artikolu 10 tar-Regolament 1049/2001 sabiex jintalbu dawn il-ħlasijiet u għalhekk għadda wkoll rimarka kritika f'dan ir-rigward.

L-Ombudsman beda investigazzjoni fuq inizzjattiva tiegħu stess fir-rigward tal-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsa mat-talbiet taċ-ċittadini għal aċċess għad-dokumenti relatati ma' proċeduri ta' ksur (**OI/2/2009/MHZ**). Filwaqt li għalaq l-investigazzjoni li fiha ma sab ebda amministrazzjoni ħażina, huwa ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinforma liċ-ċittadini li huma jistgħu jiksibu aċċess għal dawn id-dokumenti billi jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom jew lill-Kummissjoni, jew lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat, jew inkella lit-tnejn li huma. Liċ-ċittadini jistgħu jiġu informati wkoll li, jekk jissottomettu t-talba tagħhom għall-aċċess lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, hija l-liġi nazzjonali li tkun applikabbli. L-Ombudsman żied li l-Kummissjoni tista' tinkludi tali informazzjoni fuq il-websajt eċċellenti u familjari maċ-ċittadini tagħha rigward każijiet ta' ksur tal-liġijiet¹⁶.

15. Eżempju ċar ta' kif xi servizzi għadhom isibuha diffiċli biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 1049/2001, huwa l-każ 2673/2009/MHZ li finalment ġie solvut mill-istituzzjoni.

16. Fir-rigward tal-aċċess għal fajl dwar każ ta' ksur, ara wkoll il-każ 1059/2008/(WP)VL.

Investigazzjonijiet oħrajn tal-Ombudsman kienu jittrattaw eċċezzjonijiet ulterjuri għall-aċċess pubbliku li huma previsti fir-Regolament **1049/2001**. Il-każ **70/2008/TS** kien jittratta l-eċċezzjoni relatata mal-periklu li tiddgħajjed il-proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-espożizzjoni tas-servizzi għal pressjoni esterna żejda. L-Ombudsman ikkunsidra li r-raġunijiet imsemmija mill-Kummissjoni la kienu validi u lanqas adegwati. Huwa għalaq il-każ b'rimarki kritiċi. Il-każ **488/2007/PB** kien jittratta l-eċċezzjoni għall-aċċess pubbliku fuq il-bażi tal-protezzjoni tal-interessi kummerċjali u l-protezzjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali. L-Ombudsman sab li l-Kummissjoni naqset milli tagħti raġunijiet adegwati għar-rifjut tal-aċċess sħiħ għad-dokumenti. Il-Kummissjoni wiegħbet li hija kienet ikkonsultat lill-Istati Membri kkonċernati u li kollha minbarra wieħed kienu qablu mal-iżvelar tad-dokumenti. Hija qalet li sejra żżomm lill-Ombudsman informat dwar il-pożizzjoni ta' dak l-Istat Membru. L-ilmentatur kien sodisfatt b'dak ir-rispons u għalhekk l-Ombudsman għalaq il-każ. Madankollu, huwa għamel rimarka ulterjuri li l-Kummissjoni kienet naqset milli tindirizza kwistjonijiet importanti, bħal jekk hija kinitx tqis li d-dokumenti inkwistjoni kienu ġejjin mill-Istati Membri jew inkella kienu dokumenti li nkitbu mis-servizzi tal-Kummissjoni. Huwa stieden lill-Kummissjoni biex tikkjarifika dik il-kwistjoni.

Il-każ **819/2007/PB** kien jittratta r-rifjut tal-Kummissjoni milli tagħti aċċess għall-applikazzjoni tal-Irlanda f'każ li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-bażi li din kienet sejra tkun ta' dannu għall-proċeduri tal-Qorti. Matul l-investigazzjoni, il-Qorti Ġenerali ħarġet sentenza li dehret li kienet rilevanti għall-kwistjoni kkonċernata. Għalhekk, l-Ombudsman talab lill-Kummissjoni biex tirrevedi d-deċiżjoni oriġinali tagħha fid-dawl tas-sentenza. Il-Kummissjoni baqgħet issostni r-rifjut tagħha, mingħajr ma pprovdiet raġunijiet validi. Għaldaqstant, l-Ombudsman għamel rimarka kritika. Huwa nnota li r-rifjut tal-Kummissjoni kien jidher li huwa bbażat fuq il-fatt li kien tressaq appell kontra s-sentenza. Huwa qal li dan ma jistax jiġġustifika deċiżjoni li tiġi injorata l-interpretazzjoni legali stabbilita f'dik is-sentenza.

Aċċess pubbliku għall-informazzjoni

L-Ombudsman ittratta bosta ilmenti li kienu jallegaw in-nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni. Ħafna minn dawn il-każijiet kienu ttrattati permezz ta' proċeduri mgħaġġla u ssimplifikati, u għalhekk ingħalqu fil-pront wara li l-istituzzjoni kkonċernata pprovdiet l-informazzjoni rilevanti. F'żewġ każijiet, inbdiet investigazzjoni li kienet tikkomprendi kollox. Il-każ **1694/2007/(WP)BEH** kien jittratta allegazzjoni li l-Kummissjoni kienet tat twegġibiet insuffiċjenti u deliberatament żbaljati għal talba għall-informazzjoni dwar ċerta proċedura leġislattiva. Filwaqt li l-Ombudsman ikkonkluda li l-allegazzjoni li kienet tikkonċerna informazzjoni deliberatament żbaljata ma kinitx issostanzjata, huwa qabel li t-twegġibiet tal-Kummissjoni lill-ilmentatur kienu insuffiċjenti. Minħabba li l-Kummissjoni pprovdiet l-informazzjoni rilevanti matul l-investigazzjoni, l-Ombudsman ikkunsidra li ma kien hemm bżonn tittieħed ebda azzjoni oħra min-naħa tiegħu. Fil-każ **443/2009/VL**, l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) ġie akkużat li naqas milli jwieġeb għal ittri, li fihom l-ilmentatur informah dwar dak li huwa kkunsidra li kien ta' theddida serja għas-sigurtà internazzjonali. Huwa naqas ukoll milli jagħtih id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċċju ta' kollegament tal-Europol fil-Ġermanja. Fl-opinjoni tiegħu, l-Europol spjega li l-kwistjonijiet imqajma mill-ilmentatur kienu jikkonċernaw kwistjonijiet nazzjonali u li huwa kien baġat l-informazzjoni lill-uffiċċju ta' kollegament tal-Europol fil-Ġermanja, li kien jinsab fil-bini tiegħu fl-Aja. Għaldaqstant, l-Ombudsman għalaq il-każ.

Il-protezzjoni tad-dejta

Fil-każ **3486/2006/(GK)(ID)RT**, l-ilmentatriċi talbet lill-Kummissjoni biex tipprovdi informazzjoni dwar l-impjeg li kienet tikkonċerna lil waħda mill-uffiċjali tagħha. Minħabba li l-uffiċjal irrifjutat li tagħti l-permess tagħha, il-Kummissjoni rrifjutat li tiżvela d-data tal-bidu tal-impjeg tagħha. L-Ombudsman ħass li l-Kummissjoni naqset li tipprovdi raġunijiet adegwati għar-rifjut tagħha u għamel proposta għal soluzzjoni amikevoli, li ġiet aċċettata mill-Kummissjoni. Madankollu, sadanittant, l-uffiċjal ikkonċernata ppreżentat ilment lill-EdPS kontra l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżvela l-informazzjoni. Meta l-EdPS ikkonferma li l-informazzjoni kkonċernata setgħet tiġi żvelata, l-uffiċjal ressqet azzjoni quddiem il-Qorti Ġenerali. Fid-dawl ta' dik l-azzjoni pendenti, l-Ombudsman għalaq l-investigazzjoni tiegħu. Huwa għamel rimarka ulterjuri li l-Kummissjoni għandha tinforma lill-ilmentatriċi dwar l-eżitu tal-każ fil-qorti.

Il-każ **672/2007/(WP)PB** kien jikkonċerna kwistjonijiet li jirrigwardjaw it-trattament tal-applikazzjonijiet għall-aċċess u l-applikabbiltà tar-Regolament 1049/2001 fir-rigward tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta. L-Ombudsman sab li t-trattament tat-talba f'dan il-każ mill-Kummissjoni kien imtappan minn dewmien totali u mhux ġustifikat li kien jikkawża amministrazzjoni ħażina. Huwa għamel rimarka kritika. Fir-rigward tal-applikabbiltà tar-Regolament 1049/2001, l-Ombudsman irrefera għal ġurisprudenza li kienet sussegwenti għas-sottomissjoni tal-ilment u li dehret li kienet rikonoxxuta b'mod impliċitu mill-Kummissjoni. Huwa kkunsidra li l-kwistjonijiet legali inkwistjoni ma kinux għadhom qegħdin jiġu diskussi.

➔➔➔ Il-każ **2346/2007/JMA** kien jikkonċerna r-rifjut tal-EPSo milli jinforma lill-kandidati li jintgħażlu dwar il-marki tagħhom fit-testijiet differenti. L-Ombudsman ikkunsidra li, billi rrifjuta li jagħmel dan, l-EPSo injora l-prinċipju fundamentali tat-trasparenza li huwa inkluż fl-Artikolu 1 TEU (li issa huwa l-Artikolu 10(3) TEU) u fl-Artikolu 22 tal-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba. Fir-rigward ta' din il-kwistjoni, huwa kkonsulta wkoll lill-EDPS, li kien tal-fehma li r-riżultati tat-testijiet għandhom jiġu kkunsidrati bħala dejta personali li l-ilmenturi għandu jkollhom id-dritt tal-aċċess għaliha. Filwaqt li oriġinarjament, l-EPSo rrifjuta l-proposta għal soluzzjoni amikevoli tal-Ombudsman sabiex tiġi żvelata d-dejta, huwa ddeċieda li jbidel il-politika tiegħu u li jagħti ċans lill-kandidati kollha jkollhom aċċess għall-marki tagħhom, wara li kkonsulta lill-Bord ta' Tmexxija tal-EPSo. ⬅⬅⬅

■ Il-Kummissjoni bħala għassiesa tat-Trattati

Ir-regola tal-liġi hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Wieħed mid-dmirijiet l-aktar importanti tal-Kummissjoni huwa li tkun l-għassiesa tat-Trattati¹⁷. L-Artikolu 258 TFEU (dak li qabel kien l-Artikolu 226 tat-Trattat tal-KE) johlqo proċedura ġenerali li biha l-Kummissjoni tista' tinvestiga u tirrikorri għall-Qorti tal-Ġustizzja għal kull ksur li jista' jkun hemm tal-liġi tal-UE mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tista' tinvestiga minn jeddha, fuq il-bażi tal-ilmenti, jew b'reazzjoni għat-talbiet mill-Parlament Ewropew sabiex tittratta petizzjonijiet indirizzati lilha skont l-Artikolu 227 TFEU (dak li qabel kien l-Artikolu 194 tat-Trattat tal-KE). Jistgħu jiġu applikati proċeduri oħrajn fir-rigward ta' kwistjonijiet speċifiċi, bħalma hija l-għajnuna illegali mill-istat.

L-Ombudsman jirċievi u jaħdem fuq ilmenti kontra l-Kummissjoni fl-irwol tagħha bħala għassiesa tat-Trattati. Meta l-Ombudsman jiftaħ investigazzjoni fuq tali ilment, dejjem joqgħod attent sabiex

L-Ombudsman jirċievi u jaħdem fuq ilmenti kontra l-Kummissjoni fl-irwol tagħha bħala għassiesa tat-Trattati.

jagħmilha ċara lill-ilmentatur, fejn ikun meħtieġ, li l-investigazzjoni mhijiex sejra teżamina jekk hemmx ksur jew le, għaliex l-Ombudsman Ewropew ma għandux mandat biex jinvestiga l-azzjonijiet tal-awtoritajiet tal-Istati Membri. L-investigazzjoni

tal-Ombudsman hija diretta biss lejn l-eżami tal-imġiba tal-Kummissjoni fl-analiżi u l-indirizzar tal-ilment ta' ksur li l-ilmentatur ikun ressaq quddiemha. L-Ombudsman jista' jittratta kemm l-aspetti proċedurali kif ukoll dawk sostantivi tal-imġiba tal-Kummissjoni. Madankollu, l-investigazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Ombudsman jirrispettaw bis-sħiħ is-setgħat ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni, rikonoxxuti permezz tat-Trattati u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta din tiddeċiedi jekk tagħtix bidu jew le għal proċedura ta' ksur u li tressaq każ quddiem il-Qorti kontra l-Istat Membru kkonċernat.

Fir-rigward tal-obbligi proċedurali tal-Kummissjoni lejn l-ilmentaturi, il-punt ta' referenza ewlieni tal-Ombudsman huwa Komunikazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni fl-2002¹⁸. Il-Komunikazzjoni tistabbilixxi ċertu numru ta' obbligi proċedurali relatati mar-reġistrazzjoni tal-ilmenti sottomessi lill-Kummissjoni u l-eċċezzjonijiet għal dan l-obbligu, kif ukoll limiti ta' żmien għall-indirizzar tal-ilmenti u għall-għoti ta' tagħrif lill-ilmentaturi. Din il-Komunikazzjoni nħarġet fl-2002, bħala reazzjoni għall-investigazzjonijiet u l-kritiki preċedenti li l-Ombudsman kien esprima lejn il-Kummissjoni fir-

¹⁷. L-Artikolu 17 tat-TEU (li qabel kien l-Artikolu 211 tat-Trattat tal-KE) jitlob lill-Kummissjoni biex "tiżgura l-applikazzjoni tat-Trattati, u tal-miżuri adottati mill-istituzzjonijiet b'konformità magħhom".

¹⁸. Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Ombudsman Ewropew dwar ir-relazzjonijiet mal-ilmentatur fir-rigward tal-ksur tal-liġi Komunitarja, ĠU 2002 C 244, p. 5.

rigward ta' dawn il-kwistjonijiet. L-Ombudsman jikkunsidra li din il-Komunikazzjoni hija pass 'il quddiem importanti ħafna f'dak li għandu x'jaqsam mat-tkabbir tal-fiduċja li ċ-ċittadini għandhom fil-Kummissjoni bħala għassiesa tat-Trattati. FI-2009, ir-reviżjoni tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni tapplika r-regoli tagħha stess turi ċertu għadd ta' nuqqasijiet fl-applikazzjoni tal-Komunikazzjoni. Ftit eżempji li jispjegaw dan huma ppreżentati u analizzati hawn taħt.

Il-kwistjoni ta' informazzjoni mhux adegwata hija problema rikorrenti. Fil-każ **80/2009/BU**, filwaqt li l-Kummissjoni għall-ewwel irrikonoxxiet li kienet irċeviet korrispondenza mingħand NGO ambjentali Ċeka, kien biss meta kienet għaddejja l-investigazzjoni tal-Ombudsman (jiġifieri aktar minn sena wara) li hija għarrfet lill-ilmentatriċi bl-intenzjoni tagħha li ma tirreġistrax il-korrispondenza bħala ilment, u tat ir-raġunijiet għall-azzjoni tagħha. L-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri li l-Kummissjoni tista' tinforma lil dawk l-ilmentaturi kollha li l-korrispondenza tagħhom ma kinitx irreġistrata separatament bħala ilment, iżda minflok kienet miżjuda ma' każijiet simili li kienu għaddejjin, dwar l-indirizzar minnha tal-ilment irreġistrat. Il-każ **1890/2008/(CHM)BU** kien jikkonċerna allegazzjoni minn tliet kumpaniji li l-Kummissjoni naqset milli taġixxi b'attenzjoni meta baġtet l-ittri tagħha ta' qabel l-għeluq fi proċedura ta' ksur kontra l-Portugall. Hija naqset ukoll milli tiżgura t-twassil xieraq tad-deċiżjoni tagħha li tagħlaq il-każ. L-Ombudsman fakkar li l-punti 9 u 10 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni jipprevedu li hija għandha tinforma lill-ilmentatur dwar id-deċiżjonijiet finali tagħha li jingħalqu l-ilmenti ta' ksur. In-nuqqas ta' twettiq ta' dan kien każ ta' amministrazzjoni ħażina li wassal lill-Ombudsman biex joħroġ rimarka kritika. Huwa għamel ukoll tliet rimarki ulterjuri relatati ma' aspetti proċedurali tal-indirizzar tal-ilmenti mill-Kummissjoni.

Problema rikorrenti oħra, li diġà rreferejna għaliha, tirrigwardja r-reġistrazzjoni tal-ilmenti. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tipprevedi l-obbligu li tirreġistra l-ilmenti li tirċievi fir-reġistru ċentrali (punt 3(1) tal-Komunikazzjoni). L-eċċezzjonijiet għal dan l-obbligu huma elenkati fil-paragrafu li ġej: "fejn hemm dubju dwar in-natura ta' oġġett ta' korrispondenza, is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni għandu jikkonsulta lid-dipartiment(i) kkonċernat(i) fi żmien 15-il ġurnata kalendarji minn meta tkun waslet. Jekk id-dipartiment(i) jonqos/jonqsu li jwieġeb/jwieġbu fi żmien 15-il ġurnata tax-xogħol, l-ilment għandu jiġi rreġistrat formalment fir-reġistru ċentrali tal-ilmenti." Dan l-obbligu ċar qajjem bosta problemi. Il-każ **2884/2008/(WP)GG** kien jikkonċerna persuna Ġermaniża li taħdem fil-kosmetika li xtaqet li l-kwalifiki professjonali tagħha jiġu rikonoxxuti fil-Greċja. Minħabba li diġà kien hemm proċedura ta' ksur kontra l-Greċja li tikkonċerna problemi simili li kienet pendent, il-Kummissjoni żiedet dan il-każ għal mal-proċedura. Hija mbaġħad informat lill-ilmentatriċi li hija kellha l-ħsieb li tagħlaq il-każ minħabba li l-ilmentatriċi setgħet tissottometti t-talba tagħha lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. L-Ombudsman sab li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni kienet waħda raġonevoli u li hija kienet ikkorrespondiet u informat b'mod adegwat lill-ilmentatriċi dwar l-intenzjoni tagħha. Madankollu, hija kienet irreġistrat biss l-ilment aktar minn ħames xhur wara li kienet irċevietu. Billi din ma kinitx il-kwistjoni tal-ilment, l-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri li l-Kummissjoni għandha tirrevedi l-prattika tagħha fir-rigward ta' kwistjonijiet bħal dawn. L-istess problemi tfaċċaw fil-każ **1628/2008/TS**. Kien biss wara li l-Ombudsman fetaħ l-investigazzjoni tiegħu li l-Kummissjoni rreġistrat il-korrispondenza bħala ilment u pprovdiet lill-ilmentatur bl-informazzjoni li talab. L-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri li l-Kummissjoni għandha tissepara b'mod ċar il-proċess tal-identifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni u r-rikonoxximent tar-riċeviment tal-ilmenti, mill-proċess fejn tkun trid tiddeċiedi kif għandha tittratta kull ilment.

Problemi simili fir-rigward tar-reġistrazzjoni u l-informazzjoni dwar l-ilmenti kienu identifikati fil-każ **1174/2007/TN**, li kien jikkonċerna żewġ ilmenti dwar l-allegat nuqqas tal-Iżvezja milli tittrasponi l-liġi tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni. Kien biss wara li l-Ombudsman għamel proposta għal soluzzjoni amikevoli li l-Kummissjoni qablet li tirreġistra t-tieni ilment u li tinforma lill-ilmentatur dwar l-indirizzar taż-żewġ ilmenti minnha. L-istess problemi ta' reġistrazzjoni kienu osservati fil-każ **1087/2009/JMA**, li kien jikkonċerna r-rifjut mill-awtoritajiet Taljani li jirreġistraw l-isem doppju ta' iben l-ilmentatriċi. L-Ombudsman sab li l-Kummissjoni suppost li kellha tirreġistra l-korrispondenza bħala ilment. Jekk hija kkunsidrat li tagħmel mod ieħor, suppost li kellha tinforma b'dan lill-ilmentatriċi. L-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri li l-Kummissjoni għandha tinforma lill-ilmentatriċi dwar ir-riżultati tal-azzjonijiet tagħha mwettqa fil-konfront tal-awtoritajiet Taljani.

Il-każ **3303/2008/ELB**, li kien jikkonċerna deċiżjoni allegatament żbaljata tal-Kummissjoni li ma tirreġistrax ilment dwar ksur kontra l-Belġju talli naqas milli jirrikonoxxi d-diploma Franċiża fl-infermerija tal-ilmentatur, ingħalaq u fih ma nstabet l-ebda amministrazzjoni ħażina. L-Ombudsman qabel mal-Kummissjoni li ma kien hemm ebda ksur tal-liġi tal-UE minħabba li r-rikonoxximent tad-diplomi għal skopijiet akkademiċi huwa prerogattiv tal-Istati Membri u ma hemm ebda dispożizzjoni tal-liġi tal-UE li tittratta speċifikament daww il-kwistjonijiet. L-Ombudsman għalaq ukoll il-każ **1440/2008/(WP)OV**, fejn ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina fuq allegazzjoni minn ċittadin Spanjol li l-Kummissjoni kienet naqset milli tipprovdi informazzjoni dwar il-mezzi li jintużaw sabiex jiġu kkontestati d-dazji doganali fi Spanja għal ċerti prodotti. L-analiżi dettaljata tal-Ombudsman uriet li l-Kummissjoni wiegħbet għall-mistoqsijiet tal-ilmentatur u pprovdietli l-informazzjoni rilevanti dwar il-proċeduri applikabbli. Barra minn hekk, hija żammitu informat dwar id-diskussjonijiet rilevanti fil-Kumitat tal-Kodiċi Doganali.

Imqanqal minn tħassib li rriżulta minn dawn il-każijiet u oħrajn simili, fl-2009 l-Ombudsman ta bidu għal investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess fir-rigward tal-prattiki tal-Kummissjoni li jikkonċernaw ir-reġistrazzjoni tal-korrispondenza u l-ilmenti (**OI/3/2009/MHZ**). Din l-investigazzjoni kienet għadha għaddejja sal-aħħar ta' dik is-sena.

Meta jkun qiegħed jinvestiga ilmenti dwar ksur, l-Ombudsman jista' janalizza s-sustanza tal-analiżi u l-konklużjonijiet mil-huqa mill-Kummissjoni. Din l-analiżi hija mmirata biex tivverifika jekk il-konklużjonijiet mil-huqa mill-Kummissjoni humiex raġonevoli u jekk humiex diskussi tajjeb u spjegati bir-reqqa lill-ilmentaturi. Jekk l-Ombudsman ma jaqbilx b'mod fundamentali mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, huwa għandu jiddikjara dan, filwaqt li jirrimarka wkoll li l-ogħla awtorità biex tinterpreta l-liġi tal-UE hija l-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, nuqqas ta' ftehim ta' dan it-tip huwa biss l-eċċezzjoni. Fil-parti l-kbira tal-każijiet imsemmija fuq, l-Ombudsman ikkunsidra l-pożizzjoni tal-Kummissjoni fuq is-sustanza tal-każ bħala li kienet waħda korretta¹⁹.

➔➔➔ Il-każ **2980/2008/GG** kien jikkonċerna allegazzjoni minn ċittadin Ġermaniż li l-Kummissjoni naqset milli tittratta ilment kif jixraq sabiex tiżgura li l-Istati Membri japplikaw b'mod korrett ir-regolament tal-UE dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru. L-investigazzjoni wriet li l-Kummissjoni segwiet il-każ tal-ilmentatur b'mod attiv u kkuntattjat lill-awtoritajiet Franċiżi kkonċernati. Fl-opinjoni tal-Ombudsman, id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għat-Trasport u l-Enerġija kellu jiġi mfaħħar għall-approċċ attiv tiegħu u għall-appoġġ li pprovdha lill-ilmentatur f'dan il-każ. ⚡⚡⚡

Fil-każ **443/2008/JMA**, li kien jikkonċerna allegazzjoni li l-Kummissjoni naqset milli tindirizza kif xieraq ilment kontra Spanja u ddeċidiet b'mod żbaljat li tinkludi l-ilment tiegħu fi proċedura orizzontali waħdanija u kontinwa kontra Spanja rigward it-trattament tal-ilma urban, l-Ombudsman ikkonkluda li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha marġini wiesgħa ta' diskrezzjoni biex tiddeċiedi jekk l-ilmenti individwali għandhomx jinġabru jew le fi proċedura orizzontali waħdanija. Barra minn hekk, il-Kummissjoni informat b'mod korrett lill-ilmentatur dwar l-azzjonijiet illi kienet ħadet. Permezz ta' paragun, fil-każ **706/2007/(WP)BEH**, l-Ombudsman wera li kien tal-opinjoni li l-Kummissjoni naqset li tittratta l-ilment dwar ksur tal-ilmentatur kemm jista' jkun malajr u bl-aktar mod diliġenti possibbli u li dan in-nuqqas ikkostitwixxa amministrazzjoni ħażina. L-ilment ġie sottomess fl-2005 minn ċittadin Awstrijak kontra l-Awstrija talli naqset milli tikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kwalità tal-arja. L-Ombudsman ikkunsidra li, minkejja sfond fattwali suffiċjentement ċar, il-Kummissjoni naqset milli tadotta pożizzjoni dwar l-ilment sad-data meta l-ilmentatur irrikorra għall-għajnuna tal-Ombudsman fl-2007.

➔➔➔ Il-każ **791/2005/(IP)FOR** kien jikkonċerna deċiżjoni allegatament inġusta li jingħalaq ilment dwar ksur kontra l-Italja rigward sit ta' terraferma artifiċjali f'Malagrotta, qrib Ruma. L-ilmentatur allega li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħlaq il-każ kienet inġusta minħabba li kien hemm diversi irregolaritajiet involuti. L-Ombudsman sab li l-iskadenza rilevanti għall-konformità kienet is-16 ta' Lulju 2009 u l-fatt li s-sit ta' terraferma kien għadu mhuwiex konformi mal-istandards rilevanti, meta l-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' ksur, ma kienx żbaljat jew inġust. Madankollu, fid-dawl tal-infor-

¹⁹. Ara, pereżempju, il-każ 822/2009/BU dwar l-allegat ksur tad-direttivi ambjentali mir-Repubblika Ċeka u l-każ 2036/2008/(CD)BEH rigward l-allegazzjoni tan-nuqqas ta' kompatibbiltà tal-liġijiet dwar il-pensjoni fl-Awstrija mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà tal-moviment.

mazzjoni sinjifikanti miġjuba għall-attenzjoni tiegħu mill-ilmentatur, huwa ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiċċekkja, wara l-iskadenza ta' Lulju 2009, jekk is-sit ta' terraferma kienx fil-fatt ingiebb f'konformità mad-Direttiva. Aktar tard fl-2009, il-Kummissjoni reġgħet fetħet il-proċedura ta' ksur. <<<

Il-każ **1532/2008/GG** kien jikkonċerna allegazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' proċeduri ta' ksur kontra l-Awstrija. Il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni wara ilmenti minn 27 inizjattiva ta' ċittadini Awstrijaċi li l-ajruport ta' Vjenna kien għamel estensjonijiet ripetuti, fin-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali (EIA) obbligatorja. Sussegwentement, il-Kummissjoni qablet li l-awtoritajiet Awstrijaċi setgħu jwettqu EIA retroattiva. L-investigazzjoni tal-Ombudsman identifika bosta problemi b'din l-EIA retroattiva, inkluż konflitt potenzjali ta' interess fi ħdan l-awtoritajiet nazzjonali. Minħabba li l-Kummissjoni kienet għadha ma ħadet ebda deċiżjoni finali fuq dan il-każ, l-Ombudsman għalaq l-investigazzjoni tiegħu, billi indika li huwa kellu fiduċja li l-Kummissjoni, meta tiegħu d-deċiżjoni finali tagħha, kienet sejra tikkunsidra s-sejbiet u t-tħassib tiegħu.

■ Aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerti u għotjiet

L-Ombudsman jitratta wkoll ilmenti dwar l-aġġudikazzjoni, jew in-nuqqas ta' aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerti u għotjiet. Madankollu, huwa jikkunsidra li l-istituzzjonijiet u, b'mod partikolari,

L-Ombudsman jitratta wkoll ilmenti dwar l-aġġudikazzjoni, jew in-nuqqas ta' aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerti u għotjiet.

il-kumitati tal-evalwazzjoni u l-awtoritajiet ta' aġġudikazzjoni fis-sejħiet għall-offerti, għandhom diskrezzjoni wiesgħa fir-rigward tal-fatturi li jieħdu f'kunsiderazzjoni meta jiġu biex jiddeċiedu jekk jagħtux kuntratt wara stedina ta' sejhja għall-offerti. Huwa jikkun-

sidra li l-analiżi tiegħu ta' tali każijiet għandha tkun limitata għall-verifika ta' jekk kienx hemm konformità mar-regoli li jirregolaw il-proċedura, jekk il-fatti humiex korretti, u li mhemmx żball ovvju ta' evalwazzjoni jew użu ħażin tal-poteri. Barra minn hekk, huwa jeżamina jekk l-istituzzjonijiet ikkonformawx mad-dmirijiet tagħhom li jagħtu raġunijiet u jekk dawn humiex koerenti u raġonevoli.

L-Ombudsman għalaq sitt każijiet li fihom l-ilmentaturi allegaw li kien hemm inġustizzja fil-ħidma tal-kumitati tal-għażla minħabba konflitt ta' interess jew nuqqas ta' imparzjalità minn uħud mill-membri tagħhom. Fil-każ **3112/2007/MF**, li kien jikkonċerna sejhja għall-offerti għar-rijabilitazzjoni ta' Park Nazzjonali f'Chad, l-Ombudsman ikkunsidra li ċ-ċirkostanzi tal-każ jistgħu jixħtu dubji oġġettivi fuq l-imparzjalità ta' membru partikolari tal-kumitat tal-evalwazzjoni u li, kuntrarju għall-fehma tal-Kummissjoni, id-dikjarazzjoni tal-imparzjalità tal-imsemmi membru ma kinitx biżżejjed sabiex jiġu eliminati dawn id-dubji. Huwa kkonkluda li l-Kummissjoni ma ħaditx azzjoni suffiċjenti biex tneħħi d-dubji u ma wrietx li l-azzjonijiet tagħha kienu l-uniċi li kellha għad-dispożizzjoni tagħha. Fil-każ **2400/2006/JF**, kumpanija ta' konsulenza allegat li s-sejhja tagħha għall-offerti ma kinitx suċċess minħabba struzzjonijiet mogħtija mid-Delegazzjoni tal-Kummissjoni f'pajjiż terz. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni ma pproduċiet ebda evidenza relatata mal-allegati struzzjonijiet sabiex tiġi sostnuta l-allegazzjoni tal-ilmentatur.

Fil-każ **491/2007/PB**, li kien jikkonċerna sejhja għall-proposti mnedija mir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni f'Berlin u, b'mod aktar speċifiku, il-ġustizzja fil-kompetizzjoni u t-trasparenza tal-proċedura, l-Ombudsman sab li fis-sejhja għall-offerti kien hemm rekwiżiti indebitament restrittivi, u li l-Kummissjoni naqset milli twieġeb b'mod xieraq għat-talbiet ta' informazzjoni tal-ilmentatur. Huwa esprima wkoll tħassib dwar in-nuqqas ta' regoli u prattiki rigward il-kwistjoni tal-konflitt ta' interess fil-każ ta' fornituri interni attwali jew ta' qabel ta' servizzi jew prodotti oħrajn, li jipparteċipaw fis-sejħiet għall-offerti. F'rimarka ulterjuri, huwa stieden lill-Kummissjoni biex teżamina l-possibbiltà li tadotta tali regoli jew linji gwida.

Fil-każ **1270/2007/(ET)(ID)(DK)CK**, l-ilmentatur, li oriġinarjament kien irċieva ittra ta' għoti tal-kuntratt, kien informat mill-Kummissjoni li s-sejhja għall-offerti kienet tħassret minħabba irregolaritajiet fil-proċedura u minħabba ksur potenzjali tal-kunfidenzjalità u l-imparzjalità, kif ukoll influwenza esterna possibbli matul il-proċedura ta' evalwazzjoni. L-Ombudsman ħareġ abbozz ta' rakkomandazzjoni fejn talab lill-Kummissjoni biex tipprovdi raġunijiet aktar speċifiċi u adegwati għall-kanċellazzjoni tas-sejhja għall-offerti. Wara li spezzjona l-fajl, l-Ombudsman ikkonferma li dan

kien jinkludi evidenza li tappoġġja l-ispegazzjoni li kienet ippreżentat il-Kummissjoni b'reazzjoni għall-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu. Għalhekk, huwa għalaq il-każ fuq il-bażi li l-abbozz ta' rakkomandazzjoni kien ġie implimentat.

F'investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess (**OI/4/2005/GG**), l-Ombudsman kompla jinvestiga l-allegazzjoni minn NGO Ġermaniża li l-Kummissjoni kienet poġġietha fi żvantaġġ apposta u kienet aġixxiet b'mod qarrieqi meta rrifjutat l-applikazzjoni tagħha biex tiffirma Ftehim ta' Sħubija ta' Qafas. L-Ombudsman identifika każijiet serji ta' amministrazzjoni ħażina. Minbarra d-defiċjenzi li kien diġà identifika f'investigazzjonijiet relatati preċedenti (każijiet 1702/2001/GG u 2862/2004/GG), huwa sab li l-Kummissjoni kienet ħbiet il-verità apposta u għalhekk żgwidat lill-NGO. Il-mod li bih hija ttrattat l-applikazzjoni tal-NGO poġġa lill-ilmentatur fi żvantaġġ serju. B'reazzjoni għall-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Ombudsman, il-Kummissjoni ammettiet li hija suppost kellha tittratta l-applikazzjoni b'mod aktar diliġenti. Madankollu, hija ma għamlet ebda apoloġija lill-ilmentatur iżda rrimarkat li l-proċeduri rilevanti komplew jitjiebu. L-Ombudsman ikkonkluda li l-ammissjoni tal-Kummissjoni ma kinitx biżżejjed sabiex jiġi indirizzat it-tħassib serju mqajjem fl-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu. Madankollu, minħabba li l-amministrazzjoni ħażina saret żmien twil ilu u issa kien hemm Ftehim ta' Sħubija ġdid fis-seħħ, huwa għalaq il-każ b'rimarka kritika.

Finalment, fil-każ **1192/2008/BU** kontra l-Parlament Ewropew, l-ilmentatur ma kienx sodisfatt bir-riżultati ta' sejħa għall-offerti biex isiru xogħlijiet ta' rinnovament fl-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-Parlament f'Malta. Huwa kkontesta l-preċiżjoni tal-kriterji tal-evalwazzjoni stabbiliti. L-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina mill-Parlament u kkunsidra li l-ispegazzjonijiet tiegħu kienu raġonevoli. Huwa rrefera għall-ġurisprudenza rilevanti, li skont hi, l-istituzzjonijiet għandhom diskrezzjoni wiesgħa fil-valutazzjoni tal-fatturi li jridu jiġu kkunsidrati għall-finijiet tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratt, u sab li ma kien hemm ebda evidenza li l-istituzzjoni għamlet żball ovvju ta' evalwazzjoni.

It-tieni grupp ta' ilmenti kien jikkonċerna allegazzjoni tal-esklużjoni żbaljata jew inġusta tas-sejħiet għall-offerti jew l-offerti tal-ilmentaturi²⁰. Il-każ **1928/2008/TS** kien jikkonċerna r-rifjut ta' applikazzjoni għal borża ta' studju għal studenti Torok Ċiprijotti. Il-Kummissjoni qablet li l-ispegazzjonijiet tal-kumitat tal-evalwazzjoni setgħu kienu aktar ċari. L-Ombudsman ikkonkluda li d-deċiżjoni tal-kumitat li jeskludi l-applikazzjoni ma kinitx konformi mas-sejħa pertinenti għall-espressjonijiet ta' interess. Madankollu, huwa nnota li l-Kummissjoni kienet taqbel li l-ilmentatur ikun eliġibbli għall-programm tal-borża ta' studju 2009-2010. Il-każ **2576/2008/(AF)GG** kien jikkonċerna l-allegazzjoni tal-esklużjoni żbaljata tas-sejħa għall-offerti tal-ilmentatur minħabba li huwa naqas li jinkludi d-dokument tal-VAT rilevanti. L-Ombudsman eżamina l-applikazzjoni u kkonkluda li l-ilmentatur ma kienx kapaċi jistabbilixxi li huwa ssottometta d-dokument meħtieġ. Ma nstabat l-ebda amministrazzjoni ħażina, iżda l-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri bil-għan li jevita li jergħu jinqalgħu problemi bħal dawn fil-futur.

Fil-każ **3222/2005/IP**, l-ilmentatur allega li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tagħżilx l-offerta tiegħu kienet bla bażi. Il-kumitat tal-evalwazzjoni reġa' kkalkula l-offerta fuq inizjattiva tiegħu stess minħabba li huwa kien fehem b'mod żbaljat li din kien fiha żbalji aritmetiċi. Dawn il-modifiki mhux ġustifikati rriżultaw f'offerta li taqbeż il-baġit massimu ta' EUR 4 miljun b'EUR 21. L-Ombudsman ikkonkluda li, fil-każ inkwistjoni, talba għal kjarifika kienet tipprovdi lill-ilmentatur bl-opportunità li jiċċara l-offerta. In-nuqqas ta' tfittxija ta' dik il-kjarifika rriżulta f'amministrazzjoni ħażina. Il-Kummissjoni rrifjutat il-proposta tal-Ombudsman għal soluzzjoni amikevoli li tipprova tilħaq qbil fuq kumpens adegwat għat-telf tal-opportunità. Wara li l-ilmentatur ħabbar li kien qiegħed jikkunsidra li jieħu l-każ fil-qorti, l-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka kritika.

➡➡➡ Il-każ **1537/2008/(TI)GG** kien jikkonċerna r-rifjut mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) ta' applikazzjoni għal għotja minn assoċjazzjoni ta' ġemellaġġ tal-irħula minħabba li kien hemm dokument importanti nieqes. L-ilmentatur identifika serje ta' żbalji fil-proċeduri u l-prattiċi tal-Aġenzija. B'reazzjoni għall-investigazzjoni tal-Ombudsman, l-Aġenzija għamlet apoloġija lill-ilmentatur u ħabbret li hija kienet ħadet passi sabiex tirrimedja l-problemi identifikati. Hija qablet li terġa' tevalwa l-applikazzjoni, skont il-kriterji ta' aġġudikazzjoni rilevanti. Din

20. Ara wkoll il-każ 1414/2007/IP.

id-darba wkoll, il-proposta ma kkwalikatz għall-għotja. L-Ombudsman spezzjona l-fajl u kkonkluda li ma seta' jinstab ebda żball ovvju fir-rigward tal-evalwazzjoni. Madankollu, huwa għamel rimarka ulterjuri li, fil-futur, l-Aġenzija għandha ttipprovdi aktar informazzjoni dettaljata dwar ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet tagħha lill-applikanti li jikkontestaw il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom. ←←←

Kien hemm żewġ każijiet li offrew opportunità sabiex tiġi ċċarata d-differenza bejn illegalità u amministrazzjoni ħażina: fil-każ **1561/2008/RT**, l-Ombudsman ikkunsidra li l-informazzjoni pprovduta fl-istedina għas-sejħa għall-offerti ma kinitx preċiża u eżawrjenti biżżejjed għal dawk li jittgħu l-offerti li ddeċidew li jwasslu l-offerti tagħhom permezz ta' servizz ta' kurrier (posta privata) jew bl-idejn. L-Ombudsman għamel proposta għal soluzzjoni amikevoli li ġiet irrifjutata mill-Kummissjoni, billi qalet li l-informazzjoni pprovduta kienet konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament Finanzjarju. L-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka kritika, fejn fakkar li t-terminu 'amministrazzjoni ħażina' jikkostitwixxi kunċett usa' minn illegalità. Il-fatt li ġiet adottata deċiżjoni mingħajr ma nkisret il-liġi mhux bilfors ifisser li din kienet adottata f'konformità mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba. Il-każ **271/2009/VL** kien sottomess minn impjegata ta' uffiċċju taċ-Ċentru tal-Konsumatur Ewropew fil-Ġermanja. Il-kuntratt tagħha ma setax jiġġedded fil-ħin minħabba li l-Kummissjoni, li tiffinanzja liċ-Ċentru b'għotja, ma setgħetx tlesti fil-ħin il-proċeduri neċessarji sabiex iġġedded l-għotja. L-Ombudsman qabel li l-Kummissjoni ma kisret ebda obbligu legali. Madankollu, huwa ma kienx konvint li l-Kummissjoni ttrattat l-applikazzjoni għall-għotja malajr daqs kemm setgħet sabiex huwa jikkunsidra li hija aġixxiet skont il-prattika ta' amministrazzjoni tajba. Minħabba li l-Kummissjoni aċċettat li l-applikazzjonijiet għal għotja l-aħjar li jiġu ttrattati qabel l-aħħar tas-sena ta' qabel dik li għaliha tintalab l-għotja, l-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka kritika.

■ Eżekuzzjoni ta' kuntratti

L-Ombudsman jikkunsidra li amministrazzjoni ħażina sseħħ meta korp pubbliku jonqos li jaġixxi skont regola jew prinċipju vinkolanti fuqu. Għaldaqstant tista' tinstab amministrazzjoni ħażina wkoll fir-rigward tal-issodisfar tal-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratti konklużi mill-istituzzjonijiet tal-UE.

Madankollu, l-ambitu tar-reviżjoni li l-Ombudsman jista' jagħmel f'każijiet bħal dawn huwa bilfors limitat. L-Ombudsman huwa tal-opinjoni li ma għandux ifittex li jiddetermina jekk kienx hemm ksur ta' kuntratt minn parti jew oħra, jekk ikun hemm tilwima fuq il-kwistjoni. Din il-kwistjoni tista' tiġi indirizzata b'mod effettiv biss f'qorti ta' ġurisdiżzjoni kompetenti, li jkollha l-possibbiltà li tisma' l-argumenti tal-partijiet rigward il-liġi nazzjonali rilevanti u li tevalwa evidenza konfliġġenti fuq kwalunkwe kwistjoni ta' fatt li jkun hemm tilwima fuqha.

F'każijiet li jikkonċernaw tilwim kuntrattwali, l-Ombudsman iqis li huwa ġġustifikat li jillimita l-investigazzjoni tiegħu għall-eżaminazzjoni ta' jekk l-istituzzjoni, il-korpjew l-organi tal-Unjoni tawhx rendikont koerenti u raġonevoli tal-bażi legali għall-azzjonijiet tagħhom u għaliex jemmnu li l-pożizzjoni li hađu fil-kuntratt hija ġġustifikata. Jekk dan ikun il-każ, l-Ombudsman jikkonkludi li l-investigazzjoni tiegħu ma żvelat l-ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina. Din il-konklużjoni ma taffettwax id-dritt tal-partijiet li jitolbu li t-tilwima kuntrattwali tagħhom tiġi eżaminata u solvuta b'awtorità minn qorti ta' ġurisdiżzjoni kompetenti. Jekk il-partijiet jagħmlu dan, l-Ombudsman jagħlaq l-investigazzjoni tiegħu minnufih mingħajr aktar evalwazzjoni, fid-dawl tad-dispożizzjoni fl-Artikolu 2(7) tal-Istatut tiegħu.

Fuq il-bażi tal-eżaminazzjoni msemmija fuq, fl-2009, l-Ombudsman għalaq bosta investigazzjonijiet bl-ebda sejba ta' amministrazzjoni ħażina jew ikkunsidra li ma kienx ġustifikat li jsiru aktar investigazzjonijiet. Dawn kienu jinkludu tilwim dwar dewmien fil-ħlasijiet tal-bilanċ dovuti għall-ħidma f'ċerti proġetti²¹, in-nuqqas ta' ħlas tal-interessi għal pagamenti tard lil kumpanija²², tilwim fuq spejjeż eliġibbli u/jew ammonti li għandhom jiġu rkuprati jew imħallsa wara azzjonijiet ta' veri-

21. Każijiet 177/2008/RT u 670/2009/(BU)RT kontra l-Kummissjoni Ewropea.

22. Każ 1264/2008/MF kontra l-Parlament Ewropew.

fika tal-kontijiet²³, tilwim fuq nuqqas ta' għoti ta' raġunijiet meta tintalab it-tkeċċija ta' persuni li jaħdmu għal kuntratturi tal-istituzzjonijiet, u l-ksur tad-dritt li persuna tinstema'²⁴.

Kuntrarju għas-snin ta' qabel, l-Ombudsman ma għalaq ebda każ relatat ma' dewmien fil-ħlasijiet. Jidher li, jew il-Kummissjoni qiegħda ttejjeb is-sistema tal-ħlas tagħha jew inkella qiegħda tagħmel sforz biex issolvi l-problemi rilevanti qabel ma l-kuntratturi tagħha jressqu ilmenti lill-Ombudsman. Ta' min jinnota li, fl-2009, l-Ombudsman fetaħ segwitu għall-investigazzjoni preċedenti tiegħu fuq inizjattiva personali (OI/5/2007/GG) dwar ħlas tard mill-Kummissjoni. Din l-investigazzjoni (OI/1/2009/GG) għandha turi jekk fil-fatt kienx sar xi progress.

Problema rikorrenti li ġiet indirizzata mill-Ombudsman f'każijiet kuntrattwali kienet tirrigwardja l-kuntratti partikolari li tuża l-Kummissjoni biex twettaq azzjonijiet jew programmi ffinanzjati mill-UE. Bħala regola, il-Kummissjoni tistabbilixxi relazzjoni kuntrattwali ma' intrapriża jew konsorzju partikolari, li mbagħad timplimenta l-proġett inkwistjoni billi tuża sub-kuntratturi, esperti jew l-impjegati tagħha stess. Uħud minn dawn il-kuntratti u l-programmi ta' qafas rispettivi jagħtu lill-Kummissjoni xi drittijiet fir-rigward tal-impjegati jew l-esperti tal-kuntratturi. Dan l-ambjent kuntrattwali partikolari jista' jagħti lok għal tilwim bejn il-kuntratturi tal-Kummissjoni u l-persunal jew l-esperti tagħhom, li fir-rigward tiegħu l-Ombudsman jikkunsidra li l-Kummissjoni għandha ċertu livell ta' responsabbiltà. Il-każ 2449/2007/VIK kien jikkonċerna t-tkeċċija ta' mexxej ta' tim wara li l-Kummissjoni esprimiet in-nuqqas ta' sodisfazzjon tagħha bix-xogħol li kien għamel. Għalkemm l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina fir-rigward tas-sustanza tal-każ, jiġifieri, ir-raġunijiet ipprovduti mill-Kummissjoni, huwa kkonkluda li, f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċedura, il-Kummissjoni naqset li taġixxi skont il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, meta naqset li tagħti lill-ilmentatur il-possibbiltà li jwieġeb għall-kritika. Il-kontribut tal-Ombudsman għall-konsultazzjoni pubblika rigward ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju jinkludi proposti konkreti sabiex tiġi indirizzata problema ta' dan it-tip²⁵.

L-Ombudsman jixtieq jenfasizza li ħafna mill-każijiet rigward kwistjonijiet kuntrattwali li indirizza fl-2009 ingħalqu u fihom ma nstabt l-ebda amministrazzjoni ħażina. F'każ fejn huwa identifika

L-Ombudsman jixtieq jenfasizza li ħafna mill-każijiet rigward kwistjonijiet kuntrattwali li indirizza fl-2009 ingħalqu u fihom ma nstabt l-ebda amministrazzjoni ħażina.

possibbiltà ta' amministrazzjoni ħażina, il-Kummissjoni għamlet sforz kbir biex taċċetta l-proposta tiegħu għal soluzzjoni amikevoli.



Fil-każ 2119/2007/ELB, il-Kummissjoni kkonkludiet li xi spejjeż tal-persunal mitluba mill-kumpanija kkonċernata ma setgħux jitħallsu minħabba li hija kienet għaddiet xogħol ta'

kuntratt lil ħaddieħor, mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel. Il-Kummissjoni talbet lura l-ammont sħiħ għat-tliet proġetti, li kien jammonta għal kważi EUR 500 000. L-Ombudsman irrimarka li l-Kummissjoni kienet naqset milli twieġeb b'mod ċar għal mistoqsijiet preċiżi li sarulha dwar l-użu ta' sottokuntratturi. Huwa nnota wkoll li x-xogħol tal-ilmentatriċi twettaq b'tali mod li ssodisfa lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni qablet li tikkunsidra l-merti tat-talba tal-kumpanija li tuża s-sottokuntrattar u ddikjarat li, jekk kien ġustifikat u l-ilmentatriċi ssottomettiet prova tal-ispejjeż tagħha għas-sottokuntrattar, hija tista' tikkanċella l-ordni ta' rkupru tagħha. <<<

L-investigazzjonijiet li ġejjin ma żvelaw ebda amministrazzjoni hażina²⁶: fil-każ 2492/2008/VL, l-ilmentatur sostna li r-regoli ta' reklutaġġ tal-Kummissjoni rigward id-dikjarazzjoni tal-esklussività u d-disponibbiltà (SEA), mitluba mingħand l-esperti esterni, kisru d-dritt bażiku tal-esperti għall-impjeg. L-Ombudsman innota li s-SEA llimitat il-possibbiltajiet għall-esperti ewlenin li japplikaw għal pożizzjonijiet oħrajn. Madankollu, minħabba li dawn l-esperti jilagħbu rwol ewlieni fl-aġġudikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' kuntratt, l-għan segwit mill-Kummissjoni kien wieħed leġittimu. Barra minn hekk, l-Ombudsman innota li, wara l-modifikazzjonijiet li saru fis-SEA, l-esperti ewlenin issa għandhom il-possibbiltà li jwettqu d-doveri tagħhom fuq bażi part-time. Għalhekk, huma jistgħu jaħdmu fuq proġetti addizzjonali, diment li dawn l-impenji ulterjuri jkunu kompatibbli mad-doveri tagħhom taħt il-proġett eżistenti. Fil-każ 183/2008/MF, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina

23. Każijiet 2119/2007/ELB, 2781/2007/(BEH)OV, u 1462/2007/DK kontra l-Kummissjoni.

24. Każijiet 226/2007/MHZ, 2449/2007/VIK, 2910/2008/TN, u 582/2008/MF kontra l-Kummissjoni.

25. Din il-kontribuzzjoni hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman.

26. L-istess jista' jingħad għall-każijiet 771/2007/(TN)DK, 834/2007/TN, 870/2007/TN, 1895/2007/ELB, u OI/1/2008/(VIK)JMA, kollha kontra l-Kummissjoni.

fl-imġiba tal-Kummissjoni fir-rigward ta' ilment dwar allegazzjoni ta' ksur tad-dritt tal-awtur ta' kumpanija. Fil-każ **1906/2007/VIK**, ċittadin Amerikan allega li l-proċess ta' evalwazzjoni mwaqqaf mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni ta' proġetti appoġġjati finanzjarjament minn programm tal-UE biex jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja kellu għadd ta' problemi u nuqqasijiet. Wara investigazzjoni bir-reqqa, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina u kkonkluda li ma kienx ġustifikat li jsiru aktar investigazzjonijiet. B'mod partikolari, huwa nnota li, sadanittant, l-OLAF kien eżamina l-allegazzjonijiet tal-ilmentatur dwar frodi u nuqqas ta' tmexxija tajba.

■ Amministrazzjoni u regolamenti tal-persunal

Kull sena l-Ombudsman jirċievi għadd ta' ilmenti li jikkonċernaw l-attivitajiet amministrattivi tal-istituzzjonijiet (52 investigazzjoni jew 16 % tan-numru totali li nqas fl-2009). Dawn l-attivitajiet huma relatati mal-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali u testi rilevanti oħrajn. In-natura ta' dawn il-każijiet tvarja b'mod konsiderevoli u jkun jikkonċernaw kważi lill-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi kollha.

B'sodisfazzjoni, l-Ombudsman jirrikonoxxi li, fil-qasam tal-ilmenti mill-persunal, għadd konsiderevoli ta' każijiet li ġew ittrattati fl-2009 kellhom riżultati pożittivi minħabba l-attitudni proattiva tal-amministrazzjoni²⁷.

B'sodisfazzjoni, l-Ombudsman jirrikonoxxi li, fil-qasam tal-ilmenti mill-persunal, għadd konsiderevoli ta' każijiet li ġew ittrattati fl-2009 kellhom riżultati pożittivi minħabba l-attitudni proattiva tal-amministrazzjoni.

→→→ L-Ombudsman għalaq b'suċċess każ wieħed li kien jikkonċerna individwu li qabel kien aġent li ilmenta miegħu dwar ordnijiet ta' rkupru inġusti ta' flus indebitament imħallsa mill-istituzzjoni. L-approċċ tal-Ombudsman fi kwistjonijiet bħal dawn huwa bbażat fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni

Ewropea²⁸ u fuq kunsiderazzjonijiet ta' ġustizzja u raġonevolezza. Il-fatt li hlaqijiet mhux dovuti jsiru lil uffiċjali jew lil persuni terzi li jkun inqas konxji tar-regoli u r-regolamenti tal-UE ovvjament jilgħab irwol f'dan ir-rigward. Fil-każ **1908/2007/JF** kontra l-Kummissjoni, l-istituzzjoni aċċettat proposta għal soluzzjoni amikevoli li tikkonċerna l-ordni ta' rkupru, billi rrikonoxxiet li r-rimborż ipogħi lill-ilmentatur f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja ħażna. L-Ombudsman feraħ lill-Kummissjoni talli rrinunzjat l-irkupru u talli wriet li tista' tkun sensittiva f'sitwazzjonijiet personali diffiċli. ←←←

Il-Kummissjoni wriet l-istess tip ta' attitudni ta' servizz f'żewġ każijiet oħrajn. Fil-każ **2991/2008/(WP)GG**, l-ilmentatur kien eks-aġent li kien intitolat għal għotja tal-firda. Huwa applika iżda għaxar xhur wara kien għadu ma tħallasx. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li d-dewmien kien responsabbiltà tagħha u qablet li tħallas imgħax minħabba ħlaq tard li kien jammonta għal EUR 6 400. Fil-każ **2248/2009/MF**, l-ilmentatriċi nnotat li l-benefiċċji tal-familja mħallsa lilha kienu baxxi wisq. Meta kkuntattjat lill-Kummissjoni, hija ma rċeviet ebda spjegazzjoni. L-Ombudsman iddeċieda li japplika proċedura mghagħla u kkuntattja lill-Uffiċċju tal-Paymasters (PMO). Il-Kummissjoni wiegħbet b'mod pożittiv u ħlaq is-somma ta' EUR 2 400, li kienet tirrappreżenta l-benefiċċji li kienu għadhom ma tħallsux. Hija pprovdiet ukoll spjegazzjonijiet sħaħ b'reazzjoni għat-talbiet tal-ilmentatriċi għall-informazzjoni.

Kien hemm ukoll istituzzjonijiet oħrajn li wiegħbu b'mod pożittiv ħażna għas-suġġerimenti u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman f'dan il-qasam. Il-Parlament Ewropew qabel li jirrettifika l-kalkolazzjonijiet tal-lif tal-maternità ta' waħda mill-aġenti tiegħu wara li l-Ombudsman fetaħ l-investigazzjoni tiegħu (każ **2123/2008/ELB**). L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA) qablet li tikkoreġi l-klassifikazzjoni ta' wieħed/waħda mill-aġenti tagħha²⁹, wara l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Ombudsman (każ **3567/2006/JF**).

F'diversi każijiet oħrajn, l-Ombudsman ikkonkluda l-investigazzjonijiet tiegħu mingħajr ebda sejba ta' amministrazzjoni ħażina. F'każ kontra l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) dwar alle-

27. Il-Każ 495/2009/ELB rigward it-trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni mill-iskema tal-pensjonijiet tal-Unjoni għal skemi nazzjonali jikkostitwixxi eżempju tajjeb.

28. Każ T-205/01 *Ronsse v il-Kummissjoni* [2002] ECR-SC II-1065.

29. Fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-uffiċjali, ara wkoll il-każ 3199/2007/(WP)(VL)BEH.

gazzjoni ta' deċiżjoni mhux ġustifikata li ma tinfetħx proċedura dixxiplinarja kontra wieħed mill-eks-uffiċjali tiegħu (każ **1016/2008/JMA**), l-Ombudsman ikkunsidra li ma kien hemm ebda bażi biex isiru aktar investigazzjonijiet, iżda għamel rimarka kritika fuq in-nuqqas tal-Kumitat milli jwieġeb għall-korrispondenza tal-ilmentatur. Fil-każ **572/2008/OV**, l-Ombudsman ikkonferma l-pożizzjoni tal-Parlament rigward l-irtirar ta' benefiċċju segretarjali skont ir-Regolamenti l-ġodda dwar il-Persunal. Fil-każ **2791/2007/(BEH)KM**, l-Ombudsman ikkonferma l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-Artikolu 45(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u tar-regoli komuni li jikkonċernaw it-taħriġ fil-lingwa. Fil-każ **1179/2008/JF**, dwar id-data inġusta tas-sensja mogħtija lill-ilmentatur, l-Ombudsman baqa' jsostni l-argument li l-avviż ta' xahar mogħti ma taħx iċ-ċans li jitermina l-kiri tal-appartament tiegħu fil-ħin sabiex jirkupra l-avvanzi diġà mħallsa. L-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri fir-rigward ta' din il-kwistjoni proċedurali. Madankollu, huwa ma talabx ħlas għad-danni minħabba li l-ilmentatur baqa' jgħix fl-appartament sal-aħħar tal-perjodu tal-kiri u fil-fatt ma soffra ebda dannu. L-Ombudsman ikkonferma wkoll l-approċċ tal-Kummissjoni fil-każ **699/2007/(WP)BEH** dwar l-aċċess għal fajl mediku ta' eks-uffiċjal; fil-każ **2518/2008/(NM)GG** dwar diskriminazzjoni tal-età u n-nuqqas ta' trattament b'mod xieraq ta' applikazzjoni għax-xogħol; u fil-każ **2793/2007/WP** dwar ir-rifjut tal-għoti ta' kopertura ta' assigurazzjoni kontra l-mard lil aġent b'kuntratt irtirat.

L-Ombudsman jixtieq jagħmel enfasi wkoll fuq żewġ ilmenti li ġew ippreżentati minn persuni b'diżabilitajiet. Fil-każ **2631/2007/JMA**, impjegat tal-Kummissjoni li jagħmel użu minn siġġu tar-roti allega li l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi aċċess xieraq għall-bini involut fl-ilment. Il-Kummissjoni spjegat li hija kienet tat bidu għal sejħa għall-offerti u li kuntratt ta' qafas kien sejjer jiġi ffirmat fl-ewwel tliet xhur tal-2009, bix-xogħlijiet tal-bini jitlestew sa Settembru 2009. Hija għamlet apoloġija għall-inkonvenjenza kkawżata lill-ilmentatur. L-Ombudsman talab lill-Kummissjoni biex tirrapporta lill-31 ta' Ottubru 2009 dwar ix-xogħlijiet inkwistjoni u li tkompli tinformah dwar il-progress li jkun sar sabiex diversi binjiet tal-Kummissjoni jinġiebu f'konformità mal-proġett li jiġi garantit aċċess xieraq lil persuni b'diżabilità. Il-każ **2350/2007/RT** kontra l-Parlament Ewropew kien jikkonċerna l-allegat nuqqas ta' provvediment ta' apprendistat lill-ilmentatriċi, li għalih kienet applikat, u li jiġi żgurat li hija tiġi ttrattata b'mod xieraq matul l-apprendistat. Il-Parlament ammetta li kien hemm ċerti nuqqasijiet iżda għamel enfasi fuq l-impenn tas-servizzi tiegħu li joffru lill-ilmentatriċi l-istess possibiltajiet ta' taħriġ bħal dawk offriti taħt il-programm ta' apprendistat standard. B'reazzjoni għal abbozz ta' rakkomandazzjoni, il-Parlament reġa' rrifjuta l-allegazzjonijiet tal-ilmentatriċi, iżda offrieha apoloġiji u spjega l-miżuri li kien ħa sabiex jikkoreġi n-nuqqasijiet li ġew identifikati. Filwaqt li l-ilmentatriċi ma aċċettatx l-apoloġiji tal-Parlament, l-Ombudsman ikkunsidra li ma kienx ġustifikat li jsiru aktar investigazzjonijiet, fid-dawl tal-impjenji tal-Parlament għall-futur u l-fatt li għamel apoloġija. Huwa għamel rimarka ulterjuri, fejn fakkar li l-Parlament u l-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-UE għandhom ikunu konxji tal-ħtieġa li tiġi rrispettata d-dinjità tal-persuni b'diżabilità.

Il-każ **01/6/2007/MHZ** dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani fl-istituti xjentifiċi taċ-Ċentri ta' Riċerka Konġunta (JRC) tal-Kummissjoni kien relatat ma' investigazzjoni konġunta preċedenti tal-Ombudsman fuq ilmenti individwali dwar kompetizzjonijiet interni li jwasslu għat-twaqqif ta' aġenti temporanji bħala uffiċjali permanenti. L-għan tal-investigazzjoni kien li tagħti lill-Kummissjoni opportunità biex tispjega l-ġestjoni tagħha tar-riżorsi umani fil-JRC, inkluża s-sitwazzjoni professjonali tal-aġenti temporanji. L-Ombudsman sab li l-preżentazzjoni tal-Kummissjoni tal-politika tagħha dwar ir-riżorsi umani fil-JRC kienet waħda sodisfaċenti. Fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-aġenti temporanji, l-Ombudsman għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni li l-Kummissjoni għandha torganizza kompetizzjonijiet interni. Il-Kummissjoni rrifjutat iżda informat lill-Ombudsman dwar l-inizjattiva usa' tagħha li torganizza kompetizzjonijiet interni fl-EUR-27. Hija spjegat li l-aġenti temporanji jistgħu wkoll jieħdu sehem f'dawn il-kompetizzjonijiet, diment li jikkonformaw mal-kriterji tal-eliġibbiltà. L-Ombudsman ikkunsidra li ma kienx ġustifikat li tittieħed aktar azzjoni u għalhekk għalaq il-każ.

L-Ombudsman jixtieq ukoll jiġbed l-attenzjoni għal xi każijiet fejn ir-rispons negattiv u mhux kooperattiv tal-istituzzjonijiet għas-sejbiet tiegħu kien partikolarment diżappuntanti. Il-każ **344/2007/BEH** kien jikkonċerna n-nuqqas tal-Parlament milli jikkonkludi b'mod xieraq proċedura

ta' valutazzjoni tal-persunal³⁰, l-aktar notevoli fir-rigward tal-punti ta' mertu. Minkejja deċiżjoni mit-Tribunal tas-Servizz Ċivili li tannulla deċiżjoni essenzjalment identika meħuda mill-Parlament fir-rigward tal-2003, il-Parlament naqas milli jerġa' jikkunsidra d-deċiżjoni tiegħu għall-2004. L-Ombudsman ikkunsidra li l-każ ta' amministrazzjoni ħażina li identifika kien diġà ngiebgħall-attenzjoni tal-Parlament permezz tas-sentenza msemmija qabel. Huwa kkonkluda li rapport speċjali lill-Parlament ma jservix għan utli u għalaq l-investigazzjoni tiegħu b'rimarka kritika.

Każ ieħor kien relatat ma' problemi ffaċċjati matul il-proċedura ta' evalwazzjoni tal-persunal, minn uffiċjali li jiċċaqilqu minn istituzzjoni għal oħra. Fil-każ **2007/2008/ELB** l-ilmentatur sostna li l-politika tal-Kummissjoni, li tagħti numru fiss ta' punti ta' mertu lil uffiċjali li jiġu trasferiti minn istituzzjonijiet oħrajn, irrispettivament mill-prestazzjoni tagħhom fl-istituzzjonijiet ta' oriġini tagħhom, kienet tillimita l-mobilità inter-istituzzjonali. Ir-regoli applikabbli tal-Kummissjoni nbidlu qabel ma tlestiet l-investigazzjoni tal-Ombudsman.

Ir-reazzjoni tal-Kummissjoni għall-investigazzjoni tal-Ombudsman kienet partikolarment diżappuntanti fil-każ **01/7/2006/JF**. Dan kien jikkonċerna t-tkeċċija ta' aġenta lokali f'delegazzjoni, li ilmentat mal-Ombudsman dwar it-tkeċċija "inumana u umiljanti" li kienet soġġetta għaliha mill-uffiċċju. Hija sostniet li l-Kummissjoni għandha tagħmel apoloġija. Il-Kummissjoni esprimiet biss id-dispaċir tagħha fuq l-impressjonijiet u s-sentimenti li ħasset il-ilmentatriċi bħala riżultat tal-mod kif tkeċċiet mill-pożizzjoni tagħha, billi insistiet li l-proċeduri segwiti mill-uffiċċju kienu korretti. L-Ombudsman ikkritika lill-istituzzjoni talli ma pprovdiet ebda apoloġija sinċiera, sħiħa u sinjifikanti lill-ilmentatriċi, billi rrimarka li dan kien partikolarment ta' dispaċir, minħabba li kulma kienet qiegħda tistenna l-ilmentatriċi kienet sempliċiment apoloġija.

■ Kompetizzjonijiet u proċeduri tal-għażla

Minn mindu twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO), bosta mill-investigazzjonijiet tal-Ombudsman li jikkonċernaw il-kompetizzjonijiet miftuħa u proċeduri oħrajn tal-għażla bdew jiġu indirizzati kontra dan il-korp. Minħabba l-potenzjal ċar tal-EPSO li jservi bħala punt ta' kuntatt prominenti u privileġġjat ma' numru sinjifikanti ta' ċittadini tal-UE, huwa partikolarment importanti li dan jaderixxi bis-sħiħ ma' kultura ta' servizz lejn iċ-ċittadini u li jopera b'mod trasparenti.

Bosta problemi li ġew osservati fil-kompetizzjonijiet organizzati mill-EPSO ġew solvuti permezz ta' proċeduri mgħaġġla, li wrew l-għemil miftuħ tal-EPSO li jsib soluzzjonijiet rapidi u ġusti għall-

Bosta problemi li ġew osservati fil-kompetizzjonijiet organizzati mill-EPSO ġew solvuti permezz ta' proċeduri mgħaġġla, li wrew l-għemil miftuħ tal-EPSO li jsib soluzzjonijiet rapidi u ġusti għall-problemi. Din hija prova ta' kultura ta' servizz u rieda ġenwina li jinkiseb titjib.

problemi. Din hija prova ta' kultura ta' servizz u rieda ġenwina li jinkiseb titjib. Minn fost il-15-il investigazzjoni mill-bidu sal-aħħar tal-Ombudsman li jinvolvu lill-EPSO, f'sitta minnhom ma nstabt l-ebda amministrazzjoni ħażina, bl-Ombudsman jibqa' jżomm mal-pożizzjoni tal-EPSO. L-Ombudsman sab amministrazzjoni ħażina fi tliet każijiet u għalaq l-investigazzjoni b'rimarka kritika jew bi kritika impliċita. F'sitt każijiet oħrajn fejn l-Ombudsman għamel sejba preliminari ta' amministrazzjoni ħażina, l-EPSO

aċċetta s-suġġerimenti tiegħu li jsolvi l-problema. Dawn il-figuri jikkonfermaw li l-EPSO jiddisponi minn marġini ta' manuvra meta jfittex li jsolvi l-ilmenti minn kandidati mhux sodisfatti. Anki jekk tqum ċerta tensjoni meta tipprowa tirrikonċilja l-ħtieġa li l-bordijiet tal-għażla jkunu ħielsa minn kwalunkwe interferenza jew pressjoni żejda, u l-ħtieġa ugwalment importanti li tiġi żgurata t-trasparenza u r-responsabbiltà fl-attivitajiet tagħhom, dawn iż-żewġ kwistjonijiet jistgħu jiġu indirizzati b'mod adegwat permezz ta' approċċi tal-EPSO bbażati fuq kultura ta' servizz u ta' ġustizzja. L-Ombudsman huwa mħeġġeġ mir-riżultati tal-kooperazzjoni tiegħu mal-EPSO u għandu l-ħsieb li jintensifika din il-kooperazzjoni miegħu, bil-għan li jkompli jiġu inkorporati r-riżultati pożittivi miksuba sa issa. Ħafna mill-eżempji li ġejjin juru l-attitudni pożittiva tal-EPSO.

30. Ukoll fuq kwistjonijiet relatati mal-valutazzjoni tal-persunal, ara l-każ 3004/2007/BEH.

Ingħalqu sitt każijiet li fihom ma nstabet l-ebda amministrazzjoni ħażina, inkluż il-każ **1245/2007/JF** li jikkonċerna l-formola ta' reġistrazzjoni online tal-EPSo u t-tweġibiet mogħtija fuq is-sit elettroniku tiegħu. Tliet każijiet oħrajn kienu jikkonċernaw deċiżjonijiet li ttieħdu minn bordijiet tal-għażla li rrifjutaw l-applikazzjonijiet minħabba kwalifiki akkadeimiċi mhux suffiċjenti (diplomi jew esperjenza professjonali) meħtieġa sabiex jingħata aċċess għal ċerta kompetizzjoni. Fil-każijiet **1569/2007/IP**, **2965/2008/(VL)BEH**, u **2116/2007/IP**, l-Ombudsman irrefera għad-diskrezzjoni wiesgħa li jgawdu l-bordijiet tal-għażla meta jevalwaw il-kwalifiki tal-applikanti u għall-ambitu tal-analiżi tal-Ombudsman, li huwa limitat għall-eżaminazzjoni ta' jekk l-evalwazzjoni tal-bord kinitx imtappna minn żball ovvjw.

Il-każ **1943/2008/BB** kien jinvolvi allegazzjonijiet ta' inġustizzja u diskriminazzjoni fl-arranġamenti tat-testijiet għal kandidat li qagħad għall-eżamijiet f'Malta. L-Ombudsman sab li l-EPSo kien jikkonforma għal kollox mal-formulazzjoni tal-avviż tal-kompetizzjoni u ġġustifika l-politika tiegħu fuq il-bażi tal-effettività tan-nefqa u l-proporzjonalità. Madankollu, huwa għamel rimarka ulterjuri li l-EPSo għandu jwassal politika ċara lill-kandidati fl-avviżi futuri tal-kompetizzjoni. Il-każ **3035/2008/(MHZ)RT** kien jikkonċerna wkoll allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, din id-darba fuq il-bażi tal-lingwa. L-ilmentatur sostna li l-kandidati li l-lingwa materna tagħhom hija l-Ingliš, il-Franċiż jew il-Ġermaniż għandhom vantaġġ fl-eżamijiet tad-dħul. L-Ombudsman qabel mal-EPSo li l-kandidati għandhom juru għarfien tal-lingwa ewlenija u tal-lingwa sekondarja tagħhom matul il-proċedura. Barra minn hekk, huwa sab li t-terminu 'lingwa ewlenija' tikkorrespondi aħjar mar-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-Persunal mit-terminu 'lingwa materna'.

Kif imsemmi hawn fuq, l-EPSo wera trasparenza kbira fit-trattament tas-sejbiet ta' amministrazzjoni ħażina mill-Ombudsman u ġenwinament ipprova jsib soluzzjonijiet. F'dan l-ispirtu, huwa kien għalhekk kapaċi jissettilja jew jaċċetta kompletament jew parzjalment il-proposti għal soluzzjonijiet amikevoli fis-sitt każijiet li ġejjin. Il-każijiet **2893/2008/WP** u **3024/2008/DK** kienu jikkonċernaw in-nuqqas ta' ammissjoni tal-kandidati għall-eżamijiet tal-kitba ta' kompetizzjoni għat-tobba. Wara t-tentattivi mingħajr suċċess tal-ilmentaturi li jsolvu l-kwistjoni mal-bordijiet tal-għażla, il-kandidati rrikorrew għall-għajnuna tal-Ombudsman. Fiż-żewġ każijiet, l-EPSo informa lill-Ombudsman li l-bordijiet tal-għażla kienu ppermettew lill-kandidati jieħdu sehem fil-kompetizzjoni. Il-każ **1135/2006/(GK)(ID)MF** kien jikkonċerna tilwima dwar il-preċiżjoni tal-korrezzjonijiet magħmula mill-bord u l-evalwaturi tiegħu fi traduzzjoni mill-Grieg għat-Taljan. L-ilmentatur allega li t-test oriġinali bil-Grieg kien ta' kwalità ħażina u kien fih l-iżbalji. Huwa kompla jallega li l-membri tal-bord ma kinux jikkellmu bil-Grieg u li l-bord ma għamilx użu minn evalwatur indipendenti. L-Ombudsman talab lill-EPSo biex jipprovi t-tielet korrezzjoni tal-karta tal-eżami tal-ilmentatur minn evalwatur ġdid. L-EPSo aċċetta l-proposta tal-Ombudsman.

→→→ Il-każ **2346/2007/JMA** kien jikkonċerna r-rifjut tal-EPSo milli jinforma lill-kandidati magħżula dwar il-marki tagħhom f'eżamijiet differenti (ara taħt "Il-Protezzjoni tad-Dejta" hawn fuq). Wara li kkonsulta lill-Bord ta' Tmexxija tiegħu, l-EPSo ddeċieda li jbidel il-politika tiegħu u li jagħti ċ-ċans lill-kandidati kollha jkollhom aċċess għall-marki tagħhom. ←←←

Fil-każ **397/2009/CK**, l-EPSo għamel apoloġija lill-ilmentatur għal dewmien fil-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar magħmula waqt il-parteċipazzjoni f'kompetizzjoni u impenja ruħu li jirrevedi l-proċeduri attwali biex isiru dawn ir-rimborżi. L-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri, fejn stieden lill-EPSo biex iżommu informat dwar l-eżitu tar-reviżjoni ta' tali proċeduri. Fil-każ **1566/2007/DK**, l-EPSo aċċetta s-suġġeriment tal-Ombudsman li huwa għandu jispjega lill-ilmentatur ir-raġuni għall-problemi tekniċi li ltaqa' magħhom meta qagħad għall-eżamijiet ta' qabel l-għażla u li jagħtih iċ-ċans jerġa' jagħmel l-eżamijiet. L-EPSo aċċetta l-proposta għal soluzzjoni amikevoli, iżda sussegwentement, l-ilmentatur iddeċieda li ma kienx għadu interessat li jerġa' jagħmel l-eżamijiet.

L-Ombudsman esprima kritika fir-rigward tal-prattiki tal-EPSo fi tliet każijiet biss. L-ewwel wieħed (każ **1303/2007/(WP)(BEH)KM**) kien jikkonċerna l-allegazzjoni tan-nuqqas ta' skedar ta' intervista qabel id-data li fiha l-kandidata kienet mistennija twelled. Għalkemm ma setgħetx tinstab soluzzjoni kompletament sodisfaċenti, l-Ombudsman irrikonoxxa r-rieda tal-EPSo li jindirizza l-problema ġenerali. It-tieni każ kien relatat mal-investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess li nbdiel fl-2007 u għalqet fl-2009 (**01/4/2007/(ID)MHZ**). Dan kien jikkonċerna l-aċċess minn kandidati li ma għaddewx minn eżamijiet ibbażati fuq il-kompjuter (CBT) għall-mistoqsijiet u t-tweġibiet li taw. Wara li rċieva numru sostanzjali

ta' ilmenti individwali dwar din il-prattika u wara li kkonkluda li dan kien jikkostitwixxi każ ta' ammin-istrazzjoni hażina³¹, l-Ombudsman beda l-investigazzjoni tiegħu. Sussegwentement, ġew sottomessi ħafna ilmenti oħrajn dwar dan is-suġġett³². L-Ombudsman ma qabilx mal-argumenti tal-EPSo rigward id-diffikultajiet amministrattivi u finanzjarji li x'aktarx jitfaċċaw jekk il-kandidati jingħataw aċċess bħal dan. Huwa qal li l-prinċipju tat-trasparenza, kif ukoll il-progress li għamlu l-istituzzjonijiet f'dan ir-rigward, ma jistgħux jiġu ssuperati minn dawn id-diffikultajiet. L-EPSo invoka wkoll ir-regoli dwar l-aċċess għad-dokumenti u l-ġurisprudenza rilevanti li tikkonċerna s-segretezza tal-ħidma tal-bord-ijiet tal-għażla u l-prinċipju tat-trattament ugwali tal-kandidati. Billi rrefera għal numru ta' każijiet pendenti quddiem il-qrati, li jikkontestaw ir-rifjut tal-EPSo, l-Ombudsman ħass li t-tkomplija tal-investigazzjoni preżenti ma kinitx ġustifikata. Filwaqt li kien qiegħed jistenna d-deċizzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-iżvelar tal-mistoqsijiet ta' CBT, l-Ombudsman fakkar fir-rimarki kritiċi li huwa ħareġ fl-investigazzjonijiet preċedenti tiegħu fuq ilmenti individwali. L-Ombudsman ħareġ ukoll rimarka kritika fil-każ **99/2008/VIK** dwar il-kontenut żbaljat ta' kwistjoni ta' raġunament verbali. Huwa sostna li l-formulazzjoni tat-tweġiba li l-EPSo kkunsidra bħala korretta ma kinitx 'lil hinn mid-dubju u li kienet tikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina.

Anki jekk il-maġġoranza tal-ilmenti dwar ir-reklutaġġ jiġu indirizzati kontra l-EPSo, xi kultant l-Ombudsman jirċievi ilmenti kontra istituzzjonijiet oħrajn, b'mod partikolari aġenziji li għadhom kif twaqqfu u li għadhom fil-proċess li jikkonsolidaw il-proċeduri ta' reklutaġġ tagħhom. L-Ombudsman jixtieq jagħmel enfasi fuq l-approċċ ġeneralment pożittiv tal-aġenziji lejn l-investigazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

➡➡➡ Dan reġa' kien esperjenzat fil-każ **2003/2008/TS** kontra l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA), li kien jikkonċerna l-allegazzjoni tan-nuqqas ta' rispons adegwat għal talbiet ripetuti f'dak li għandu x'jaqsam ma' applikazzjonijiet għax-xogħol. Wara l-investigazzjoni tal-Ombudsman, ERCEA ddeċidiet li tikkunsidra applikazzjonijiet minn kandidati li kellhom l-istess profil bħall-ilmentatur. L-ERCEA stiednet ukoll lill-ilmentatur għal intervista. Barra minn hekk, hija rrikonoxxiet li, fid-deċizzjoni inizjali tagħha li teskludi lill-kandidat, hija naqset milli tipprovdilu informazzjoni ċara u li tintfiehmed dwar mezzi possibbli ta' riparazzjoni. Hija żgurat lill-Ombudsman li l-applikanti se jridu jirċievu informazzjoni adegwata fil-futur. ⬅⬅⬅

➡➡➡ L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni għamlet apoloġija u tat spjegazzjonijiet addizzjonali lil kandidat li ma ntgħażilx għal pożizzjoni. Hija semmiet ukoll l-impenn tagħha li tidentifika miżuri addizzjonali fi ħdan is-servizzi tagħha li huma mfassla biex itejbu l-għarfien tal-uffiċjali tagħha dwar l-istandards amministrattivi applikabbli (każ **1562/2008/BB**). ⬅⬅⬅

Saru żewġ investigazzjonijiet fir-rigward ta' ilmenti kontra l-Kunsill tal-UE (każijiet **296/2008/RT** u **945/2008/(DK)RT**) dwar allegazzjoni ta' rifjut żbaljat ta' applikazzjonijiet għal kompetizzjonijiet miftuħa u dwar dewmien inġust sabiex ingħatat tweġiba għal talba għal reviżjoni. Il-problema fiż-żewġ ilmenti kienet tikkonċerna l-valur, u l-ekwivalenza, ta' ċerta diploma Franċiża. L-Ombudsman ikkunsidra li l-bord tal-għażla, li kien ikkuntattja lir-Rappreżentanza Permanenti Franċiża għall-UE u kkonferma l-livell tad-diploma inkwistjoni, ma marx 'lil hinn mill-marġini ta' diskrezzjoni tiegħu meta evalwa jekk l-ilmentatur issodisfax il-kundizzjonijiet għall-ammissjoni. Huwa kkunsidra wkoll li ma kienx ġustifikat li jsiru aktar investigazzjonijiet fir-rigward tal-allegazzjoni ta' dewmien fl-għoti ta' tweġiba lill-ilmentatur.

L-Ombudsman għalaq tliet investigazzjonijiet dwar ilmenti kontra l-Parlament Ewropew. Fil-każ **502/2008/VIK**, l-ilmentatur allega li kien hemm ksur tar-regoli interni tal-istituzzjoni fi proċedura ta' reklutaġġ. L-Ombudsman ikkunsidra li l-Parlament kien aġixxa b'mod korrett. Il-każ **3348/2008/GG** kien jikkonċerna l-allegat nuqqas milli tiġi pprovduta informazzjoni formali u f'waqtha dwar deċizzjoni ta' reklutaġġ. F'dan il-każ ukoll, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina. Finalment, il-każ **2909/2007/JMA** kien jikkonċerna r-rifjut tal-Parlament milli jaċċetta applikazzjonijiet li tniżżlu minn fuq l-internet jew li ġew ippreżentati fuq fotokopji tal-formola tal-applikazzjoni, li kienet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali. L-Ombudsman ma aċċettax l-argument tal-Parlament

31. Każ 370/2007/MHZ.

32. Każijiet 3492/2006/(WP)BEH, 1312/2007/IP, 7/2007/PB, u 801/2007/ELB.

li l-bżonn tal-iċċekkjar tal-fotokopji jew tal-formoli mniżżla bl-internet jimplika ammont kbir ta' xogħol għas-servizzi tiegħu. Huwa laqa' b'merħba l-prattiċi aktar flessibbli mħabbra mill-Parlament f'dan ir-rigward, billi enfażizza li fil-fatt, fil-passat, il-Parlament kien aktar flessibbli f'dan ir-rigward, u indika l-flessibilità murija minn EPSO fil-kompetizzjonijiet li jorganizza.

L-Ombudsman għalaq ukoll żewġ każijiet dwar l-għażla tal-persunal li kienu jikkonċernaw lill-Kummissjoni. Il-każ **2851/2008/TN** kien jikkonċerna t-trattament ħażin ta' talba għal rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar ta' kandidat. L-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarki kritiċi minħabba li l-Kummissjoni naqset milli tispjega kif xieraq id-dewmien tagħha ta' ħafna xhur biex tħallas dawn l-ispejjeż. Huwa għamel ukoll rimarka ulterjuri fejn issuġġerixxa li l-Kummissjoni tiċċara lill-kandidati x'tip ta' dokumenti ta' appoġġ huma meħtieġa għar-rimborż. Il-każ **224/2005/ELB** kien sottomess minn kandidat li ma għaddiex mit-testijiet tal-għażla organizzati mill-Kummissjoni. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fir-rigward ta' żewġ kandidati oħrajn fl-istess proċedura tal-għażla, li t-testijiet orali kienu difettużi. L-ilmentatriċi li ressqet l-ilment tagħha lill-Ombudsman sostniet li l-Kummissjoni għandha tittratta l-każ tagħha b'mod konsistenti mad-deċiżjoni rilevanti tal-Qorti. L-Ombudsman ippropona li l-Kummissjoni għandha tikkumpensa lill-ilmentatriċi għat-telf tal-opportunità. Il-Kummissjoni baqgħet issostni b'mod konsistenti li l-uniku effett tal-każijiet tal-Qorti fir-rigward taż-żewġ kandidati l-oħrajn kien li ġew aboliti d-deċiżjonijiet individwali li jikkonċernaw lilhom. Wara li saru aktar kuntatti mill-Ombudsman, il-Kummissjoni spjegat li l-ilmentatriċi kienet diġà ngħatat kumpens talli tilfet l-opportunità li tiġi rreklutata mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' proċedura ta' għażla oħra. Għaldaqstant, hija ma setgħetx tikkumpensaha darbtejn għall-istess telf ta' opportunità. Filwaqt li l-Ombudsman qabel, huwa rrimarka li l-Kummissjoni kien imissha tat apoloġija lill-ilmentatriċi għall-iżbalji li wettqet, u missha spjegatilha, fid-dettall, għaliex hija kkunsidrat li, fil-każ speċifiku tagħha, ma setax ikun ġustifikat li tagħtiha kumpens addizzjonali. Huwa għalaq il-każ b'rimarka kritika.

■ Kwistjonijiet istituzzjonali, politiċi u oħrajn

Dan it-titolu li fadal ikopri firxa ta' ilmenti magħmula kontra l-istituzzjonijiet rigward l-attivitajiet tagħhom ta' tfassil tal-politika u l-funzjoni ġenerali tagħhom. Il-każijiet magħluqa sejrjn jiġu

Dan it-titolu li fadal ikopri firxa ta' ilmenti magħmula kontra l-istituzzjonijiet rigward l-attivitajiet tagħhom ta' tfassil tal-politika u l-funzjoni ġenerali tagħhom.

ppreżentati f'erba' kategoriji. L-ewwel tlieta jikkonċernaw l-attivitajiet tal-Kummissjoni rigward (i) l-irwol tagħha bħala inizjatur tal-leġiżlazzjoni, (ii) il-qasam tal-liġi tal-kompetizzjoni, u (iii) l-attivitajiet amministrattivi tagħha. Ir-raba' kategorija tiddeskrivi każijiet li jikkonċernaw istituzzjonijiet, korpi jew organi oħrajn.

Il-każ **1102/2008/(SL)OV** kien jikkonċerna allegazzjoni ta' nuqqas ta' tiswija ta' żball amministrattiv li kien hemm fir-Regolament. L-ilmentatriċi kienet kumpanija Belġjana li tesporta ċerta kategorija ta' skart. Hija pprotestat kontra żball li sar fir-Regolament (KE) 1013/2006 li kien jipprevjeni b'mod żbaljat l-esportazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' skart lejn il-Malażja. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet l-iżball iżda damet ħafna biex sewwietu. Hija għamlet apoloġija għall-iżball u d-dewmien u wegħdet li tfittex modi aktar adattati u ħfief biex tikkoreġi dawn l-iżbalji amministrattivi fil-futur. Il-każ **3594/2006/PB** kien jikkonċerna allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina fir-reazzjoni tal-Kummissjoni għal korrispondenza rigward l-allegati nuqqasijiet tekniċi fil-valvi li jitpoġġew fis-suq tal-UE/ŻEE minn kumpanija f'pajjiż terz li timmanifattura l-valvi. L-Ombudsman – li għal raġunijiet ovvjati mhuwiex f'pożizzjoni li jevalwa s-sejbiet tekniċi f'tali każijiet – sab li l-Kummissjoni setgħet wiegħbet lill-ilmentatur aħjar fir-rigward tar-riżultati tal-eżamijiet li kien issottomettielha. Huwa hegħge lill-Kummissjoni biex tinforma lill-ilmentatur għaliex, kif kien jidher li huwa l-każ, hija qieset li r-riżultati tal-eżamijiet ma kinux rilevanti. L-Ombudsman sab li t-tweġiba sussegwenti tal-Kummissjoni indirizzat dawn il-kwistjonijiet b'mod adegwat. Il-każ **1289/2008/MHZ** kien jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' sustanzi tan-nikil u l-kuntatti mal-industrija f'dan ir-rigward. Matul l-investigazzjoni tal-Ombudsman, uħud mill-membri tal-ilmentatur ressqu azzjonijiet quddiem il-qorti Ingliżi u Ewropej dwar il-klassifikazzjoni tal-Kummissjoni tas-sustanzi tan-nikil u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tagħha. Konsegwentement, skont l-Artikolu 195 KE (issa l-Artikolu 228 TFEU) u l-Artikolu 2(7) tal-Istatut tiegħu, l-Ombudsman ippreżenta r-riżultat tal-

investigazzjonijiet tiegħu. Fir-rigward tal-‘aspetti proċedurali’ tal-każ, l-Ombudsman sab li l-Kummissjoni pprovdiet spjegazzjonijiet sodisfaċenti għall-aspetti kollha, għajr fi kwistjoni li hija relatata mad-distribuzzjoni ta’ dokument fdat lilha mill-ilmentatur, mingħajr l-awtorizzazzjoni ta’ dan tal-aħħar. L-Ombudsman sab li l-Kummissjoni aġixxiet b’mod inġust meta għamlet dan u għamel rimarka kritika. Il-każ **406/2008/(WP)VIK** kien jikkonċerna l-allegat nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni milli tikkonsulta lis-soċjetà ċivili u li tirrispetta l-iskadenza għall-pubblikazzjoni tal-ħames rapport tagħha dwar iċ-ċittadinanza Ewropea. L-Ombudsman innota li l-Kummissjoni ma kinitx taħt obbligu legali li tikkonsulta lis-soċjetà ċivili qabel tippubblika r-rapporti tagħha dwar iċ-ċittadinanza Ewropea. Madankollu, huwa rrimarka li l-konsultazzjoni mal-partijiet interessati qabel il-pubblikazzjoni tar-rapporti hija ċertament Prattika Amministrattiva Tajba. Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni impenjat ruħha li twettaq konsultazzjonijiet bħal dawn fil-futur. Il-każ **97/2008/(BEH)JF** kien jikkonċerna allegazzjonijiet li l-ħidma tal-komitat tal-komitoloġija ma twettqitx kif suppost mill-Kummissjoni. L-Ombudsman ikkonkluda li l-evidenza disponibbli għalih kienet biżżejjed sabiex juri li l-laqgħat rilevanti tal-komitat kienu saru skont ir-regoli proċedurali applikabbli u skont il-prinċipji ġenerali ta’ amministrazzjoni tajba. Madankollu, huwa rrimarka li, jekk l-ilmentatriċi xtaqet tissuġġerixxi bidliet fis-sistema tal-komitoloġija, hija tista’ tikkunsidra li tippreżenta petizzjoni lill-Parlament Ewropew. Il-każ **1520/2008/RT** kien jikkonċerna l-allegat nuqqas tal-Kummissjoni milli tirrispetta r-Regolament dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni tas-Sustanzi Kimiċi (ir-Regolament REACH), u l-allegazzjoni tal-użu ħażin tal-fondi tal-UE. Il-ilmentatur ikkuntattja lill-Kummissjoni f’isem 140 assoċjazzjoni Ewropea oħra li huma attivi fil-qasam tal-protezzjoni tal-annimali. Huwa talabha sabiex tipprojbixxi l-esperimenti fuq l-annimali u, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament REACH, sabiex tintroduċi metodi ta’ ttestjar alternattivi. Skont il-Kummissjoni, il-metodi l-ġodda proposti mill-ilmentatur għadhom ma waslux fi stadju fejn ikunu jistgħu jintużaw għal għanijiet regolatorji skont ir-Regolament REACH. Wara analiżi bir-reqqa tad-dokumentazzjoni sottomessa miż-żewġ partijiet, l-Ombudsman ikkunsidra li l-ilmentatur naqas milli juri li s-sejbiet tal-Kummissjoni relatati ma’ daww il-metodi ġodda ma kinux ibbażati fuq pariri xjentifiċi eċċellenti u indipendenti jew li kienu mħassrin minħabba żball ovvju ta’ valutazzjoni. Għaldaqstant, huwa ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina.

L-Ombudsman ittratta diversi każijiet relatati mal-attivitajiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-liġi tal-kompetizzjoni. Il-każ **2015/2008/GG** kien jikkonċerna deċiżjoni allegatament żbaljata li ma jinfetħux proċeduri wara ilment ta’ kompetizzjoni dwar prattiċi anti-kompetittivi minn produttori tal-briks Olandiżi. L-Ombudsman sab li l-Kummissjoni kienet aġixxiet fi ħdan il-limiti tad-diskrezzjoni tagħha meta ddeċidiet li ma tkomplx bl-investigazzjoni tagħha. Huwa eżamina l-allegazzjonijiet imqajma mill-ilmentatur u ma sabx biżżejjed evidenza li tappoġġjahom. Huwa lanqas ma sab xi żball ovvju ta’ apprezzament. Il-każ **1142/2008/(BEH)KM** kien jikkonċerna wkoll allegazzjoni ta’ deċiżjoni żbaljata li ma jinfetħux proċeduri ta’ kompetizzjoni kontra żewġ kumpaniji. Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni essenzjalment sostniet li (i) l-imġiba tal-kumpanija ta’ utilità pubblika kkonċernata ma kellu ebda effett fuq il-kummerċ transkonfinali, u (ii) fir-rigward tal-imġiba tal-kumpanija l-oħra, il-Kummissjoni kellha setgħa diskrezzjonali li tagħti prijorità lil għażliet oħrajn ta’ ħidma lejn żieda fil-kompetizzjoni fis-suq tal-enerġija nazzjonali kkonċernat aktar minn daww proposti mill-ilmentatur. L-Ombudsman ikkunsidra li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-imġiba tal-kumpanija ta’ utilità pubblika kienet korretta. Huwa sab ukoll li l-Kummissjoni kellha raġun meta sostniet li hija kellha diskrezzjoni dwar jekk kellhiex tibda jew le proċeduri fuq il-bażi ta’ ilment relatat mal-kompetizzjoni. Huwa kkonkluda li l-Kummissjoni aġixxiet fi ħdan il-limiti tad-diskrezzjoni tagħha meta ddeċidiet li ma tiftaħx investigazzjoni kontra l-kumpanija l-oħra.

Il-każ **2967/2008/FOR** ittratta allegazzjoni ta’ żvelar mhux xieraq ta’ informazzjoni sensittiva ħażna matul investigazzjoni ta’ għajnnuna allegatament illegali mogħtija mill-Istat lil kumpanija fil-kuntest ta’ ftehim dwar tariffi ajruportwali bejn il-kumpanija u l-operatur ikkontrollat mill-Istat ta’ ajruport. L-Ombudsman sab li l-Kummissjoni ppubblikat, fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, dettalji preċiżi ta’ ċerti skontijiet mogħtija lill-kumpanija mill-ajruport, minkejja li kienet għamlet impenn ċar bil-miktub lill-awtoritajiet nazzjonali li ma tagħmilx dan. Huwa sab li l-iżvelar tal-informazzjoni kien żball u li dan ikkostitwixxa amministrazzjoni ħażina. Minħabba li, qabel il-ftuħ tal-investigazzjoni tal-Ombudsman, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li hija kienet għamlet żball, u għamlet apoloġija, l-Ombudsman ma kkun-

sidrax li kien neċessarju li jagħmel rimarka kritika. Huwa laqa' l-miżuri l-ġodda meħuda mill-Kummissjoni bil-għan li jiġi żgurat li dawn it-tipi ta' żbalji ma jerġgħux iseħħu. Fil-każ **1342/2007/FOR** (ara wkoll it-taqsim 3.3), il-Kummissjoni reġgħet kienet akkużata li żvelat b'mod mhux xieraq informazzjoni sensittiva ħafna fil-kuntest ta' proċeduri ta' inkorporazzjoni. L-Ombudsman sab li fil-fatt kien hemm ksur serju tal-kunfidenzjalità. Madankollu, huwa nnota li ma jistax jiġi preżunt li l-Kummissjoni kienet is-sors tal-ħruġ tal-informazzjoni, minħabba li, fiż-żmien rilevanti, iż-żewġ kumpaniji involuti u d-Dipartiment nazzjonali tat-Trasport kellhom huma wkoll kopji tad-dokument rilevanti. Barra minn hekk, l-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni, fil-limiti tal-poteri tagħha, investigat l-allegazzjoni tal-ilmentatur li l-kumpanija l-oħra kienet is-sors tal-ġhoti tal-informazzjoni lill-istampa. Għaldaqstant, huwa sab li ma kien hemm l-ebda amministrazzjoni ħażina fir-rigward ta' dan l-aspett tal-allegazzjoni. Madankollu, l-Ombudsman osserva li d-Dikjarazzjoni tal-Kunfidenzjalità li ntużat mill-Kummissjoni ma kinitx adegwata għal kollox u huwa għamel rimarka kritika f'dan ir-rigward. Huwa faħħar il-fatt li l-Kummissjoni sussegwentement emendat id-Dikjarazzjoni tal-Kunfidenzjalità tagħha, bil-għan li tikkoreġi dan l-iżball. Il-każ **1935/2008/FOR** kien jikkonċerna allegazzjoni ta' żbalji proċedurali f'każ ta' kompetizzjoni (ara wkoll it-taqsim 3.3). L-ilmentatur saħaq li l-Kummissjoni naqset milli tieħu l-minuti ta' laqgħa, anki jekk il-laqgħa kienet tikkonċerna direttament is-suġġett tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni kontra l-fiduċja. L-Ombudsman sab li l-laqgħa ma kinitx tikkonċerna s-suġġett tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni u li l-Kummissjoni ma ħaditx nota xierqa ta' dik il-laqgħa. L-Ombudsman ikkonkluda li dan ikkostitwixxa amministrazzjoni ħażina. Huwa ma sab ebda amministrazzjoni ħażina fir-rigward tat-tieni allegazzjoni tal-ilmentatur, li kienet tgħid li l-Kummissjoni ħeġġet li jintlaħaq ftehim dwar skambju ta' informazzjoni li, fil-fehma tal-ilmentatur, ta aċċess inadegwat għal informazzjoni li tinsab fil-fajl tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni. Madankollu, l-Ombudsman sab li l-Kummissjoni naqset milli tieħu nota xierqa ta' telefonata li fiha ġie diskuss il-ftehim dwar l-iskambju tal-informazzjoni. Għaldaqstant, f'rimarka ulterjuri, huwa rrakkomanda li, fil-futur, għandhom jittieħdu noti xierqa ta' kwalunkwe laqgħat jew telefonati ma' partijiet terzi li jikkonċernaw kwistjonijiet proċedurali importanti.

Fil-każ **1341/2008/MHZ**, dwar l-aċċettazzjoni ta' rigali u ospitalità minn impjegati taċ-ċivil, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li kien ikun aħjar kieku ż-żewġ uffiċjali ta' grad għoli, li ttrattaw każijiet kontra d-dumping, ma tħallewx jaċċettaw biljetti VIP tar-rugby mingħand fornitur tal-ħwejjeġ sportivi. NGO allegat li dan seta' jirriżulta f'konflitt ta' interess.

Każijiet oħrajn li jinvolvu lill-Kummissjoni kienu jikkonċernaw il-*blacklisting* ta' NGO³³, il-provista ta' ikel veġetarjan fis-servizz tal-kantin ta' skola Ewropea³⁴, u l-allegazzjoni tal-għeluq żbaljat ta' Database Ewropea³⁵. L-użu ta' alfabetti differenti fil-pubblikazzjonijiet prodotti mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE³⁶ kien eżaminat ukoll mill-Ombudsman fl-2009.

L-Ombudsman ittratta wkoll il-każ **107/2009/(JD)OV** kontra l-Kunsill tal-UE dwar l-allegat nuqqas ta' ġhoti ta' informazzjoni liċ-ċittadini dwar rekwiżiti ġodda tal-viża għad-dħul fl-Iżvizzera. Minħabba li l-ewwel allegazzjoni tal-ilmentatur staqsiet fil-fatt jekk id-data magħżula fid-deċiżjoni tal-Kunsill kinitx xierqa jew le, l-Ombudsman qabel mal-Kunsill li l-allegazzjoni kienet tikkonċerna l-merti tad-deċiżjoni u għalhekk ma kinitx taqa' taħt il-mandat tiegħu. Fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' ġhoti ta' informazzjoni adegwata lin-nies, l-Ombudsman ikkunsidra li huwa jeħtieġu jeżamina biss jekk il-Kunsill innifsu kellux dover li jipprovdi informazzjoni jekk l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Żvizzeri u Brittaniċi kienet insuffiċjenti. Kien jidher li l-awtoritajiet Żvizzeri għamlu biżżejjed informazzjoni disponibbli għal-linji tal-ajru kkonċernati. Għalhekk, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina.

Il-każ **244/2006/JMA** kontra l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) kien jikkonċerna r-reviżjoni tal-Bank tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali (EIA) tal-proġett tal-ferroviji ta' veloċità għolja li jgħaqqad lil Madrid mal-fruntiera Franċiża permezz ta' Barċellona. Wara analiżi dettaljata tad-dokument tal-EIA, il-BEI kkonkluda li din il-valutazzjoni twettqet b'mod korrett. Il-fatt li ġew ikkunsidrati rotot alternattivi mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli kien jiffirma parti minn din il-valutazzjoni. Wara li spezzjona l-fajl, l-Ombudsman ma sab l-ebda dokument li ddokumenta

33. Każ OI/3/2007/GG.

34. Każ 2530/2008/TS.

35. Każijiet 814/2008/IP, 277/2008/(IG)IP u 472/2008/IP.

36. Każ 2060/2008/VIK.

dik ir-reviżjoni. Huwa għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni. Fir-risposta tiegħu, il-BEI osserva li huwa kien ta' struzzjonijiet lis-servizzi tiegħu biex jipproduċu nota għall-fajl li tistabbilixxi l-istatus attwali tal-proġett. L-Ombudsman ikkonkluda li n-nota għall-fajl kienet tirreferi b'mod speċifiku għal "analiżi ta' alternattivi". Fil-fehma tiegħu, din id-dikjarazzjoni kkonfermat espressament li l-BEI kien ivverifika li l-EIA ħadet f'kunsiderazzjoni għażliet alternattivi. Madankollu, hija ma ddikjaratx espliċitament li l-BEI kien ivverifika li ngħataw raġunijiet fl-EIA għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali. Billi l-BEI kien għad għandu l-għażla li jikkonferma b'mod espliċitu, qabel il-ħruġ tal-flus, li fil-fatt kienu ngħataw raġunijiet fl-EIA għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali rigward ir-rota magħżula, l-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri li permezz tagħha ssuġġerixxa li l-BEI għandu jikkunsidra li jirreġistra l-valutazzjoni tiegħu tal-EIAs b'mod aktar sistematiku billi juża lista ta' kontroll komprensiva tal-kundizzjonijiet li magħhom għandha tkun konformi l-EIA.

Il-każ **310/2009/ELB** kien jikkonċerna l-allegat rifjut inġust tal-Parlament Ewropew milli jħalli assoċjazzjoni tuża l-bini tal-Parlament fuq il-bażi tar-regoli li jistabbilixxu li ma jistgħux isiru seminars fil-bini tiegħu jekk jintalbu miżati għar-reġistrazzjoni. L-Ombudsman irrimarka li l-aċċess għall-bini tal-Parlament jaqa' taħt il-poteri tal-organizzazzjoni interna tal-istituzzjoni u ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina f'dan ir-rigward. Madankollu, huwa għamel rimarka kritika fir-rigward tan-nuqqas tal-istituzzjoni milli tippovdi lill-ilmentatur b'informazzjoni dwar il-possibbiltajiet li jappella għad-deċiżjoni tiegħu.

L-Ombudsman ittratta wkoll żewġ każijiet li jikkonċernaw lill-OLAF. Il-każ **2930/2008/JMA**, dwar allegazzjoni ta' nuqqas ta' trattament ta' investigazzjoni kif suppost, ingħalaq minħabba li matul l-investigazzjoni tiegħu, l-Ombudsman sar jaf li t-Tribunal Ekonomiku u Amministrattiv Reġjonali Spanjol kien ta' sentenza rigward każ imressaq mill-ilmentatur kontra d-deċiżjoni tal-awtoritajiet doganali Spanjoli. L-Ombudsman ikkonkluda li l-appelli tal-ilmentatur fl-azzjoni tiegħu quddiem il-qorti Spanjola kienu identiċi għall-allegazzjonijiet li saru fl-ilment tiegħu. Fid-dawl tad-deċiżjoni tal-qorti Spanjola u, fuq il-bażi tal-Artikolu 195 KE (issa l-Artikolu 228 TFEU) u l-Artikolu 2(7) tal-Istatut tiegħu, l-Ombudsman iddeċieda li jagħlaq il-każ. Il-każ **1748/2006/JMA** kien jikkonċerna lmentatur li kien ħadem għal għadd ta' kumpaniji fuq diversi proġetti ffinanzjati mill-UE, u li sar konxju li wieħed minn dawk li kienu jħaddmuh qabel kien irċieva ittra minn OLAF, li kienet tgħid li huwa kien ikkommetta irregolaritajiet serji u talbet sabiex tingħata informazzjoni dwaru f'dan ir-rigward. L-ilmentatur kiteb lil OLAF f'diversi okkażjonijiet. Minħabba li huwa kkunsidra t-tweġiba tal-OLAF bħala mhux sodisfaċenti, huwa ppreżenta ilment lill-Ombudsman. L-Ombudsman innota li, sabiex ikun jista' jwettaq l-investigazzjonijiet tiegħu b'mod effettiv, l-OLAF jista' jitleb informazzjoni minn partijiet terzi. Madankollu, huwa kkunsidra li l-OLAF ma rrispettax il-prinċipji tal-ġustizzja u l-proporzjonalità, kif ukoll il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Għalhekk, huwa indirizza rimarka kritika lil OLAF. L-Ombudsman għamel ukoll rimarki kritiċi oħrajn u rimarka ulterjuri fir-rigward ta' bosta aspetti tal-investigazzjoni u l-imġiba ta' OLAF.

3.6 Trasferimenti u pariri

Fi kważi 80 % tal-każijiet kollha li ġew ittrattati fl-2009, l-Ombudsman Ewropew kien kapaċi jgħin lill-ilmentaturi billi jiftaħ investigazzjoni dwar il-każijiet, billi jittrasferixxi l-ilmenti lil xi korp

Ilmenti li ma jaqgħux taħt il-mandat tal-Ombudsman spiss ikunu jikkonċernaw allegazzjonijiet ta' ksur tal-liġi tal-UE mill-Istati Membri. Bosta każijiet bħal dawn jiġu ttrattati bl-aħjar mod minn ombudsman nazzjonali jew reġjonali fi f'dan in-Netwerk Ewropew tal-Ombusmen.


kompetenti, jew billi jagħti pariri fuq fejn wieħed jista' jirrikorri. Ilmenti li ma jaqgħux taħt il-mandat tal-Ombudsman spiss ikunu jikkonċernaw allegazzjonijiet ta' ksur tal-liġi tal-UE mill-Istati Membri. Bosta każijiet bħal dawn jiġu ttrattati bl-aħjar mod minn ombudsman nazzjonali jew reġjonali fi f'dan in-Netwerk Ewropew tal-Ombusmen. Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew jipparteċipa wkoll fin-Netwerk bħala membru sħiħ. Wieħed mill-għanijiet tan-Netwerk huwa li jiffaċilita t-trasferiment rapidu tal-ilmenti lill-ombudsman nazzjonali jew reġjonali kompetenti, jew lil xi korp simili (ara t-taqsim 4.2 hawn taħt).

B'kollox, 55 % (1 704) tal-ilmenti pproċessati mill-Ombudsman Ewropew fl-2009 instabu li kienu jaqgħu taħt il-mandat ta' xi membru tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen (727 ta' dawn il-każijiet kienu jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman Ewropew). Kif jista' jidher mill-Figura 3.12, f'977 każ, l-ilment ġie trasferit³⁷ lil xi membru tan-Netwerk jew inkella l-ilmentatur ingħata l-parir li jikkuntattja lil xi membru tan-Netwerk (792 kienu riferuti lil xi ombudsman nazzjonali jew reġjonali, filwaqt li 185 kienu riferuti lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew).

F'xi wħud mill-każijiet, l-Ombudsman iqis li huwa xieraq li jittrasferixxi l-ilmenti lill-Kummissjoni jew lil SOLVIT, netwerk imwaqqaf mill-Kummissjoni biex jgħin lin-nies li jiltaqgħu ma' xi tfixkil meta jkunu qegħdin jipprovaw jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fis-suq intern tal-Unjoni. Qabel ma jittrasferixxu ilment jew jagħtu xi parir lill-ilmentaturi, is-servizzi tal-Ombudsman jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li jingħata l-aktar parir xieraq. Fl-2009, 222 ilmentatur ġew riferuti lill-Kummissjoni³⁸, filwaqt li 824 kienu riferuti lil istituzzjonijiet u korpi oħrajn, inkluż SOLVIT u ombudsmen jew korpi speċjalizzati fl-indirizzar tal-ilmenti fl-Istati Membri.

B'kollox, f'67 % tal-każijiet kollha li ġew eżaminati fl-2009, ingħataw pariri jew inkella l-każ ġie trasferit. Il-bqija ta' dan il-Kapitolu fih eżempji ta' każijiet bħal dawn.

Figura 3.12: Ilmenti trasferiti lil istituzzjonijiet u korpi oħrajn L-ilmentaturi ngħataw parir li jikkuntattjaw istituzzjonijiet u korpi oħrajn



NOTA 1 Dan jinkludi 215-il ilment irreġistrati lejn l-aħħar tal-2008, li ġew ipproċessati fl-2009 u jeskludi 94 ilment irreġistrati lejn l-aħħar tal-2009, li kienu għadhom qegħdin jiġu pproċessati fl-aħħar tas-sena sabiex jiġi deċiż x'azzjoni għandha tittieħed.

NOTA 2 F'ċerti każijiet, ingħata aktar minn tip wieħed ta' parir lill-ilmentatur. Għalhekk, dawn il-perċentwali jammontaw għal aktar minn 100 %.

L-irwol tal-membri tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen

Ċittadin Rumen, li xtara vann fl-Awstrija biex jużah fir-Rumanija, allega li l-miżati tal-applikazzjoni nazzjonali imposti mill-gvern Rumen kienu għoljin b'mod sproporzjonali. Huwa ilmenta wkoll li l-proprjetà tiegħu kienet soġġetta għad-deċiżjonijiet korrotti u arbitrarji ta' sindku. L-ilmentatur kompla jsostni li l-UE 'ttollerat' imġiba korrotta mill-gvern Rumen.

Rigward l-allegazzjonijiet li jikkonċernaw il-prattiċi tal-gvern Rumen u l-awtoritajiet pubbliċi, l-Ombudsman ta parir lill-ilmentatur biex jikkunsidra li jikkuntattja lill-Ombudsman Rumen. Fir-rigward tal-allegazzjoni tan-nuqqas tal-UE milli taġixxi, l-Ombudsman ta parir lill-ilmentatur biex jirrikorri għall-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea jekk kellu x-xewqa li jilmenta dwar ksur possibbli tal-liġi tal-UE. Huwa kompla jingħata pariri biex jikkonsulta l-informazzjoni li tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni dwar it-tassazzjoni tal-karozzi fir-Rumanija.

2326/2009/CH ■

37. Ilment jiġi trasferit biss bil-kunsens minn qabel tal-ilmentatur u diment li jkun jidher li hemm bażi għall-ilment.

38. Din il-figura tinkludi xi każijiet li fihom l-ilment kontra l-Kummissjoni ġie ddikjarat bħala mhux ammissibbli għaliex ma sarux l-approċċ amministrattivi xierqa minn qabel lejn l-istituzzjoni qabel ma l-ilment tressaq quddiem l-Ombudsman.

Ir-raġel tal-ilmentatriċi għandu diżabilitajiet severi. Huwa għandu permess speċjali li jippermettilu jipparkja l-karozza tiegħu f'ċerti postijiet fejn normalment ikun ipprojbitt li tipparkja l-karozza. Dan il-permess huwa validu f'diversi *Länder* Ġermaniżi. Skont l-ilmentatriċi, li hija Ġermaniża, dan il-permess huwa rikonoxxut ukoll fil-Belġju u l-Lussemburgu u kien aċċettat f'Veere, muniċipalità Olandiża qrib Middelburg. Madankollu, l-ilmentatriċi u żewġha ntalbu jħallu aktar minn EUR 50, meta pparkjaw il-karozza tagħhom f'Middelburg. Barra minn hekk, jidher li l-muniċipalità ta' Middelburg tinsisti li l-ilmenti jiġu ppreżentati bl-Olandiż, minkejja li l-ilmentatriċi u żewġha ma jafux jikkomunikaw bl-Olandiż. L-Ombudsman ikkuntattja lill-Ombudsman Olandiż, li talab biex l-ilment jiġi trasferit lilu bil-Ġermaniż.

2168/2009/FS ■

L-ilmentatur allega li l-Aġenzija Ġermaniża tal-Liċenzji tar-Radju u t-Televiżjoni (GEZ) tista' tikklejmja dovuti u tinforza l-pretensjonijiet tagħha, anki b'mod retroattiv, mingħajr il-ħtieġa ta' deċiżjoni tal-qorti. Barra minn hekk, ma hemm ebda sorveljanza pubblika tal-imġiba ta' GEZ. L-ilmentatur allega li l-obbligu li jħallas miżati għar-radju u t-televiżjoni jikkontradixxi d-dritt bażiku għal-libertà tal-informazzjoni. Huwa sostna li l-GEZ għandha jew tiġi abolita jew inkella tiġi magħmula suġġetta għal sorveljanza pubblika effiċjenti sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jiddefendu lilhom infushom kontra deċiżjonijiet inġusti. Il-GEZ għandha tkun teħtieġ ukoll ordni mill-qorti sabiex tinforza t-talbiet tagħha. L-ilmentatur qabel li l-ilment tiegħu jiġi trasferit lill-Kumitat tal-Petizzjonijiet tal-Bundestag.

2851/2009/FS ■

L-ilmentatur jingħata parir biex jikkuntattja lill-Kummissjoni Ewropea

L-ilmentatriċi allegat li parti terza kienet applikat għal għotja tal-UE għall-proprjetà tagħha, biċċa art fil-Polonja. L-ilmentatriċi qajmet il-kwistjoni mal-aġenzija rilevanti, li qaltilha li din kienet proċedura normali. Minħabba li ma kinitx sodisfatta bit-tweġiba li nġhatat, hija ilmentat mal-Ombudsman Ewropew li l-UE mgħandhiex tittollera mġiba bħal din. Safejn l-ilment tagħha kien jikkonċerna lill-UE, l-Ombudsman ta parir lill-ilmentatriċi biex l-ewwel tavviċina lill-Kummissjoni, u biex tirrikorri għand l-Ombudsman Pollakk b'aktar informazzjoni speċifika, jekk xtaqet tilmenta dwar l-aġenzija rilevanti.

2699/2009/CH ■

Ilment trasferit lil Solvit

Ċittadin Brittaniku li jgħix f'Ċipru ppreżenta ilment lill-Ombudsman Ewropew, fejn allega li l-mara tiegħu, ċittadin mhux tal-UE, kellha permess ta' residenza, li kien jippermettilha tgħix miegħu f'Ċipru, iżda ma setgħetx taħdem. Il-każ ġie trasferit liċ-Ċentru ta' SOLVIT fir-Renju Unit, li l-intervent tiegħu wassal għal eżitu pożittiv. Il-mara tal-ilmentatur kisbet id-drittijiet ta' residenza qabel ma Ċipru ssieħbet fl-UE, u kien għal din ir-raġuni li r-restrizzjonijiet relatati max-xogħol kienu applikabbli. L-ilmentatur ġie pprovdut b'informazzjoni fuq kif jista' japplika għal permess ta' residenza ġdid, li jagħti ċ-ċans lil martu taħdem f'Ċipru.

765/2009/EC ■

Relazzjonijiet
ma' istituzzjonijiet,
ombudsmen
u partijiet
interessati oħrajn

DAN il-Kapitolu jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-isforzi tal-Ombudsman Ewropew sabiex jilħaq l-istituzzjonijiet¹ tal-UE, il-kollegi ombudsmen tiegħu, u l-partijiet interessati ewlenin l-oħrajn. L-għan ta' dawn l-attivitajiet huwa li jassiguraw li l-ilmenti jiġu ttrattati b'mod effettiv, li jaqsmu l-aħjar prattika, u jqajmu kuxjenza dwar l-irwol tal-Ombudsman fil-promozzjoni ta' amministrazzjoni tajba, it-trasparenza, u kultura ta' servizz.

4.1 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet tal-UE

Ir-relazzjonijiet kostruttivi mal-istituzzjonijiet tal-UE huma estremament importanti għall-Ombudsman Ewropew sabiex jassigura l-oġġla standards possibbli ta' amministrazzjoni.

L- Ombudsman jiltaqa' regolarment mal-membri u l-uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-UE sabiex flimkien jiddiskutu modi kif jistgħu jgħollu l-kwalità tal-amministrazzjoni u sabiex jiġi assigurat li jsir segwitu xieraq tar-rimarki, ir-rakkomandazzjonijiet, u r-rapporti tiegħu.

L- Ombudsman jiltaqa' regolarment mal-membri u l-uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-UE sabiex flimkien jiddiskutu modi kif jistgħu jgħollu l-kwalità tal-amministrazzjoni u sabiex jiġi assigurat li jsir segwitu xieraq tar-rimarki, ir-rakkomandazzjonijiet, u r-rapporti tiegħu. L-attivitajiet f'dan il-qasam huma deskritti fid-dettall hawn taħt.

■ Il-Parlament Ewropew

Huwa l-Parlament Ewropew li jeleġġi l-Ombudsman u dan irid jirrapporta lilu, b'mod partikolari permezz tal-preżentazzjoni ta' dan ir-Rapport Annwali u wkoll permezz ta' rapporti speċjali. L-Ombudsman igawdi minn relazzjoni tax-xogħol eċċellenti mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament, li huwa responsabbli għar-relazzjonijiet tal-Parlament mal-Ombudsman u t-tnejja ta' rapport dwar ir-Rapport Annwali tiegħu. L-Ombudsman iltaqa' mal-President il-ġdid tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, is-Sra. Erminia MAZZONI MEP, fit-2 ta' Settembru 2009.



Id-dibattitu annwali tal-Parlament dwar l-attivitajiet tal- Ombudsman jikkostitwixxi post prominenti fil-kalendarju tal-Ombudsman. F'dan ir-ritratt, is-Sur DIAMANDOUROS jidher qiegħed iwieġeb għall-mistoqsijiet dwar ir-Rapport Annwali 2008 matul is-sessjoni Plenarja tal-Parlament fit-12 ta' Novembru fi Strasburgu. Aktar tard dakinhar, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman fl-2008 ibbażata fuq ir-rapport li ġie abbozzat mill-membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, is-Sra. Chrysoula PALIADELI MEP.

1. L-Artikolu 228 TFEU jestendi l-mandat tal-Ombudsman minn ilmenti li jikkonċernaw l-amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-“istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Komunità” sa “istituzzjonijiet, korpi, u organi tal-Unjoni”. Waqt li din is-sessjoni tar-Rapport Annwali qabel użat it-terminu “istituzzjonijiet u korpi”, issa aħna nużaw, għall-qosor, it-terminu “istituzzjonijiet” biex nirreferu għall-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi kollha tal-UE.

L-Ombudsman ippreżenta r-*Rapport Annwali 2008* lill-President tal-Parlament ta' dak iż-żmien, is-Sur Hans-Gert PÖTTERING MEP u lill-President tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, f'dak iż-żmien, is-Sur Marcin LIBICKI MEP, fit-23 ta' April 2009. Il-preżentazzjoni lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet saret fl-14 ta' Settembru. Is-Sra. Chrysoula PALIADELI MEP għamlet abbozz tar-rapport tal-Kumitat dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman fl-2008. Waqt is-sessjoni tiegħu tat-12 ta' Novembru, wara l-preżentazzjoni tal-Ombudsman lill-Plenarja u dibattitu f'dik il-ġurnata, il-Parlament adotta riżoluzzjoni bbażata fuq ir-rapport tas-Sra. PALIADELI. Fir-riżoluzzjoni tiegħu, il-Parlament iddikjara li kien sodisfatt bix-xogħol tal-Ombudsman, bil-kooperazzjoni kostruttiva tiegħu mal-istituzzjonijiet, u bil-profil pubbliku tiegħu, filwaqt li, b'mod partikolari, faħħar il-websajt u l-gwida interattiva ġodda tiegħu.

Fuq talba tal-Kumitat, kien hemm preżenti membru tal-persunal tal-Ombudsman sabiex jirrappreżentah f'kull laqgħa tal-Kumitat li saret fl-2009. Il-Kumitat iddiskuta wieħed mir-rapporti speċjali tal-Ombudsman matul is-sena inkwistjoni: ir-rapport speċjali dwar id-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età ġie diskuss fl-10 ta' Frar. L-Ombudsman bi pjaċir innota li r-rapport tal-Parlament, li kien abbozzat mis-Sur Miguel MARTÍNEZ MEP u li kien jirrifletti għal kollox it-tħassib li l-Ombudsman għab għall-attenzjoni tal-Parlament, ġie adottat mill-Plenarja f'Mejju mingħajr vot wieħed kontra.

Ir-reviżjoni kontinwa tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti² tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dehret ukoll b'mod prominenti fir-relazzjonijiet tal-Ombudsman mal-Parlament fl-2009. Fis-27 ta' April, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni sabiex jiddiskuti r-rapport tal-Parlament fuq ir-reviżjoni kontinwa. Qabel dan, fl-20 ta' Jannar, huwa attenda laqgħa tal-Kumitat Konġunt tal-Kumitat tal-Libertajiet Ċivili tal-Parlament Ewropew u l-Parlamenti Nazzjonali sabiex jindirizzaw il-mistoqsija "X'ispirazzjoni jistgħu jieħdu l-Istituzzjonijiet tal-UE mill-aqwa prattiċi tal-Istati Membri fit-trasparenza u t-tmexxija tajba?". Finalment, fis-16 ta' Frar, l-Ombudsman ipparteċipa f'seduta ta' smiġħ pubbliku organizzata mill-Kumitat dwar "Il-Problemi u l-Prospetti li jikkonċernaw iċ-Ċittadinanza Ewropea".

L-Elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew

L-Artikolu 228(2) TFEU jistipula li l-Ombudsman għandu jiġi elett wara kull elezzjoni tal-Parlament Ewropew għat-tul tal-mandat tiegħu. Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew jistabbilixxu d-dettalji tal-proċedura tal-elezzjoni.

Il-Parlament Ewropew ippubblika sejħa għan-nominazzjonijiet għall-uffiċċju tal-Ombudsman fil-Ġurnal Uffiċjali tal-10 ta' Settembru 2009³, fejn iffissa d-data tad-9 ta' Ottubru 2009 bħala d-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tan-nominazzjonijiet.

Informazzjoni dettaljata dwar l-elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew tista' tinstab fuq il-websajt tal-Parlament fuq:

<http://www.europarl.europa.eu/electionombudsman/> ■

■ Il-Kunsill tal-UE

Matul is-sena inkwistjoni, l-Ombudsman ipparteċipa f'seminar organizzat mill-Presidenza Żvediża tal-UE, intitolat "It-Trasparenza u Lingwa Legali Ċara fl-Unjoni Ewropea". Huwa tkellem dwar l-esperjenza tiegħu jinvestiga ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina, speċjalment fir-rigward tal-aċċess għad-dokumenti.

Ta' importanza partikolari għar-relazzjonijiet tax-xogħol tal-Ombudsman mal-Kunsill fl-2009 kienet kwistjoni li rriżultat mill-applikazzjoni tal-Istatut tal-Ombudsman mill-Kunsill. Dan wara

2. Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.

3. ĠU 2009 C 216, p. 7.

r-reviżjoni tal-istatut fl-2008⁴. Fl-14 ta' Ottubru 2009, l-Ombudsman ipparteċipa f'laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Infurmazzjoni tal-Kunsill bil-għan li jiġu skambjati opinjonijiet fuq din il-kwistjoni. Il-laqgħa kienet estremament utli u wasslet għal riżoluzzjoni sodisfaċenti malajr u b'mod reċiproku ta' din il-kwistjoni (ara l-Kapitolu 2).

■ Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea hija l-istituzzjoni responsabbli għall-ogħla proporzjon ta' inkjesti li jwettaq l-Ombudsman. Għalhekk, il-laqgħat regolari bejn l-Ombudsman u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni Ewropea hija l-istituzzjoni responsabbli għall-ogħla proporzjon ta' inkjesti li jwettaq l-Ombudsman.

huma importanti sabiex jiġi assigurat li jingħata rispons sodisfaċenti għall-ilmenti taċ-ċittadini. Matul l-2009, l-Ombudsman iltaqa' mas-Segretarja Ġenerali tal-Kummissjoni, is-Sra. Catherine DAY, f'numru ta' okkażjonijiet. Huwa indirizza lid-Diretturi Ġenerali tal-Kummiss-

joni għat-tielet darba fit-28 ta' Mejju, wara li kien diġà ltaqa' magħhom fl-2005 u fl-2007. Fit-2 ta' Frar, membri tal-persunal tal-Ombudsman iltaqgħu ma' uffiċjali tal-Kummissjoni sabiex jiddiskutu r-reġistrazzjoni mill-Kummissjoni tal-ilmenti u l-inkjesti li jikkonċernaw il-proċeduri ta' ksur u r-reviżjoni tar-regoli dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti. Il-Kap tad-Dipartiment Legali tal-Ombudsman iltaqa', fuq bażi ta' kull xahar, mad-Direttur responsabbli għar-relazzjonijiet interistituzzjonali fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni sabiex ikompli jsegwi l-inkjesti li jikkonċernaw lill-Kummissjoni. Finalment, l-Ombudsman organizza żewġ laqgħat mal-Medjatriċi tal-Persunal tal-Kummissjoni, is-Sra. Mercedes DE SOLA, sabiex jiġu diskussi kwistjonijiet ta' interess komuni.

Is-sena 2009 rat ukoll it-tiżi tal-kooperazzjoni ma' SOLVIT, netwerk imwaqqaf mill-Kummissjoni sabiex jgħin lin-nies li jiffaċċjaw ostakli meta jipprovaw jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fis-suq intern tal-Unjoni. Għall-ewwel darba, rappreżentant ta' SOLVIT attenda għas-Seminar li jsir kull sentejn tal-Ombudsmen Nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi kandidati, li sar f'Ċipru f'April. Wara laqgħa li saret fis-17 ta' Frar ma' uffiċjali mid-DĠ għas-Suq Intern u s-Servizzi, membri mill-persunal tal-Ombudsman iltaqgħu mat-tim ta' SOLVIT tal-Kummissjoni fis-17 ta' Ġunju u mbagħad reġgħu ltaqgħu fis-7 ta' Diċembru. Iż-żewġ servizzi kienu ppreżentati flimkien waqt workshop li ġie organizzat fi Stokkolma fid-9 ta' Ottubru matul il-Kongress Annwali tan-Netwerk għall-Intrapriżi Ewropej. Finalment, l-Ombudsman għamel kull sforz sabiex iqajjem għarfien rigward l-irwol ta' SOLVIT matul iż-żjarat ta' infurmazzjoni tiegħu fl-Istati Membri u stieden lil SOLVIT sabiex jipparteċipa fl-avveniment li huwa organizza fit-13 ta' Marzu intitolat "Is-Soluzzjoni għall-problemi fl-UE – Fejn nistgħu nduru?" (*Problem solving in the EU – Where to turn?*) (ara aktar dettalji hawn taħt).



Is-sena 2009 rat żieda fil-kooperazzjoni bejn l-Ombudsman u n-networks sponsorjati mill-Kummissjoni Ewropea għas-servizz taċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet, u n-negozji. Fl-istampa ta' hawn fuq, is-Sur DIAMANDOUROS jidher qiegħed jagħti d-diskors ewlieni waqt il-laqgħa ġenerali annwali tan-Netwerk Europe Direct li saret f'Tallinn fit-23 ta' Settembru.

4. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 2008/587 tat-18 ta' Ġunju 2008, li temenda d-Deċiżjoni 94/262 dwar ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman, ĠU 2008 L 189, p. 25.

Sabiex titqajjem kuxjenza rigward il-firxa sħiħa ta' servizzi disponibbli għaċ-ċittadini, organizza-zzjonijiet, u negozji bi kwistjonijiet jew problemi relatati mad-drittijiet tagħhom fil-qafas tal-liġijiet tal-UE, ta' importanza wkoll kienu l-isforzi tal-Ombudsman sabiex jintensifika l-kooperazzjoni ma' Europe Direct. Ġew organizzati attivitajiet sabiex jiġi assigurat illi n-Netwerk Europe Direct u ċ-Ċentru ta' Kuntatt ta' Europe Direct ikunu informati b'mod sħiħ dwar ix-xogħol tal-Ombudsman Ewropew u n-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. Dan huwa importanti sabiex l-individwi jkun jistgħu jiġu ggwidati lejn mod xieraq ta' riparazzjoni mill-ewwel. F'Diċembru, l-Ombudsman iltaqa' mad-Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għall-Komunikazzjoni, is-Sur Claus SØRENSEN, sabiex jiddiskutu dawn l-inizjattivi u oħrajn.

■ Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Fit-13 ta' Mejju, l-Ombudsman indirizza lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) waqt sessjoni plenarja fi Brussell, wara li fil-ġurnata ta' qabel iltaqa' mal-President tal-Kumitat, is-Sur Mario

Fit-13 ta' Mejju, l-Ombudsman indirizza lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) waqt sessjoni plenarja fi Brussell.

Fit-tieni laqgħa, li saret fid-9 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS indirizza lill-persunal tal-Kumitat.

SEPI, il-Viċi-President, is-Sra. Irini Ivoni PARI, il-President tal-Grupp tal-Impjegati, is-Sur George DASSIS, il-President tal-Grupp tal-Interessi Varji, is-Sur Staffan NILSSON, u s-Segretarju Ġenerali, is-Sur Martin WESTLAKE. Waqt is-sessjoni, is-Sur DIAMANDOUROS tkellem primarjament dwar l-esperjenza tiegħu rigward l-aspettattivi taċ-ċittadini mill-istituzzjonijiet tal-UE. Fit-tieni laqgħa, li saret fid-9 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS indirizza lill-persunal

tal-Kumitat. Il-preżentazzjoni tiegħu kienet tkopri t-tipi ta' ilmenti li jittratta, l-irwol tiegħu mqabbel ma' dak tal-qradi, il-ħidma proattiva tiegħu u kif huwa jista' jkun riżors għall-amministrazzjoni. Matul il-preżentazzjoni tiegħu, huwa għamel referenza għall-Kodiċi Ewropew ta' mgħiba Amministrattiva Tajba, li l-Kumitat adotta f'Lulju 2009. L-Ombudsman laqa' dan l-iżvilupp b'merħba kbira.

■ Il-Bank Ewropew tal-Investment

Fl-2009 l-Ombudsman ħadem iebes biex iqajjem għarfien dwar l-irwol tiegħu tas-superviżjoni tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI). Dan sar wara l-konklużjoni tal-Memorandum ta' Fehim⁵ bejn l-Ombudsman u l-BEI fl-2008. Fl-1 ta' Diċembru, huwa organizza avveniment mal-partijiet interessati



Sabiex jgħin ħalli titqajjem kuxjenza dwar l-irwol tiegħu tas-superviżjoni tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), l-Ombudsman organizza avveniment mal-partijiet interessati fl-1 ta' Diċembru fi Brussell. Dan sar fil-qafas tal-konsultazzjoni pubblika tal-BEI fuq il-mekkaniżmu tal-ilmenti tiegħu. F'dan l-avveniment ħadu sehem aktar minn 30 parti interessata, li jidhru fir-ritratt.

5. Memorandum ta' Fehim bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Bank Ewropew tal-Investment rigward informazzjoni dwar il-linji politiċi, l-istandards u l-proċeduri tal-Bank u l-ittrattar tal-ilmenti, inklużi ilmenti minn persuni mhux ċittadini u mhux residenti tal-Unjoni Ewropea, ĠU 2008 C 244, p. 1.

sabiex jiġbed l-attenzjoni rigward dan l-aspett tal-ħidma tiegħu. Dan l-avveniment, li laqqa' flimkien aktar minn 30 parti interessata, sar fil-qafas tal-konsultazzjoni pubblika tal-BEI dwar il-mekkaniżmu tal-ilmenti tiegħu⁶. Rappreżentanti tal-Bank attendew għal dan l-avveniment u pprovdew kjarifiki utli fuq kif l-BEI jindirizza l-ilmenti. L-Ombudsman kien irrappreżentat ukoll waqt il-laqqgħat li ġew organizzati mill-Bank matul is-sena bħala parti mill-konsultazzjoni pubblika tiegħu.

■ L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal

Minħabba l-irwol ċentrali tiegħu fl-attivitajiet tar-reklutaġġ tal-UE, u, għalhekk, ir-relazzjonijiet ma' ċittadini Ewropej, l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) huwa responsabbli għal proporzjon relattivament għoli tal-inkjesti li jwettaq l-Ombudsman. Madankollu, l-isforzi kbar li saru fis-snin riċenti wasslu għal titjib ċar kemm fit-trasparenza fil-proċess tal-għażla, kif ukoll fir-responsività tal- EPSO għall-mistoqsijiet u l-ilmenti tal-kandidati. L-isforzi kontinwi sabiex jiġu mmodernizzati l-proċeduri tar-reklutaġġ tal-UE għandhom iwasslu għal aktar titjib. Fl-4 ta' Marzu 2009, l- EPSO organizza avveniment sabiex jimmarka l-implimentazzjoni ta' diversi azzjonijiet tal-programm għall-iżvilupp, inkluża websajt ġdida, ir-reġistrazzjoni on-line għall-kompetizzjonijiet, logo ġdid, u avviż ġdid ta' kompetizzjoni. Waqt dan l-avveniment, l-Ombudsman kien irrappreżentat mis-Segretarju-Ġenerali, is-Sur Ian HARDEN.

Is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mad-Direttur tal- EPSO, is-Sur David BEARFIELD, fl-1 ta' Lulju 2009, sabiex jiddiskutu dan it-titjib u titjib ieħor, u sabiex jibdwew id-diskussjonijiet fuq Memorandum ta' Fehim possibbli bejn iż-żewġ korpi.

■ Istituzzjonijiet oħrajn tal-UE

L-Ombudsman organizza sensiela ta' laqqgħat oħrajn mar-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE matul l-2009. Fl-24 ta' Ġunju, huwa ltaqa' mal-President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, is-Sur Vítor DA SILVA CALDEIRA, fil-Lussemburgu u aktar tard ipparteċipa f'ikla tax-xogħol mal-Membri kollha tal-Qorti. Fl-istess ġurnata, huwa ltaqa' mal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-Sur Vassilios SKOURIS. Fil-25 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS attenda għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-20 anniversarju tal-Qorti Ġenerali u fid-29 ta' Novembru, huwa ltaqa' mal-President tal-Qorti, is-Sur Marc JAEGER, li vvjaġġa lejn Strasburgu sabiex jindirizza lill-persunal tal-Ombudsman. Fit-22 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' u ddiskuta mal-Grupp ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-Ewropa fi Brussell. Finalment, huwa ltaqa' mad-Direttur tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), is-Sur Franz Hermann BRÜNER, fil-11 ta' Mejju, u mad-Deputat Kontrollur il-ġdid għall-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS), is-Sur Giovanni BUTTARELLI, fid-29 ta' Ġunju.

4.2 Relazzjonijiet ma' ombudsmen u korpi simili

Bil-għan li jgħin kemm jista' ikun ilmentaturi possibbli, l-Ombudsman Ewropew jikkoopera mill-qrib mal-kontropartijiet tiegħu fuq livelli nazzjonali, reġjonali u lokali. Din il-kooperazzjoni hija

Bil-għan li jgħin kemm jista' ikun ilmentaturi possibbli, l-Ombudsman Ewropew jikkoopera mill-qrib mal-kontropartijiet tiegħu fuq livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.

ugwalment vitali għall-iskambju tal-informazzjoni dwar il-liġi tal-UE, is-segwitu tal-iżviluppi importanti fid-dinja tal-ombudsmen, u l-qsim tal-aqwa Prattika. Fil-maġġoranza tagħha, din il-kooperazzjoni sseħħ taħt l-aegis tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. L-Ombudsman Ewropew ipparteċipa wkoll f'konferenzi, seminars u laqqgħat barra min-Netwerk.

6. Informazzjoni dwar il-Politika tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI hija disponibbli fuq: <http://www.eib.org>

■ In-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen

In-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen issa jinkludi 94 uffiċċju fi 32 pajjiż, li jkopru l-livelli nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni, kif ukoll il-livell nazzjonali fil-pajjiżi applikanti għas-sħubija fl-UE, flimkien man-Norveġja, l-Iżlanda, u, aktar riċenti, l-Iżvizzera.

In-Netwerk iservi bħala mekkaniżmu effettiv għall-kooperazzjoni fl-indirizzar tal-każijiet. Huwa ugwalment attiv fil-qsim tal-esperjenzi u l-aqwa Prattika - miri li jagħmel ħiltu kollha sabiex jilħaqhom permezz ta' seminars u laqgħat, newsletter regolari, forum elettroniku ta' diskussjoni, u servizz elettroniku li jwassal l-aħbarijiet ta' kuljum.

Kooperazzjoni fl-indirizzar tal-każijiet

Ħafna ilmentaturi jirrikorru għall-Ombudsman Ewropew meta jkollhom problemi ma' ammin-
istrazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali. F'ħafna każijiet, membru tan-Netwerk Ewropew tal-

Ħafna ilmentaturi jirrikorru għall-Ombudsman Ewropew meta jkollhom problemi ma' amministrazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali. F'ħafna każijiet, membru tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen jista' jipprovdi rimedju effettiv.

Ombudsmen jista' jipprovdi rimedju effettiv. Meta jkun possibbli, l-Ombudsman Ewropew jittrasferixxi każijiet li jkunu ammissibbli għan-Netwerk direttament lill-ombudsmen nazzjonali u reġjonali jew jagħti pariri xierqa lill-ilmentaturi. Aktar dettalji ta' din il-kooperazzjoni huma pprovduti fil-Kapitolu 3.

Sabiex jgħin id-dimensjoni tal-UE rigward ix-xogħol tal-ombudsmen tkun aktar magħrufa u sabiex jikkjarifika s-servizz li huma jipprovdu lil persuni li jilmentaw dwar kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-liġi tal-UE, in-Netwerk adotta Dikjarazzjoni f'Ottubru 2007. Din id-Dikjarazzjoni, li hija disponibbli fi 23 lingwa fuq il-websajt tal-Ombudsman Ewropew, kienet kemmxajn riveduta waqt is-Seba' Seminar tal-Ombudsmen Nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi kandidati, li sar f'Ċipru, f'April 2009. Id-Dikjarazzjoni riveduta tirrifletti l-fatt li l-websajt tal-Ombudsman Ewropew issa tinkludi gwida interattiva, li tgħin lill-individwi sabiex isibu liema ombudsman jew korp ieħor huwa fl-aħjar pożizzjoni biex jindirizza l-ilment tagħhom, jew sabiex iwieġeb għat-talba tagħhom għall-informazzjoni. Intlaħaq qbil ukoll li d-Dikjarazzjoni tiġi riveduta kull meta jkun meħtieġ.

Anke bil-għan li titqajjem kuxjenza dwar l-irwol tan-Netwerk li jgħin liċ-ċittadini jiksibu d-drittijiet tagħhom skont il-liġi tal-UE, fl-2009 l-Ombudsman Ewropew intensifika l-kooperazzjoni ma' Europe Direct (ara s-Sezzjoni 4.1). Din l-inizjattiva tal-Ombudsman hija marbuta ma' dikjarazzjoni preċedenti sabiex tiġi esplorata l-fattibilità tal-ħolqien ta' numru wieħed tat-telefon sabiex wieħed jagħmel kuntatt man-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. Wara eżaminażżjoni fil-fond tal-għażliet differenti, l-Ombudsman ikkonkluda li, minflok jistabbilixxi servizz ġdid, ikun aktar effettiv u kost-effiċjenti li wieħed jibni fuq l-irwol eżistenti ta' Ċentru ta' Kuntatt ta' Europe Direct bħala punt ċentrali ta' dħul għall-pubbliku ġenerali b'mistoqsijiet dwar l-UE. L-Ombudsman qabel li jipprovdi liċ-Ċentru ta' Kuntatt b'informazzjoni u materjal dwar in-Netwerk, sabiex l-individwi jiġu assenjati l-kompiti li jgħoddu għalihom, fejn xieraq.

L-ombudsmen nazzjonali u reġjonali jistgħu jistaqsu lill-Ombudsman Ewropew għal tveġibiet bil-miktub għal mistoqsijiet dwar il-liġi tal-UE u l-interpretazzjoni tagħha, inklużi mistoqsijiet li jqumu waqt li jkunu qegħdin jindirizzaw każijiet speċifiċi. L-Ombudsman Ewropew jista' jew jipprovdi t-tveġiba direttament jew inkella, jekk ikun aktar xieraq, jista' jindirizza l-mistoqsija lil istituzzjoni oħra tal-UE għal tveġiba. Matul l-2009, ġiet sottomessa mistoqsija waħda biss mill-Ombudsman Reġjonali ta' Emilia-Romagna, fl-Italja. Din kienet tikkonċerna l-interpretazzjoni tar-Regoli tal-UE dwar l-iskemi tas-sigurtà soċjali hekk kif japplikaw għall-persuni impjegati u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan l-Unjoni.

Seminars

Is-seminars għall-ombudsmen nazzjonali u reġjonali jsiru sena iva u sena le u jiġu organizzati b'mod konġunt mill-Ombudsman Ewropew u kontroparti nazzjonali jew reġjonali.

Is-Seba' Seminar tal-Ombudsmen Nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi kandidati sar f'Paphos, Ċipru, bejn il-5 u s-7 ta' April 2009. Il-Kummissarju għall-Amministrazzjoni (Ombudsman) ta' Ċipru, is-Sra. Eliana NICOLAOU, u l-Ombudsman Ewropew laqgħu u mexxew is-Seminar flimkien. B'kollox, waqt is-Seminar kienu rrappreżentati uffiċċji tal-ombudsmen nazzjonali u reġjonali minn 29 pajjiż differenti. Il-partiċipanti kienu ġejjin ukoll mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, il-Kunsill tal-Ewropa u l-awtoritajiet pubbliċi Ċiprijotti.



Is-Seba' Seminar tal-Ombudsmen Nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi kandidati sar f'Paphos, Ċipru, f'April 2009. B'kollox, uffiċċji tal-ombudsmen nazzjonali u reġjonali minn 29 pajjiż kienu rrappreżentati waqt is-Seminar li ffoka fuq: il-moviment ħieles taċ-ċittadini Ewropej, it-trattament ugwali taċ-ċittadini Ewropej, l-ammissjoni, l-integrazzjoni u r-regolarizzazzjoni tal-immigranti, u l-ażil u d-drittijiet għal proċedura ta' ażil.

Is-Seminar, li kien intitolat “L-immigrazzjoni u l-impatt tagħha fuq il-ħidma tal-ombudsmen”, kien maqsum f'erba' sessjonijiet tematiċi. Fost il-kelliema prinċipali kien hemm is-Sur Jacques BARROT, Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà li, permezz ta' messaġġ' b'vidjo, tkellem rigward il-politika Ewropea dwar l-immigrazzjoni u l-ażil, u s-Sra. Elspeth GUILD, Professur tal-liġi dwar l-immigrazzjoni fl-Università ta' Nijmegen fl-Olanda u involuta fil-programm Jean Monnet, li tat rendikont komprensiv u intuittiv tal-immigrazzjoni fi ħdan l-Unjoni.

L-Ombudsmen Ewropej — Newsletter

L-Ombudsmen Ewropej — *Newsletter* tkopri l-ħidma tal-membri tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen u s-šhubija usa' tar-reġjun Ewropew tal-Istitut tal-Ombudsman Internazzjonali (IOI). Din in-newsletter, li nkitbet bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bit-Taljan, u bl-Ispanjol, hija indirizzata lil aktar minn 400 uffiċċju fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali. L-Ombudsman Ewropew jippubblika n-*Newsletter* darbtejn fis-sena – f'April u f'Ottubru. Fl-2009, iż-żewġ edizzjonijiet kien fihom artikli dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti, inkluż id-dritt taċ-ċittadini għall-moviment ħieles, kwistjonijiet relatati mal-immigrazzjoni u l-ażil, l-irwol tal-ombudsmen fis-superviżjoni tal-ħabsijiet, il-ksur tad-drittijiet għall-kura tas-saħħa, l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, u t-trasferiment tal-funzjonijiet pubbliċi lis-settur privat. Artikli oħrajn kienu jittrattaw il-protezzjoni tal-persuni l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà, b'mod partikolari t-tfal, il-persuni b'diżabilità, il-persuni bla dar u l-anzjani. Tema komuni li tiġi ttrattata f'ħafna minn dawn l-artikli hija l-irwol tal-ombudsmen sabiex jassiguraw li l-liġi tal-UE tiġi implimentata b'mod ših.

Għodod ta' Komunikazzjoni Elettronika

Id-diskussjoni tal-Ombudsman fuq l-Internet u l-forum għall-qsim tad-dokumenti għall-ombudsmen u l-persunal tagħhom fl-Ewropa wrew bil-provi li huma għodod estremament siewja għan-Netwerk. Aktar minn 260 individwu għandhom aċċess għall-forum, li joffri possibbiltajiet għall-kooperazzjoni ta' kuljum bejn u fost l-uffiċċji.

L-aktar parti popolari tal-forum hija s-servizz tal-*Ombudsman Daily News*, li jiġi ppubblikat f'kull ġurnata tax-xogħol u jinkludi aħbarijiet mill-uffiċċji tal-ombudsmen kif ukoll mill-UE. Kważi kull uffiċċju nazzjonali u reġjonali tal-ombudsman madwar l-Ewropa jikkontribwixxu għal u jikkonsultaw id-*Daily News* fuq bażi regolari.

Fl-2009, l-uffiċċji tal-ombudsman komplew jaqsmu informazzjoni billi jibagħtu mistoqsijiet u tweġibiet fuq il-forum tad-diskussjoni li huwa utli ħafna. Fost il-kwistjonijiet koperti matul is-sena inkwistjoni kien hemm il-kura tas-saħħa transkonfinali, persuni minuri barranin mhux akkumpanjati, id-diskriminazzjoni reliġjuża u l-libertà tal-kuxjenza, aġenziji tas-sigurtà nazzjonali, ilmenti kontra l-banek ċentrali, u kuntatti maċ-ċentri nazzjonali ta' SOLVIT.

Il-kontenut tal-forum tad-diskussjoni jinkludi lista awtorevoli ta' ombudsmen nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri tal-UE, in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-pajjiżi applikanti. Il-lista tiġi aġġornata kull darba li jinbidlu d-dettalji ta' kuntatt għal uffiċċju tal-ombudsman u għalhekk hija riżors indispensabbli għall-ombudsmen madwar l-Ewropa.

■ Laqgħat tal-Ombudsman

Matul is-sena, l-isforzi tal-Ombudsman sabiex jikkollabora mal-kontropartijiet tiegħu mxew 'lil hinn mill-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. Bil-għan tal-promozzjoni tal-ħidma tal-

Fost l-attivitajiet ewlenin li pparteċipa fihom

I-Ombudsman fl-2009 kien hemm id-Disa'

Konferenza Dinjija tal-Istitut Internazzjonali

tal-Ombudsman (IOI) organizzata f'Ġunju fil-kapitali

Żvediża, fejn ġie ċelebrat ukoll il-biċċentinarju

tal-Ombudsman Parlamentari Żvediż.

ombudsman u l-iskambju tal-aqwa prattika, is-Sur DIAMANDOUROS u l-persunal tiegħu attendew għall-avvenimenti li organizzaw l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali madwar l-Ewropa, inkluż fl-Albanija, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, in-Norveġja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit. Fost l-attivitajiet ewlenin li pparteċipa fihom l-Ombudsman fl-2009 kien hemm id-Disa' Konferenza Dinjija tal-Istitut Internazzjonali tal-Ombudsman (IOI) organizzata f'Ġunju

fil-kapitali Żvediża, fejn ġie ċelebrat ukoll il-biċċentinarju tal-Ombudsman Parlamentari Żvediż. Il-konferenza, maħsuba biex tfakkar dan l-avveniment importanti, iddeskriviet l-evoluzzjoni tal-istituzzjoni tal-ombudsman mill-orijini Żvediża tagħha sal-forom varji li tiegħu illum il-ġurnata. L-Ombudsman Ewropew indirizza wkoll il-Laqqgħa Annwali tal-Assoċjazzjoni Brittanika u Irlandiża tal-Ombudsman f'Warwick, ir-Renju Unit, u l-Assemblea Ġenerali tal-Istitut tal-Ombudsman Ewropew li saret f'Ottubru fil-belt ta' Firenze, l-Italja. Is-Segretarju Ġenerali tal-Ombudsman, is-Sur Ian HARDEN, irrappreżenta l-istituzzjoni waqt it-Tielet Laqqgħa tal-Assoċjazzjoni tal-Ombudsmen tal-Mediterran li saret f'Diċembru fil-belt ta' Ateni, il-Greċja.

4.3 Relazzjonijiet ma' partijiet interessati oħrajn

L-Ombudsman Ewropew huwa impenjat sabiex jassigura li kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni li jista' jkollha problema mal-amministrazzjoni tal-UE tkun konxja tad-dritt li tressaq l-ilment tagħha dwar amministrazzjoni ħażina. Huwa ħerqan ukoll li jqajjem kuxjenza b'mod aktar ġenerali dwar l-isforzi tiegħu biex jippromwovi t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-kultura tas-servizz fl-amministrazzjoni tal-UE. L-attivitajiet f'dan il-qasam komplew jiġu żviluppati matul l-2009, fejn saru madwar 145 preżentazzjoni mill-Ombudsman u l-persunal tiegħu.

Din is-sezzjoni tagħti ħarsa ġenerali lejn in-numru kbir ta' modi kif l-Ombudsman fittex li jqajjem kuxjenza dwar il-ħidma tiegħu matul is-sena.

■ Konferenzi u laqgħat

L-Involviment tal-Ombudsman

Fl-2009, l-Ombudsman għadda żmien konsiderevoli jiltaqa' mal-partijiet interessati ewlenin sabiex jispjega s-servizzi tiegħu u sabiex jitgħalliem dwar l-esperjenzi tagħhom fl-ittrattar mal-amminstrazzjoni tal-UE. Huwa ppreżenta xogħolu f'aktar minn

Fl-2009, l-Ombudsman għadda żmien konsiderevoli jiltaqa' mal-partijiet interessati ewlenin sabiex jispjega s-servizzi tiegħu u sabiex jitgħalliem dwar l-esperjenzi tagħhom fl-ittrattar mal-amminstrazzjoni tal-UE.

60 avveniment lill-membri tal-komunità legali, assoċjazzjonijiet tan-negozju, gruppi ta' esperti, NGos, rappreżentanti tal-amminstrazzjonijiet reġjonali u lokali, lobbyists u gruppi ta' interess, akkademiċi, rappreżentanti politiċi ta' livell għoli, u impjegati taċ-ċivil. Dawn il-konferenzi, seminars, u laqgħat ġew organizzati

fi Brussell u fl-Istati Membri, ta' spiss bħala parti miż-żjarat ta' informazzjoni tal-Ombudsman (ara hawn taħt). Avvenimenti ewlenin partikolari kienu l-avveniment għas-soluzzjoni tal-problemi li sar fil-Parlament Ewropew f'Marzu u l-workshop għall-impriża żgħira u ta' daqs medju, li ġie organizzat bħala parti mill-ġimgħa ddedikata lill-SMES f'Mejju 2009.

L-Ombudsman Ewropew jaħdem ħafna sabiex jassigura li l-individwi li jkollhom problema sabiex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont il-liġijiet tal-UE jkunu jafu min jista' jgħin. F'Marzu 2009, huwa organizza seminar fi Brussell, intitolat "Is-Soluzzjoni għall-Problemi fl-UE – Fejn nistgħu nduru?" (*Problem solving in the EU – Where to turn?*). Għal dan l-avveniment attendew aktar minn 100 persuna sabiex jispjega dwar is-servizzi pprovduti mill-Ombudsman Ewropew, il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Petizzjonijiet, SOLVIT, u s-Servizz ta' Azzjoni taċ-Ċittadini Ewropej (*European Citizen Action Service - ECAS*).



L-Involviment tal-Persunal tal-Ombudsman

Il-membri tal-persunal tal-Ombudsman huma ugwalment attivi fil-promozzjoni tal-għarfien dwar l-istituzzjoni. Matul l-2009, dawn il-membri tal-persunal taw aktar minn 85 preżentazzjoni lil madwar 2 600 ċittadin minn madwar l-UE. Ħafna mill-viżitaturi kienu ġejjin mill-Ġermanja, segwita minn Franza, l-Awstrija, u l-Greċja. Fost il-parteċipanti f'dawn il-preżentazzjonijiet kien hemm studenti u apprendisti, avukati u mħallfin, ġurnalisti, intraprendituri u lobbyists, uffiċjali tal-gvern u impjegati taċ-ċivil, persunal mill-uffiċċji tal-ombudsman, u persunal tal-armata.

Filwaqt li l-limitazzjonijiet fir-riżorsi jillimitaw in-numru ta' preżentazzjonijiet li jistgħu jsiru kull sena, l-Ombudsman jipprova, sa fejn ikun possibbli, li jaċċetta stedinet u talbiet mingħand partijiet interessati. Dawn il-preżentazzjonijiet kollha huma estremament importanti sabiex jgħinu fl-għoti ta' 'wiċċ uman' lill-amminstrazzjoni tal-UE.

■ Żjarat ta' informazzjoni

Bil-għan li jqajjem kuxjenza dwar il-ħidma tiegħu u biex ikompli jintensifika r-relazzjonijiet tiegħu mal-kontropartijiet nazzjonali u reġjonali, l-Ombudsman daħal fi programm intensiv ta' żjarat ta' informazzjoni fl-Istati Membri u fil-pajjiżi ta' adegħjoni

Iż-żjarat ta' informazzjoni ħadu lill-Ombudsman fis-Slovakja u fir-Repubblika Ċeka f'Mejju 2009, u fil-Finlandja u l-Estonja f'Ottubru.

fl-2003. Dawn iż-żjarat komplew isiru b'pass mgħaġġel. Iż-żjarat ta' informazzjoni ħadu lill-Ombudsman fis-Slovakja u fir-Repubblika Ċeka f'Mejju 2009, u fil-Finlandja u l-Estonja f'Ottubru. F'Ġunju, l-Ombudsman invjaġġa wkoll lejn l-Italja għal numru ta' avvenimenti maħsuba biex iqajmu kuxjenza.

IS-SLOVAKJA — L-Ombudsman Ewropew żar is-Slovakja bejn it-13 u l-15 ta' Mejju 2009. L-Uffiċċju tal-Ombudsman Slovakk, is-Sur Pavel KANDRÁČ, organizza din iż-żjara. Is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-President Slovakk, Dr Ivan GAŠPAROVIČ, mal-Prim Ministru, is-Sur Robert FICO, u mad-Deputat Kelliem tal-Parlament, is-Sur Miroslav Číž. Huwa ltaqa' wkoll mal-Assoċjazzjoni tal-Ġudikatura Slovakk u mal-Kamra tal-Kummerċ Slovakk, ma' rappreżentanti ta' SOLVIT u man-Netwerk Ewropew għall-Intrapriżi li pparteċipaw f'dawn il-laqgħat. L-Ombudsman ta lekċer fl-Università tal-Ekonomija fi Bratislava u li għaliha attendew ukoll rappreżentanti tal-NGOs. Wara konferenza stampa, il-gazzetti, ir-radju u t-televiżjoni fis-Slovakja rrapportaw iż-żjara tal-Ombudsman b'mod estensiv.



IS-SLOVAKJA — Matul iż-żjara ta' informazzjoni tiegħu fis-Slovakja, li saret bejn it-13 u l-15 ta' Mejju, l-Ombudsman iltaqa' mal-President Slovakk, mal-Prim Ministru u mad-Deputat Kelliem tal-Parlament, u organizza firxa ta' avvenimenti sabiex titqajjem kuxjenza. Is-Sur DIAMANDOUROS jidher fir-ritratt mal-Ombudsman Slovakk, is-Sur Pavel KANDRÁČ, li l-uffiċċju tiegħu organizza din iż-żjara.

IR-REPUBBLIKA ĊEKA — L-uffiċċju tad-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet (Ombudsman) tar-Repubblika Ċeka organizza ż-żjara ta' informazzjoni tal-Ombudsman Ewropew f'Brno u fi Praga bejn is-17 u l-20 ta' Mejju. F'Brno, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' fit-tul mal-Ombudsman, is-Sur Otakar MOTEJL, u mal-persunal tiegħu. Huwa esprima l-opinjoni tiegħu mal-ogħla rappreżentanti tas-sistema legali Ċeka, inkluż iċ-Chairperson tal-Qorti Suprema, is-Sra. Iva BROŽOVÁ. Huwa ltaqa' wkoll mar-rappreżentanti tal-NGOs, mal-Kunsill Reġjonali tal-Koeżjoni tar-Reġjun tax-Xlokk waqt avveniment ta' informazzjoni li kien organizzat bħala parti miż-żjara. Fi Praga, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-President Ċek, is-Sur Václav KLAUS, mal-Prim Ministru, is-Sur Jan FISCHER, u mal-Ministru għad-Drittijiet tal-Bniedem, is-Sur Michael KOCÁB. Huwa ddiskuta wkoll mal-Kamra tal-Kummerċ Ċeka, mar-rappreżentanti Ċeki ta' SOLVIT u man-Netwerk Ewropew għall-Intrapriżi.



IR-REPUBBLIKA ĊEKA — L-Uffiċċju tad-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet (Ombudsman) tar-Repubblika Ċeka organizza ż-żjara ta' informazzjoni tal-Ombudsman Ewropew f'Brno u fi Praga bejn is-17 u l-20 ta' Mejju. Iż-żjara kienet irrapportata b'mod estensiv mill-mezzi tal-midja Ċeki, wara konferenza stampa konġunta tas-Sur DIAMANDOUROS u s-Sur MOTEJL, li t-tnejn jidhru fir-ritratt flimkien mal-ġurnalisti.

IL-FINLANDJA — L-Ombudsman Ewropew żar il-Finlandja mill-25 sat-28 ta' Ottubru. Din saret wara stedina mill-Ministru għall-Affarijiet Ewropej, is-Sra. Astrid THORS. Qabel iż-żjara, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-Kummissarju responsabbli għat-Tkabbir, is-Sur Olli REHN, sabiex jiddiskutu kwistjonijiet tal-UE kif jappartjenu lill-Finlandja. Matul iż-żmien li qatta' f'Helsinki, l-Ombudsman iltaqa' mal-Ombudsman Parlamentari, is-Sra. Riitta-Leena PAUNIO, u l-persunal tagħha, u ppreżenta x-xogħol tiegħu lil NGOs, membri tal-komunità tan-negozju, studenti tal-università u lill-mezzi tal-midja. Huwa iltaqa' mal-President tal-Finlandja, is-Sra. Tarja HALONEN, mal-President tal-Qorti Amministrattiva Suprema, is-Sur Pekka HALLBERG, u mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin, is-Sra. Astrid THORS. Huwa kellu wkoll laqgħat mad-Deputat Kanċillier tal-Ġustizzja, is-Sur Mikko PUUMALAINEN, mal-Ombudsman għall-Protezzjoni tad-Dejta, is-Sur Reijo AARNIO, u ma' numru ta' kumitati parlamentari.

IL-FINLANDJA — L-Ombudsman Ewropew
żar il-Finlandja mill-25 sat-28 ta' Ottubru.
L-Ombudsman Parlamentari Finlandiż
għen sabiex tiġi organizzata iż-żjara,
flimkien mal-Uffiċċju tal-Infommazzjoni
tal-Parlament Ewropew u mar-Rappreżentanza
tal-Kummissjoni Ewropea. Avveniment
partikolari matul iż-żjara kienet il-laqgħa
mal-ewwel Ombudsman Ewropew, is-Sur
Jacob SÖDERMAN MP, li introduċa lis-Sur
DIAMANDOUROS waqt il-lekċer tal-Ombudsman
fl-Università ta' Helsinki u ħa sehem fil-laqgħa
fejn ingħatat l-infommazzjoni lill-ġurnalisti.



L-ESTONJA — L-Ombudsman mar l-Estonja, mid-29 sat-30 ta' Ottubru, għal iżjara ta' infommazzjoni organizzata mill-Kanċillier tal-Ġustizzja, is-Sur Indrek TEDER. L-Ombudsman tkellem mal-persunal tal-Kanċillier tal-Ġustizzja u ddiskuta fit-tul mal-Kanċillier u mad-Deputat tiegħu, is-Sur Madis ERNITS. Matul iż-żjara tiegħu huwa ltaqa' mal-President tal-Estonja, is-Sur Toomas HENDRIK ILVES, mal-President tal-Parlament, is-Sra. Ene ERGMA, u mal-Ministru tal-Ġustizzja, is-Sur Rein LANG. Huwa ta wkoll lekċer pubbliku fl-Università ta' Tartu u ltaqa' ma' rappreżentanti tal-komunità tan-negozju fl-Estonja, kif ukoll mal-Assoċjazzjoni Estonjana tal-Imħallfin. Qabel erħilha lejn Talinn, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-Viċi President tal-Kummissjoni li huwa responsabbli għall-Affarijiet Amministrattivi, il-Verifika u Kontra l-Frodi, is-Sur Siim KALLAS, sabiex jiddiskuti miegħu l-għan taż-żjara ta' infommazzjoni.

L-ESTONJA — Bħala parti miż-żjara ta'
infommazzjoni tal-Ombudsman fl-Estonja,
l-Uffiċċju tal-Infommazzjoni tal-Parlament
Ewropew f'Talinn organizza laqgħa ta' għoti ta'
infommazzjoni għall-NGOs u l-ġurnalisti, kif
ukoll għadd ta' intervisti mal-midja, biex b'hekk
titqajjem kuxjenza dwar iż-żjara tal-Ombudsman.
Fir-ritratt ta' taħt, is-Sur DIAMANDOUROS jidher
waqt il-laqgħa tal-għoti ta' infommazzjoni,
flimkien mal-Kap tal-Uffiċċju tal-Infommazzjoni
tal-Parlament is-Sra. Kadi HERKÜL.



L-ITALJA — L-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Muniċipalitajiet Taljani (ANCI — *the National Association of Italian Municipalities*) stiednet lill-Ombudsman Ewropew f'Palermo għal avveniment sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-ħidma tiegħu. Waqt li kien f'Palermo, bejn it-2 u t-3 ta' Ġunju, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mar-rappreżentanti tal-awtoritajiet reġjonali, inkluż mal-President tal-Kunsill Reġjonali, is-Sur Alberto CAMPAGNA, u mas-Sindku ta' Palermo, is-Sur Diego CAMMARATA. L-Ombudsman imbagħad ivvjaġġa lejn Ruma għal diversi laqgħat, l-aktar notevoli mal-President tar-Repubblika, is-Sur Giorgio NAPOLITANO. Huwa tkellem waqt avveniment organizzat mill-Kunsill tal-Ġudikatura tal-Italja u skambja opinjonijiet mas-Sur Sabino CASSESE, imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali Taljana, u mas-Sur Sandro GOZI MP, li ppropona l-abbozz ta' liġi sabiex jiġi stabbilit ombudsman nazzjonali fl-Italja. Is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' wkoll mal-Kap tad-Dipartiment Taljan għall-Politika Komunitarja, is-Sur Roberto ADAM, u mar-rappreżentanti Taljani ta' SOLVIT.

L-ITALJA — Is-Sur DIAMANDOUROS żar l-Italja bejn it-2 u l-5 ta' Ġunju, wara stedina mis-Segretarju Ġenerali ta' ANCI Sicilia, is-Sur Andrea PIRAINO, sabiex ikellem lill-membri tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Muniċipalitajiet Taljani (ANCI). Is-Sur DIAMANDOUROS jidher fir-ritratt waqt l-avveniment f'Palermo, fejn huwa ddeskriva x-xogħol tiegħu u t-tipi ta' ilmenti li jittratta. L-Ombudsman ta' Misilmeri, is-Sur Pierangelo BONANNO, għen fl-organizzazzjoni taż-żjara tal-Ombudsman f'Palermo.



Dawn iż-żjarat kollha kienu siewja ħafna għat-tqajjim ta' kuxjenza dwar id-drittijiet taċ-ċittadini skont il-liġi tal-UE, biex jiżdied il-profil pubbliku tal-Ombudsman Ewropew u tal-kontropartijiet nazzjonali tiegħu, u għall-ġħoti ta' informazzjoni rigward id-dritt li persuna tressaq ilment.

■ Attivitàjiet tal-midja

L-Ombudsman jirrikonoxxi l-irwol importanti li għandha l-midja sabiex huwa jkun jista' jinforma l-opinjoni pubblika, jarrikkixxi d-dibattitu, u jżid il-viżibilità tas-servizzi tiegħu fl-Istati Membri tal-UE.

Politika pro-attiva tal-midja tikkostitwixxi komponent ċentrali fl-attivitàjiet tiegħu u fl-isforzi tiegħu sabiex jippromwovi r-rispett għad-drittijiet skont il-liġi tal-UE u biex tittejjeb il-kwalità tal-amministrazzjoni.

Politika pro-attiva tal-midja tikkostitwixxi komponent ċentrali fl-attivitàjiet tiegħu u fl-isforzi tiegħu sabiex jippromwovi r-rispett għad-drittijiet skont il-liġi tal-UE u biex tittejjeb il-kwalità tal-amministrazzjoni.

L-attivitàjiet ewlenin tal-Ombudsman fuq il-mezzi tal-midja fl-2009 kienu jinkludi konferenzi stampa fi Brussell sabiex jippreżenta r-Rapport Annwali tiegħu, kif ukoll fi Bratislava, Praga, Helsinki u Tallinn, bħala parti miż-żjarat ta' informazzjoni msemmija diġà. Il-laqgħat ta' għoti ta' informazzjoni għall-istampa ma' ġurnalisti interessati minn firxa ta' gazzetti u aġenziji oħrajn tal-istampa taw lill-Ombudsman l-opportunità li jispjega l-ħidma tiegħu liċ-ċittadini u jesprimi l-fehmiet tiegħu dwar suġġetti rilevanti. Finalment, fl-2009, is-Sur DIAMANDOUROS ta madwar 40 intervista lil ġurnalisti mill-mezzi tal-midja tal-istampa, tax-xandir u dik elettronika, fi Strasburgu, fi Brussell, u f'postijiet oħrajn, l-aktar notevoli waqt iż-żjarat ta' informazzjoni tiegħu.

Fl-2009, inħarġu u tqassmu lill-ġurnalisti u partijiet interessati madwar l-Ewropa xejn inqas minn wieħed u għoxrin stqarrija għall-istampa. Fost il-kwistjonijiet koperti kien hemm ir-reviżjoni tar-regoli tal-UE dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru, il-ħlasijiet

tard mill-Kummissjoni Ewropea, l-iffinanzjar tal-bini tal-Parlament Ewropew, u ilment sottomess mill-produttur tal-mikro-proċessur, Intel.

Is-sena 2009 rat ħafna rappurtaġġ mill-midja fuq il-ħidma tal-Ombudsman, l-aktar notevoli dwar ilment sottomess mill-produttur tal-mikro-proċessur, Intel, il-kwistjoni tat-trasparenza, u *r-Rapport Annwali 2008*. Fir-ritratt, l-Ombudsman jidher waqt intervista mal-europarltv, wara d-dibattitu li sar fil-Parlament dwar l-attivitajiet tiegħu fl-2008.



Ir-rappurtaġġ mill-midja dwar ix-xogħol tal-Ombudsman żdied b'mod sinjifikanti mill-2008 għall-2009, b'żieda ta' 85 % fin-numru ta' *press cuttings* identifikati. Dan kien dovut l-aktar għall-kopertura estensiva tal-ilment ta' Intel imsemmi qabel (ara s-Sezzjoni 3.3).

■ Pubblikazzjonijiet

Matul is-sena tqassam materjal dwar il-ħidma tal-Ombudsman, b'mod partikolari waqt il-Jiem Miftuħa għall-Pubbliku li l-Parlament Ewropew organizza fi Brussell u fi Strasburgu f'Mejju.

Il-pubblikazzjonijiet kollha tal-Ombudsman huma disponibbli fuq il-websajt tiegħu <http://www.ombudsman.europa.eu> u jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas mill-ħanut tal-kotba online tal-UE: <http://bookshop.europa.eu>

Ta' interess partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-pubblikazzjonijiet fl-2009 kien hemm ir-*Rapport Annwali* bi stil ġdid u d-dokument tas-sommarju l-ġdid, *Ħarsa Ġenerali 2008*. L-Ombudsman irċieva kummenti pożittivi dwar dawn iż-żewġ publikazzjonijiet, li kienu kompletament eżaminati bir-reqqa sabiex ikunu aktar aċċessibbli u faċli biex jintużaw. Iż-żewġ pubb-

likazzjonijiet ġew prodotti fit-23 lingwa uffiċjali tal-UE u tqassmu lill-partijiet interessati ewlenin u lill-pubbliku ġenerali. Il-pubblikazzjonijiet kollha tal-Ombudsman huma disponibbli fuq il-websajt tiegħu <http://www.ombudsman.europa.eu> u jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas mill-ħanut tal-kotba online tal-UE: <http://bookshop.europa.eu>

Fl-2009 ukoll, l-Uffiċċju tal-Ombudsman iffinalizza l-preparamenti sabiex tinholq identità viżiva ġdida għall-istituzzjoni, inklużi logos ġodda kemm għall-Ombudsman Ewropew kif ukoll għan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. L-identità viżiva l-ġdida ser tiġi mnedija fl-2010.

■ Komunikazzjonijiet Elettroniċi

Komunikazzjoni bil-posta elettronika

Kważi 60 % tal-ilmenti kollha li rċieva l-Ombudsman fl-2009 intbagħtu permezz tal-Internet. Proporzjon kbir minn dawn (72 %) kienu rċevuti permezz tal-formola elettronika għall-ilmenti, li hija disponibbli fuq il-websajt tal-Ombudsman fi 23 lingwa.

Fl-2009, il-kont ewlieni tal-e-mail tal-Ombudsman intuża sabiex jiġu mwiegħba total ta' aktar minn 1 850 e-mail, kollha jitolbu aktar informazzjoni. Dan jitqabbel ma' madwar 4 300 fl-2008, 4 100 fl-2007, u 3 500 fl-2006. It-tnaqqis sinjifikanti fit-talbiet għall-informazzjoni irċevuti fl-2009 huwa fil-maġġoranza tiegħu mertu tas-suċċess kbir tal-gwida interattiva l-ġdida li l-Ombudsman għamel

disponibbli fuq il-websajt tiegħu. Din il-gwida għamlitha possibbli li n-nies ikunu jistgħu jiksibu l-informazzjoni meħtieġa huma stess mingħajr ma jkollhom bżonn jissottomettu talba. Madwar 1 600 mill-1 850 e-mail b'talba għall-informazzjoni kienu talbiet individwali, u kollha kemm huma rċevew tweġibiet individwali minn membru xieraq tal-persunal tal-Ombudsman. Madwar 250 minn dawn l-e-mails kienu relatati mal-posta tal-massa, u kienu jikkonċernaw primarjament l-allegati diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom l-istazzjonijiet tat-televiżjoni Katalani biex ixandru fir-reġjun ta' Valenzja.

Żviluppi fil-Websajt

Fil-5 ta' Jannar 2009, l-Ombudsman Ewropew nieda l-websajt ġdida tiegħu. L-għan ta' din il-websajt huwa li tagħti lill-viżitaturi informazzjoni ċara, konċiża u faċli biex tinftiehem dwar dak li jista' jagħmel l-Ombudsman Ewropew. Hija toffri ħarsa ġenerali lejn dak li rnexxieli jikseb l-Ombudsman sal-lum il-ġurnata, u tispjega kif jista' jitressaq ilment. Matul is-sena, il-websajt ġiet aġġornata regolarment b'deċiżjonijiet, sommarji tal-każijiet, stqarrijiet għall-istampa, dettalji tal-avvenimenti li kienu ġejjin u pubblikazzjonijiet.

Ta' interess partikolari fuq il-websajt il-ġdida tal-Ombudsman hija l-gwida interattiva, li hija mmirata biex tgħin lill-individwi jidentifikaw liema huwa l-aktar korp adattat biex jirrikorru għalih

Fl-2009, aktar minn 26 000 persuna fittxew u rċevew pariri mingħand l-Ombudsman permezz tal-gwida interattiva.

bl-ilment tagħhom. Dan is-servizz qiegħed juri bil-provi li huwa partikolarment utli għaċ-ċittadini, in-negozji, u organizzazzjonijiet oħrajn madwar l-Ewropa. Fl-2009, aktar minn 26 000 persuna fittxew u rċevew pariri mingħand l-Ombudsman permezz tal-

gwida interattiva. L-aktar parir komuni li nġhata kien li n-nies jippreżentaw l-ilment tagħhom lill-Ombudsman Ewropew, segwit mill-parir sabiex isir kuntatt ma' Europe Direct, informazzjoni dwar l-irwol tal-Kummissjoni Ewropea sabiex tassigura li l-liġi tal-UE tiġi applikata, u parir sabiex isir kuntatt mal-ombudsman nazzjonali jew reġjonali.

Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2009, fil-websajt tal-Ombudsman daħlu madwar 340 000 viżitatur uniku, li, flimkien, żaru 'l fuq minn 4 miljun paġna elettronika. L-akbar numru ta' viżitaturi kien minn Spanja, u warajha, mill-Italja, il-Ġermanja, Franza u l-Belġju.

Sabiex jiġi żgurat li l-websajt tal-Ombudsman tibqa' fuq quddiemnett tal-websajts tal-UE, matul is-sena 2009, l-Uffiċċju tal-Ombudsman ipparteċipa fil-ħidma tal-Kumitat Editorjali tal-Internet Inter-Istituzzjonali tal-UE (CEiii).



Riżorsi

DAN il-Kapitolu jagħti ħarsa ġenerali lejn ir-riżorsi li tpoġġew disponibbli għall-istituzzjoni tal-Ombudsman fl-2009. Dan jinkludi deskrizzjoni tal-ħidma mwettqa mid-diversi dipartimenti u taqsimiet fi ħdan l-Uffiċċju, kif ukoll l-isforzi li saru sabiex jiġi assigurat li l-fluss tal-informazzjoni fost il-persunal jimxi mingħajr xkiel, u sabiex jiġu promossi l-opportunitajiet għall-iżvilupp professjonali. It-tieni parti tal-Kapitolu hija ddedikata għall-badġit tal-Ombudsman.

5.1 Il-Persunal

Sabiex jiġi żgurat li tkun kapaċi twettaq il-kompiti tagħha li tindirizza l-ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina fit-23 lingwa tat-Trattat, u sabiex tkun tista' tqajjem kuxjenza dwar il-ħidma tal-

Laqgħat regolari għall-persunal, flimkien ma' rtir annwali għall-istess persunal, jgħinu sabiex il-membri tal-persunal jiġu informati dwar l-iżviluppi fi ħdan l-Uffiċċju u jħeġġuhom jirriflettu fuq kif ix-xogħol tagħhom jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-istituzzjoni.

Ombudsman, l-istituzzjoni għandha persunal bi kwalifiki għoljin u multilingwali. Laqgħat regolari għall-persunal, flimkien ma' rtir annwali għall-istess persunal, jgħinu sabiex il-membri tal-persunal jiġu informati dwar l-iżviluppi fi ħdan l-Uffiċċju u jħeġġuhom jirriflettu fuq kif ix-xogħol tagħhom jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-istituzzjoni.

■ L-Irtir tal-Persunal

L-irtiri tal-persunal tal-Ombudsman Ewropew huma parti integrali mill-ippjanar strateġiku tal-Ombudsman, l-aktar notevoli billi jipprovdu ispirazzjoni u gwida utli għat-tfassil tal-politika u t-tħejjija tal-Pjan ta' Ġestjoni Annwali (*Annual Management Plan* – AMP). Huma jiffurmaw parti miċ-ċiklu annwali ta' avvenimenti li jipprovdu lill-persunal u l-apprendisti b'opportunità li jaqsmu l-opinjoni tagħhom dwar suġġetti li huma direttament relatati mal-ħidma tal-Ombudsman.

L-irtiri tal-persunal jiffurmaw parti miċ-ċiklu annwali tal-avvenimenti li jipprovdu lill-persunal u l-apprendisti b'opportunità li jiskambjaw l-opinjoni tagħhom b'mod informali dwar suġġetti li huma relatati direttament mal-ħidma tal-Ombudsman. L-irtir tal-2009 sar bejn il-11 u t-13 ta' Frar u ffoka fuq it-tema "Naħdmu flimkien". Is-suġġetti speċifiċi li ġew diskussi kienu: l-indirizzar tal-ilmenti, l-involvement mal-istituzzjonijiet, l-użu ta' lingwa sempliċi, u l-informar, l-involvement u l-valutazzjoni tal-persunal.



Konklużjonijiet li jintlaħqu matul dawn l-irtiri jgħinu fit-tfassil tal-għanijiet strateġiċi tal-Ombudsman li, min-naħa tagħhom jiggwidaw l-attivitajiet ta' kull taqsima.

L-irtir tal-2009 sar bejn il-11 u t-13 ta' Frar u ffoka fuq it-tema "Naħdmu flimkien". B'segwitu tal-irtir tal-2008, li kien iffoka fuq l-identità tal-istituzzjoni u l-kunċett ta' amministrazzjoni tajba, l-irtir tal-2009 iffoka aktar fuq il-ħidma interna tal-uffiċċju. Bħala parti mill-preparazzjoni għal dan l-irtir, membri tal-persunal ġew mistiedna sabiex iwieġbu l-istess kwestjonarju ta' awto-evalwazzjoni li kien intuża għall-irtir tal-2006. Dan sar sabiex ikun jista' jsir paragun dirett bejn ir-riżultati miksuba, sabiex jiġi identifikat il-progress li sar u l-oqsma li kienu għadhom iridu jiġu indirizzati. Ir-riżultati u l-analiżi tal-kwestjonarju ttieħdu f'kunsiderazzjoni sabiex jiġi stabbilit il-programm finali għall-preżentazzjonijiet u s-suġġetti għad-diskussjoni għall-irtir.

Bħal dawk li saru qablu, it-tielet irtir tqies bħala esperjenza tassew pożittiva mill-persunal. L-irtir li jmiss ġie skedat għal Frar 2010.

■ Laqgħat tal-Persunal

Huwa ppjanat li jsiru aktar laqgħat regolari tal-persunal sabiex jiġi assigurat li l-fluss tal-informazzjoni fost il-persunal jimxi mingħajr xkiel, kif ukoll biex jippromwovu l-opportunitajiet tal-iżvilupp professjonali. Bħala regola, l-aġenda għal dawn il-laqgħat tinkludi ħarsa ġenerali mill-Ombudsman tal-attivitajiet riċenti u futuri tiegħu, kif ukoll preżentazzjoni tal-iżviluppi amministrattivi, legali u politiċi li jaffettwaw lill-istituzzjoni. Is-Segretarju Ġenerali u l-Kapijiet tad-Dipartiment u tat-Taqsima wkoll jilagħbu rwol attiv fil-laqgħat tal-persunal. Matul is-sena inkwistjoni, il-laqgħat tal-persunal saru fl-10 ta' Lulju u fil-11 ta' Diċembru, u pprovdew forum utli għad-diskussjoni u l-qsim tal-informazzjoni.



Sabiex jgħin lill-membri tal-persunal jibqgħu infurmati rigward l-iżviluppi fi ħdan istituzzjonijiet oħrajn tal-UE, l-Ombudsman jistieden kelliema esterni sabiex jagħmlu preżentazzjonijiet dwar suġġetti rilevanti. Fl-20 ta' Novembru 2009, il-President tal-Qorti Ġenerali, is-Sur Marc JAEGER, ivvjaġġa lejn Strasburgu sabiex jittellem dwar "Il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba fil-liġi Komunitarja". F'dan ir-ritratt huwa jidher flimkien mal-Ombudsman.

Sabiex jgħin lill-membri tal-persunal jibqgħu infurmati rigward l-iżviluppi fi ħdan istituzzjonijiet oħrajn tal-UE, l-Ombudsman jistieden ukoll kelliema esterni biex jagħmlu preżentazzjonijiet dwar suġġetti rilevanti. Fl-20 ta' Novembru 2009, il-President tal-Qorti Ġenerali, is-Sur Marc JAEGER, ivvjaġġa lejn Strasburgu sabiex jittellem dwar "Il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba fil-liġi Komunitarja". Din il-preżentazzjoni eċċellenti qajmet sensiela ta' mistoqsijiet u kummenti fuq suġġett li huwa ta' importanza ċentrali għall-ħidma tal-Ombudsman.

L-Ombudsman u l-persunal tiegħu

Is-sezzjoni li ġejja tagħti ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-Uffiċċju tal-Ombudsman u tipprovdi xi informazzjoni ta' sfond dwar l-Ombudsman u l-persunal tat-tmexxija. Is-sezzjoni tispjega b'deskrizzjoni qasira tal-irwol tal-Kumitat tal-Persunal tal-Ombudsman u tal-Uffiċċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta.

L-Ombudsman Ewropew

P. Nikiforos DIAMANDOUROS — L-OMBUDSMAN EWROPEW

P. Nikiforos DIAMANDOUROS twieled f'Ateni, il-Greċja, fil-25 ta' Ġunju 1942. Huwa kien elett Ombudsman Ewropew fil-15 ta' Jannar 2003. Huwa ħa l-kariga fl-1 ta' April 2003 u kien elett għal darb'oħra għal terminu ta' ħames snin fil-11 ta' Jannar 2005.

Mill-1998 sal-2003, huwa kien l-ewwel Ombudsman Nazzjonali tal-Greċja. Huwa kien ukoll Professur tal-politika komparattiva fid-Dipartiment tax-Xjenza Politika u l-Amministrazzjoni Pubblika fl-Università ta' Ateni mill-1993 sa Awwissu 2009 (bil-lif mill-2003 sal-2009). Mill-1995 sal-1998 huwa serva bħala Direttur u President taċ-Ċentru Nazzjonali Grieg għar-Riċerka Soċjali (ΕΚΚΕ).

Huwa kiseb il-Bachelorat fix-xjenza politika mill-Università ta' Indiana (1963) u d-degrees tiegħu fil-grad ta' Masters (1965), M.Phil. (1969), u Ph.D. (1972) fl-istess qasam mill-Università ta' Columbia. Qabel ma ngħaqad mal-fakultà tal-Università ta' Ateni fl-1988, huwa żamm l-appuntamenti ta' taġħlim u riċerka fl-Università tal-Istat ta' New York u fl-Università ta' Columbia rispettivament (1973-78). Mill-1980 sal-1983, huwa serva bħala d-Direttur tal-Iżvilupp fil-Kulleġġ ta' Ateni, f'Ateni, il-Greċja. Mill-1983 sal-1988, huwa kien id-Direttur tal-Programm għall-Ewropa tal-Punent, kif ukoll għal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq fil-Kunsill tar-Riċerka dwar ix-Xjenzi Soċjali, fi New York. Mill-1988 sal-1991, huwa kien id-Direttur tal-Istitut Grieg għall-Istudji Internazzjonali u Strateġiċi, f'Ateni, grupp ta' esperti ta' riċerka orjentata lejn il-politika, li ġie stabbilit mill-fondi li ngħataw b'mod konġunt mill-Fondazzjonijiet Ford u MacArthur. Fl-1977, huwa kellu kariga ta' professur viżitatur tax-xjenza politika fiċ-Ċentru Juan March għall-Istudji Avanzati fix-Xjenzi Soċjali (Madrid).

Huwa serva bħala l-President tal-Assoċjazzjoni Griega tax-Xjenza Politika (1992-98) u tal-Assoċjazzjoni tal-Istati Uniti għall-Istudji tal-Grieg Modern (1985-88). Bejn l-1999 u l-2003, huwa serva bħala membru tal-Kummissjoni Nazzjonali tal-Greċja għad-Drittijiet tal-Bniedem, filwaqt illi mill-2000 sal-2003 huwa kien membru tal-Kunsill Nazzjonali Grieg għar-Riforma Amministrattiva. Mill-1988 sal-1995, huwa kien il-ko-president tas-Sottokumitat għan-Nofsinar tal-Ewropa tal-Kunsill tar-Riċerka tax-Xjenzi Soċjali, fi New York, li l-attivitajiet tiegħu huma ffinanzjati minn għotja mill-Fondazzjoni Volkswagen. Huwa wkoll l-Editur Ġenerali konġunt tas-Serje dwar l-Ewropa l-Ġdida tan-Nofsinar u l-benefiċjarju ta' *Fulbright* u *National Endowment* għall-għotjiet b'riżq ir-riċerka Umanitarja.

Huwa kiteb b'mod estensiv dwar il-politika u l-istorja tal-Greċja, in-nofsinar tal-Ewropa u x-Xlokk tal-Ewropa u, b'mod aktar speċifiku, dwar id-demokratizzazzjoni, l-istat u l-bini tan-nazzjon, kif ukoll ir-relazzjoni bejn il-kultura u l-politika. ■

— Is-Segretarjat tal-Ombudsman Ewropew

Is-Segretarjat tal-Ombudsman Ewropew huwa responsabbli għat-tmexxija tal-uffiċċju privat tal-Ombudsman u jipprovdi pariri lill-Ombudsman. Huwa jagħti pariri dwar ir-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-UE u dwar kwistjonijiet relatati mal-ħidma tal-Ombudsman fuq il-każijiet. Huwa jwettaq ukoll firxa ta' kompiti amministrattivi, inkluż li jmexxi l-aġenda tal-Ombudsman, jikkordina l-korrispondenza li jirċievi u li jibgħat, jittratta l-aspetti tal-protokoll dwar il-ħidma tal-istituzzjoni u jwettaq dmirijiet segretarjali ġenerali.

Is-Segretarju Ġenerali

Is-Segretarju Ġenerali huwa responsabbli għall-ippjanar strateġiku fi ħdan l-istituzzjoni u għas-sorveljanza tal-amministrazzjoni ġenerali tal-Uffiċċju. Huwa jagħti pariri lill-Ombudsman dwar

Is-Segretarju Ġenerali huwa responsabbli għall-ippjanar strateġiku fi ħdan l-istituzzjoni u għas-sorveljanza tal-amministrazzjoni ġenerali tal-Uffiċċju.

l-istruttura u t-tmexxija tal-Uffiċċju, dwar l-ippjanar tal-attivitajiet tiegħu, u l-monitoraġġ tal-ħidma u l-prestazzjoni tiegħu. B'mod speċifiku, fir-rigward tal-ħidma tad-Dipartiment Legali, is-Segretarju Ġenerali jagħti pariri lill-Ombudsman dwar l-istrateġija legali, u jassisti u jagħti pariri lill-Ombudsman fir-rigward tal-indirizzar tal-ilmenti u l-inkjesti. Finalment, is-Segretarju Ġenerali jikkordina r-relazzjonijiet bejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman

u l-istituzzjonijiet Ewropej l-oħrajn u għandu rwol ewlieni x'jilgħab fl-iżviluppar tar-relazzjonijiet mal-uffiċċji tal-ombudsman madwar l-Ewropa u sabiex jilħaq liċ-ċittadini Ewropej.

Ian HARDEN — SEGRETARJU ĠENERALI

Ian HARDEN twieled f'Norwich, l-Ingilterra, fit-22 ta' Marzu 1954. Huwa studja l-liġi fil-Kulleġġ ta' Churchill, f'Cambridge, fejn kiseb il-Bachelorat bl-Unuri tal-ewwel klassi fl-1975 u LLB fl-1976. Wara l-gradwazzjoni, huwa ngħaqad mal-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Sheffield, fejn huwa kien lekċerer mill-1976 sal-1990, lekċerer anzjan mill-1990 sal-1993, qarrej mill-1993 sal-1995, u sar professur tal-liġi pubblika fl-1995. Huwa ngħaqad mal-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew bħala Konsulent Legali Prinċipali fl-1996, fejn laħaq Kap tas-Segretarjat mis-sena 2000. Huwa nħatar Segretarju Ġenerali tal-Uffiċċju tal-Ombudsman fl-1 ta' Awwissu 2006. Huwa l-awtur jew ko-awtur ta' għadd numeruż ta' pubblikazzjonijiet dwar il-liġi tal-UE u l-liġi pubblika, inklużi *The Contracting State* (Buckingham: Open University Press, 1992); *Flexible Integration: Towards a more effective and democratic Europe* (London CEPR, 1995), u *European Economic and Monetary Union: The Institutional Framework* (Kluwer Law International, 1997). Huwa membru tal-*Association française de droit constitutionnel* u tal-Grupp għall-Istudju tal-Parlament fir-Renju Unit u professur onorarju fl-Università ta' Sheffield. ■

Id-Dipartiment Legali

Id-Dipartiment Legali jikkonsisti primarjament minn avukati li l-akbar responsabbiltà tagħhom hija li janalizzaw l-ilmenti li jirċievi l-Ombudsman Ewropew u li jwettaq inkjesti taħt is-superviżjoni

Id-Dipartiment Legali jikkonsisti primarjament minn avukati li l-akbar responsabbiltà tagħhom hija li janalizzaw l-ilmenti li jirċievi l-Ombudsman Ewropew u li jwettaq inkjesti taħt is-superviżjoni tal-Kap tad-Dipartiment Legali u ta' erba' Kapijiet tat-Taqsima Legali.

tal-Kap tad-Dipartiment Legali u ta' erba' Kapijiet tat-Taqsima Legali. Il-Kap tad-Dipartiment Legali jagħti wkoll pariri lill-Ombudsman dwar l-istrateġija legali u d-direzzjoni tal-istituzzjoni, kif ukoll imexxi d-Dipartiment.

Matul l-2009, id-Dipartiment kellu total ta' 25 membru tal-persunal, li jikkonsistu mill-Kap tad-Dipartiment Legali, erba' Kapijiet tat-Taqsima Legali, tliet konsulenti legali prinċipali, 14-il

uffiċjal legali, żewġ avukati-lingwisti, u assistent għall-Kap tad-Dipartiment Legali. Matul is-sena inkwistjoni, id-Dipartiment Legali ssorvelja 21 apprendist.

João SANT'ANNA — KAP TAD-DIPARTIMENT LEGALI

João SANT'ANNA twieled f'Setúbal, il-Portugall, fit-3 ta' Mejju 1957. Huwa studja l-liġi fl-Università ta' Liżbona mill-1975 sal-1980 u rreġistra mal-ġudikatura f'Liżbona fl-1981. Bejn l-1980 u l-1982, huwa ħadem bħala avukat fid-Diviżjoni Legali u Amministrattiva tal-Ministeru Portugiż għall-Affarijiet Interni għar-Reġjun ta' Liżbona. Bejn l-1982 u l-1984, huwa kompla l-istudji legali tiegħu, fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, fl-Università Ludwig-Maximilian, u fl-Istitut Max-Planck fi Munich. Wara li reġa' lura fil-Portugall fl-1984, huwa nħatar bħala Kap tad-Diviżjoni Legali u Amministrattiva tal-Ministeru Portugiż għall-Affarijiet Interni għar-Reġjun ta' Liżbona. Fl-1986, huwa sar impjegat taċ-ċivil tal-Parlament Ewropew, fejn kien jaħdem fid-Direttorati Ġenerali għall-Informazzjoni u r-Relazzjonijiet Pubbliċi, għar-Riċerka, għall-Persunal u l-Finanzi, u finalment, fis-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew. Fis-sena 2000 huwa ssieħeb fl-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew bħala Kap tad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi. Huwa nħatar bħala Kap tad-Dipartiment Legali fl-1 ta' Lulju 2007. ■

— Il-Kapijiet tat-Taqsimiet Legali

Kull Kap ta' Taqsima Legali jissorvelja tim ta' uffiċjali legali u apprendisti bil-għan li jiġi assigurat l-indirizzar tal-ilmenti ta' kwalità għolja. Huma jassistu lill-Kap tad-Dipartiment Legali sabiex jiġi assigurat li x-xogħol tad-Dipartiment ikun preċiż, fil-ħin u konsistenti. Dan jinvolve l-promozzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità mal-proċeduri interni, mal-istandards u mad-dati tal-għeluq. Il-Kapijiet tat-Taqsimiet Legali għandhom ukoll ir-responsabbiltajiet tagħhom personali, simili għal dawk tal-uffiċjali legali deskritti hawn taħt. Huma jirrappreżentaw ukoll lill-Ombudsman f'ċerti avvenimenti pubbliċi. Huma kollha jirrappurtaw lill-Kap tad-Dipartiment Legali, li miegħu jiltaqgħu regolarment.

Fil-preżent hemm erba' Kapijiet ta' Taqsimiet Legali. F'ordni alfabetika, dawn huma: is-Sur Peter BONNOR, li huwa Daniż u li ilu jaħdem fl-Uffiċċju tal-Ombudsman mill-1998, is-Sur Gerhard GRILL, ta' nazzjonalità Ġermaniża, li ngħaqad mal-uffiċċju tal-Ombudsman fl-1999, is-Sra. Marta HIRSCH-ZIEMBIŃSKA, Pollakka, li ssieħbet fl-2003, u s-Sur Fergal Ó REGAN. mill-Irlanda, li ssieħeb fl-2006.

— Uffiċjali Legali

L-Uffiċjali Legali jitrattaw l-ilmenti, li jistgħu jiġu sottomessi lill-Ombudsman fi kwalunkwe waħda mit-23 lingwa tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, huma jipproponu u jwettqu inkjesti fuq inizjattiva tagħhom stess, iwieġbu għat-talbiet għall-informazzjoni miċ-ċittadini, jipprovdu assistenza lill-Ombudsman dwar kwistjonijiet legali, jagħtu pariri fuq proċeduri legali, żviluppi u tradizzjonijiet tal-Istati Membri rispettivi tagħhom, u jagħmlu preżentazzjonijiet dwar ix-xogħol tal-Ombudsman.

Id-Dipartiment tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi

Id-Dipartiment tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi huwa responsabbli għax-xogħol kollu tal-Uffiċċju tal-Ombudsman li mhuwiex relatat direttament mal-eżaminazzjoni tal-ilmenti u mat-twettiq tal-

Id-Dipartiment tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi huwa responsabbli għax-xogħol kollu tal-Uffiċċju tal-Ombudsman li mhuwiex relatat direttament mal-eżaminazzjoni tal-ilmenti u mat-twettiq tal-inkjesti.

inkjesti. Mill-1 ta' Lulju 2008, dan id-dipartiment beda jkun kompost minn erba' taqsimiet, deskritti hawn taħt, kif ukoll mis-Segretarjat għall-Ilmenti. Il-Kap tad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi jikkoordina l-ħidma ġenerali tad-Dipartiment. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli għall-organizzazzjoni u l-operat ġenerali tal-uffiċċju, il-politika dwar il-persunal, jieħu

ħsieb jipproponi u jimplimenta l-istrateġija baġitarja u finanzjarja tal-istituzzjoni, u jirrappreżenta lill-Ombudsman f'għadd ta' fora interistituzzjonali. Fl-2009, id-Dipartiment kellu total ta' 34 membru tal-persunal.

João SANT'ANNA

KAP TAD-DIPARTIMENT TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-FINANZI (*AD INTERIM*) ■

— Is-Segretarjat tal-Ilmenti

Is-Segretarjat tal-Ilmenti huwa responsabbli għar-reġistrazzjoni, id-distribuzzjoni u s-segwitu tal-ilmenti sottomessi lill-Ombudsman Ewropew. Dan is-Segretarjat jassigura li l-ilmenti kollha jiġu rreġistrati f'database, jiġu rikonnoxxuti, u jintbagħtu lid-Dipartiment Legali. Huwa responsabbli mill-ġestjoni tal-korrispondenza kollha relatata mal-ilmenti li tiġi rċevuta u li tintbagħat, jassigura li r-reġistri tal-ilmenti fid-database jkunu aġġornati matul il-proċedura kollha tal-indirizzar tal-ilment, jissorvelja l-konformità mad-dati tal-għeluq, jipproduċi statistiċi relatati mal-ilmenti, u jiffajlja d-dokumenti relatati mal-ilmenti. Is-Sur Peter BONNOR huwa l-Kap tas-Segretarjat tal-Ilmenti.

— It-Taqsima tal-Amministrazzjoni u l-Persunal

Il-kompiti tat-Taqsima tal-Amministrazzjoni u l-Persunal huma vasti. Dawn jinkludu r-reklutaġġ u l-ġestjoni tal-persunal, l-indirizzar tal-korrispondenza li tidħol u li toħroġ, l-iswiċċbord tat-telefon, l-infrastruttura tal-uffiċċju, il-koordinazzjoni tat-traduzzjoni tad-dokumenti, l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-librerija tar-referenza legali, u l-politika tal-istituzzjoni dwar id-dokumentazzjoni u l-arkivjar. Din it-Taqsima hija responsabbli wkoll għall-politika tat-teknoloġija tal-informatika tal-istituzzjoni u biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-IT fl-uffiċċju, kompitu li twettaq f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew. Din it-Taqsima hija mmexxija mis-Sur Alessandro DEL BON, li huwa ta' nazzjonalità doppja (Ġermaniża-Taljana), u li nġhaqad mal-Uffiċċju tal-Ombudsman fl-1998.

— It-Taqsima Baġitarja u Finanzjarja

It-Taqsima Baġitarja u Finanzjarja hija responsabbli sabiex tassigura li l-Uffiċċju tal-Ombudsman ikun konformi mar-regoli finanzjarji applikabbli u sabiex tiggarantixxi li r-riżorsi disponibbli jintużaw b'mod ekonomiku u effiċjenti, u li jkunu protetti b'mod adegwat. Din it-Taqsima hija responsabbli wkoll sabiex tistabbilixxi u timplimenta l-mekkaniżmi xierqa tal-kontroll intern li huma meħtieġa sabiex jintlaħqu dawn il-miri. Dawn ir-responsabbiltajiet ġejjin mill-fatt li l-Ombudsman Ewropew għandu baġit indipendenti. Taħt ir-responsabbiltà tal-Uffiċċjal li Jawtorizza permezz ta' Delega, l-uffiċjali finanzjarji jħejju u jesegwixxu l-baġit. Il-Kap ta' din it-Taqsima huwa s-Sur Loïc JULIEN, li huwa Franċiż, u li beda jaħdem għall-Ombudsman fl-2005.

— It-Taqsima tal-Komunikazzjoni

It-Taqsima tal-Komunikazzjoni hija responsabbli għall-produzzjoni tal-pubblikazzjonijiet u l-materjal promozzjonali tal-Ombudsman, għall-manutenzjoni u l-iżviluppar tal-websajts tal-Ombudsman u sabiex tistabbilixxi identità viżiva għall-istituzzjoni. Din it-Taqsima tikkoordina wkoll in-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen u, b'mod aktar ġenerali, ir-relazzjonijiet ma' assoċjazzjonijiet tal-ombudsman fl-Ewropa u 'lil hinn minnha. Il-Kap ta' din it-Taqsima huwa s-Sur Ben HAGARD, ċittadin Brittaniku, li ssieħeb fl-Uffiċċju tal-Ombudsman fl-1998.

— It-Taqsima tal-Midja, l-Intrapriża u s-Soċjetà Ċivili

It-Taqsima tal-Midja, l-Intrapriża u s-Soċjetà Ċivili hija responsabbli sabiex tassisti lill-Ombudsman ħalli jilħaq individwi u organizzazzjonijiet li jistgħu jiġu bżonn is-servizzi tiegħu. Hija tgħin sabiex tqajjem kuxjenza tal-ħidma tal-Ombudsman f'kull parti tal-Unjoni. It-Taqsima żżomm u tippromwovi relazzjonijiet mal-midja, torganizza l-avvenimenti u ż-żjarat ta' informazzjoni tal-Ombudsman, u tikkomunika ma' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE fuq inizjattivi ta' *outreach*. Il-Membri ta' din it-Taqsima huma wkoll responsabbli sabiex jiktbu l-pubblikazzjonijiet u d-diskorsi tal-Ombudsman. Is-Sra. Rosita AGNEW, li hija Irlandiża u li bdiet taħdem għall-Ombudsman fl-2001, hija l-Kap ta' din it-Taqsima.

— Il-Kumitat tal-Persunal

Il-Kumitat tal-Persunal tal-Ombudsman jirrappreżenta l-interessi tal-persunal u jippromwovi d-dialogu kontinwu bejn l-istituzzjoni u l-persunal. Il-Kumitat tal-Persunal ikkontribwixxa bil-kbir għall-iffunzjonar mingħajr xkiel tas-servizz, kemm billi jipprovdi mezz għall-persunal sabiex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom, kif ukoll billi jiġbed l-attenzjoni tal-amministrazzjoni ta' kwalunkwe diffikultajiet li jikkonċernaw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regolamenti rilevanti. Il-Kumitat tal-Persunal iressaq is-suġġerimenti li jikkonċernaw l-organizzazzjoni u l-operat tas-servizz, kif ukoll proposti għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ġajxien tal-persunal. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tal-Persunal lagħab irwol importanti fl-irtiri annwali tal-persunal sa mis-sena 2006.

Bħalissa hemm tliet membri eletti tal-Kumitat, jiġifieri, il-President, is-Sur Daniel KOBLENCZ, is-Sra. Elodie BELFY u s-Sur Christopher MILNES.

— L-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta

Kull istituzzjoni tal-UE għandha Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta (*Data Protection Officer - DPO*), li jikkoopera mas-Sorveljatur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta u jassigura li d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-dejta mhux probabbli li jkunu affettwati b'mod negattiv mill-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-dejta. Id-DPO jassigura wkoll li l-kontrolluri tad-dejta u s-suġġetti tad-dejta jkunu informati dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament 45/2001¹. Is-Sur Loïc JULIEN ilu minn Marzu 2006 iservi bħala l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta fl-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew.

5.2 Baġit

■ Il-Baġit fl-2009

Mill-1 ta' Jannar 2000, il-baġit tal-Ombudsman sar sezzjoni indipendenti tal-baġit tal-Unjoni Ewropea (bħalissa s-sezzjoni VIII)². Huwa maqsum fi tliet titoli. It-Titolu 1 jinkludi s-salarji, benefiċċji

1. Regolament (KE) 45/2001 tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta, ĠU 2001 L 8, p. 1.

2. Regolament tal-Kunsill (KE, Ecsc, Euratom) Nru 2673/1999 tat-13 ta' Diċembru 1999 li jemenda r-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU 1999 L 326, p. 1.

u spejjeż oħrajn relatati mal-persunal. It-Titolu 2 jkopri l-bini, l-għamara, it-tagħmir u l-infiq operattiv mixxellanju. It-Titolu 3 jinkludi l-infiq li jirriżulta mill-funzjonijiet ġenerali mwettqa mill-istituzzjoni. L-appropriazzjonijiet ibbaġitjati fl-2009 jammontaw għal EUR 8 906 880.

■ Il-kooperazzjoni Interistituzzjonali

Sabiex jassigura l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi, u sabiex jevita li jkun hemm dupplikazzjoni bla bżonn tal-persunal, fejn ikun possibbli, l-Ombudsman jikkoopera ma' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE.

Sabiex jassigura l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi, u sabiex jevita li jkun hemm dupplikazzjoni bla bżonn tal-persunal, fejn ikun possibbli, l-Ombudsman jikkoopera ma' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE.

Għalhekk, waqt li s-servizzi pprovduti ovvjament jiġu fatturati lill-Ombudsman Ewropew, din il-kooperazzjoni ppermettiet li jkun hemm iffrankar konsiderevoli fl-effiċjenza għall-baġit tal-UE. L-Ombudsman jikkoopera, b'mod partikolari, ma':

(i) il-Parlament Ewropew, fir-rigward tal-verifika interna u l-kontabilità, kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam ma' servizzi tekniċi,

inkluż il-bini, it-teknoloġija tal-informatika, il-komunikazzjoni, is-servizzi mediċi, it-taħriġ, it-traduzzjoni u l-interpretar;

(ii) l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fuq diversi aspetti tal-pubblikazzjonijiet;

(iii) iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-UE, li jipprovdi ħafna mit-traduzzjonijiet meħtieġa mill-Ombudsman fil-ħidma tiegħu b'riżq iċ-ċittadini.

■ Il-kontroll baġitarju

Bil-għan li tiġi assicurata l-ġestjoni effettiva tar-riżorsi, l-awditur intern tal-Ombudsman, is-Sur Robert GALVIN, iwettaq kontrolli regolari tas-sistemi tal-kontroll intern tal-istituzzjoni u tal-operazzjonijiet finanzjarji mwettqa mill-uffiċċju.

Bħal istituzzjonijiet oħrajn tal-UE, l-istituzzjoni tal-Ombudsman tiġi wkoll ivverifikata mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Kif tikkuntattja lill-Ombudsman Ewropew

Permezz tal-posta

Ombudsman Ewropew
1 Avenue du Président Robert Schuman
CS 30403
67001 Strasbourg Cedex
FRANZA

Permezz tat-telefon

+33 3 88 17 23 13

Permezz tal-fax

+33 3 88 17 90 62

Permezz ta' e-mail

eo@ombudsman.europa.eu

Websajt

<http://www.ombudsman.europa.eu>

L-Ombudsman Ewropew
jinvestiga ilmenti dwar
amministrazzjoni ħażina
fl-istituzzjonijiet,
il-korpi, u l-organi tal-UE.

→→→ <http://www.ombudsman.europa.eu>

Ombudsman Ewropew
1 Avenue du Président Robert Schuman
CS 30403
67001 Strasbourg Cedex
FRANZA

